ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 87

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

31 ta' Marzu 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta1-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) ..... 42

★ **Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)** ([1]) ..... 70

★ **Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li jadatta numru ta' atti soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – Parti Tnejn** ..... 109

★ **Regolament (KE) Nru 220/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni** ..... 155

★ **Regolament (KE) Nru 221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni** ([1]) ..... 157

★ **Regolament (KE) Nru 222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri** ..... 160


**Prezz: 30 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

([1]) Test b'rilevanza ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej** ([1]) ........ 164

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004** (ĠU L 324, 10.12.2007) ........ 174

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 216/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-11 ta' Marzu 2009**

**dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana**

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2597/95 tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar il-preżentazzjonijoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'żoni li m'humiex fin-Nord Atlantiku ([2]) ġie emendat f'diversi okkażjonijiet ([3]) b'mod sinifikanti. Issali qed isiru emendi ġodda lil dan ir-Regolament, huwa xieraq, minħabba raġunijiet ta' ċarezza, li d-dispożizzjonijet in kwistjoni jiġu mfassla mill-ġdid.

(2) Il-Komunità Ewropea saret membru tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

(3) Il-Protokoll stabbilit bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-FAO l-istatistika li tiġi mitluba.

(4) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà l-għanijiet tal-azzjoni proposta jistgħu jinkisbu biss fuq il-bażi ta' att legali Komunitarju għaliex il-Kummissjoni biss tista' tikkordina l-armonizzazzjoni neċessarja tal-informazzjoni statistika fil-livell tal-Komunità filwaqt illi l-ġbir ta' statistiċi dwar is-sajd u l-infrastruttura neċessarja sabiex tiġi pproċessata u verifikata l-affidabilita' tal-istess statistiċi hi l-ewwel u qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

(5) Diversi Stati Membri talbu l-preżentazzjoni tad-data f'forma differenti jew b'mezz differenti minn dak speċifikat fl-Anness V (l-ekwivalenti tal-kwestjonarji Statlant).

(6) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistablixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

(7) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadatta l-listi ta' żoni statistiċi tas-sajd, jew tas-suddiviżjonijiet tagħhom, u tal-ispeċi. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni data dwar il-qbid nominali mill-bastimenti rreġistrati fi jew li għandhom il-bandiera ta' dak l-Istat Membru f'żoni tas-sajd li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana, b'kont meħudf tar-Regolament tal-

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009.

([2]) ĠU L 270, 13.11.1995, p. 1.

([3]) Ara l-Anness VII.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika fl-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

Id-data tal-qabda nominali għandha tinkludi l-prodotti tas-sajd kollha li jkunu ttieħdu l-art jew trasbordati bil-baħar irrespettivament mill-għamla, imma għandha teskludi kwantitajiet li, sussegwentement għall-qabda, jiġu mormija l-baħar, jiġu kkonsumati abbord il-bastiment jew użati bħala lixka abbord. Id-data għandha tiġi reġistrata bħala ekwivalenti għall-piż ħaj tal-prodotti li jkunu ttieħdu l-art jew trasbordati, sal-eqreb tunnellata.

*Artikolu 2*

1. Id-data preżentata għandha tkun il-qbid nominali fiż-żoni prinċipali tas-sajd u s-suddiviżjonijiet tagħhom kif elenkati fl-Anness I, deskritti fl-Anness II u illustrati fl-Anness III. Għal kull żona prinċipali ta' sajd l-ispeċi li dwarhom hija meħtieġa d-data huma elenkati fl-Anness IV.

2. Id-data ta' kull sena kalendarja għandha tiġi preżentata fi zmien sitt xhur mill-aħħar tas-sena.

3. Meta l-bastimenti tal-Istati Membri taħt l-Artikolu 1 ma jkunux stadu f'żoni tas-sajd f'dik is-sena kalendarja, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. Madanakollu, fejn is-sajd ikun sar f'żoni tas-sajd prinċipali, preżentazzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa biss għal kumbinazzjonijiet ta' speċi/suddiviżjonijiet li għalihom ikun reġistrat il-qbid, fil-perjodu annwali ta' preżentazzjoni.

4 Id-data fuq speċi ta' importanza minuri maqbuda mill-bastimenti tal-Istati Membri m'hemmx għalfejn jiġu identifikati fil-preżentazzjonijiet imma jistgħu jiġu inklużi aggregatament sakemm it-toqol tal-prodotti ma jeċċedix 5 % mit-total annwali ta' qbid minn dik iż-żona partikolari ta' sajd.

5. Il-Kummissjoni tista' temenda listi ta' żoni tas-sajd statistiċi, jew tas-suddiviżjonijiet tagħhom, u tal-ispeċi.

Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 3*

Ħlief fejn id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-politika komuni tas-sajd jistipulaw mod ieħor, Stat Membru għandu jkun jista' juża teknika għall-kampjuni li minnha joħroġ id-data tal-qabdiet għal dawk il-partijiet tal-flotta tas-sajd li għaliha il-firxa sħiħa tad-data tkun tinvolvi l-applikazzjoni eċċessiva ta' proċeduri amministrattivi. Id-dettalji tal-proċeduri għall-kampjuni, flimkien mad-dettalji tal-proporzjon tad-data kollha li tkun ġiet derivata permezz ta' din it-teknika, trid tkun inkluża mill-Istat Membru fir-rapport preżentat skond l-Artikolu 6(1).

([1]) ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jaqdu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikoli 1 u 2 billi jippreżentaw id-data fuq mezz manjetiku skond il-forma deskritta fl-Anness V.

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw d-data fil-forma dettaljata fl-Anness VI.

Bl-approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw id-data f'forma oħra jew f'mezz ieħor.

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola, stabbilita bid-Deċiżjoni 72/279/KEE ([2]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 6*

1. Sal-14 ta' Novembru 1996, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport iddettaljat lill-Kummissjoni li jiddeskrivi kif id-data dwar il-qabdiet tkun ġiet miksuba waqt li jispeċifikaw il-grad ta' rappreżentattività u affidabilità ta' din id-data. Il-Kummissjoni għandha tagħmel taqsira ta' dawn ir-rapporti għad-diskussjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma kompetenti fil-Kumitat.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull modifikazzjoni tad-data prevista taħt paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Rapporti metodoloġiċi, disponibiltà tad-data u eżattezza tad-data imsemmija fil-paragrafu 1 u affarijiet rilevanti oħra dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba f'sena fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kumitat

*Artikolu 7*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2597/95 huwa b'dan imħassar.

2. Ir-riferenzi li jsiru għar-Regolament imħassar għandhom jiġu mifhuma bħala riferenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw konfermement mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

([2]) ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

*ANNESS I*

## LISTA TAŻ-ŻONI PRINĊIPALI TAS-SAJD TAL-FAO U S-SUDDIVIŻJONIJIET TAGĦHOM LI DWARHOM TRID TIĠI PREŻENTATA D-DATA

(Id-deskrizzjonijiet ta' dawn iż-żoni u suddiviżjonijiet jinsabu fl-Anness II)

### ATLANTIKU ĊENTRALI TAL-LVANT (Żona ta' sajd prinċipali 34)

34.1.1. Diviżjoni Kostali tal-Marokk

34.1.2. Diviżjoni insulari ta' Carnaries/Madeira

34.1.3. Diviżjoni Kostali tas-Sahara

34.2. Sub-żona tat-Tramuntana Oċeanika

34.3.1. Diviżjoni Kostali ta' Cape Verde

34.3.2. Diviżjoni Insulari ta' Cape Verde

34.3.3. Diviżjoni ta' Sherbro

34.3.4. Diviżjoni tal-Golf tal-Punent tal-Guinea

34.3.5. Diviżjoni tal-Golf Ċentrali tal-Guinea

34.3.6. Diviżjoni tal-Golf tan-Nofs in-Nhar tal-Guinea

34.4.1. Diviżjoni tal-Majjistral tal-Guinea

34.4.2. Diviżjoni tal-Majjistral Oċeanika

### BAĦAR MEDITERAN U ISWED (Żona ta' sajd Ewlenija 37)

37.1.1. Diviżjoni Bealearika

37.1.2. Diviżjoni tal-Golf Tal-Iljuni

37.1.3. Diviżjoni ta' Sardinja

37.2.1. Diviżjoni Adrijatika

37.2.2. Diviżjoni Jonika

37.3.1. Diviżjoni tal-Aegean

37.3.2. Diviżjoni tal-Levant

37.4.1. Diviżjoni ta' Marmara

37.4.2. Diviżjoni tal-Baħar L-Iswed

37.4.3. Diviżjoni tal-Baħar t'Azov

### LBIĊ TAL-ATLANTIKU (Żona ta' sajd Ewlenija 41)

41.1.1. Diviżjoni tal-Amazon

41.1.2. Diviżjoni ta' Natal

41.1.3. Diviżjoni ta' Salvador

41.1.4. Diviżjoni tat-Tramuntana Oċeanika

41.2.1. Diviżjoni ta' Santos

41.2.2. Diviżjoni ta' Rio Grande

41.2.3. Diviżjoni ta' Platense

41.2.4. Diviżjoni Ċentrali Oċeanika

41.3.1. Diviżjoni tat-Tramuntana tal-Patagonja

41.3.2. Diviżjoni tan-Nofs in-Nhar tal-Patagonja

41.3.3. Diviżjoni tat-Tramuntana Oċeanika

**XLOKK TAL-ATLANTIKU (Żona ta' sajd Ewlenija 47)**

47.1.1. Diviżjoni ta' Cape Palmeirinhas
47.1.2. Diviżjoni ta' Cape Salinas
47.1.3. Diviżjoni ta' Cunene
47.1.4. Diviżjoni ta' Cape Cross
47.1.5. Diviżjoni ta' Orange River
47.1.6. Diviżjoni ta' Cape of Good Hope
47.2.1. Diviżjoni taċ-Ċentru ta' Agulhas
47.2.2. Diviżjoni tal-Lvant ta' Agulhas
47.3. Sub-żona tan-Nofs in-Nhar Oċeaniku
47.4. Sub-żona ta' Tristan da Cunha
47.5. Sub-żona ta' St Helena u Ascension

**OĊEAN INDJAN TAL-PUNENT (Żona ta' sajd Ewlenija 51)**

51.1. Sub-żona tal-Baħar l-Aħmar
51.2. Sub-żona tal-Golf
51.3. Sub-żona tal-Baħar Gharbi tal-Punent
51.4. Sub-żona tal-Baħar Gharbi tal-Lvant, talaccadive tas-Sri Lanka Sub-żona
51.5. Sub-żona tas-Somalja, Kenja u Tanzanija
51.6. Sub-żona tal-Madagascar u tal-Kanal tal-Mozambik
51.7. Sub-żona Oċeaniku
51.8.1. Diviżjoni ta' Marion-Edward
51.8.2. Diviżjoni ta' Zambesi

*ANNESS II*

**ATLANTIKU TAL-LVANT ĊENTRALI (Żona tas-sajd prinċipali 34)**

L-Anness III A juri l-konfini u s-sottożoni, diviżjonijiet u suddiviżjonijiet tal-Atlantiku Lvant Ċentrali (Żona tas-sajd prinċipali 34 (Atlantiku Lvant Ċentrali)). Issegwi deskrizzjoni taż-żona u tas-sottożoni, diviżjonijiet u suddiviżjonijiet tagħha. Il-Lvant Ċentrali tal-Atlantiku jinkludi l-ibħra tal-Atlantiku fil-konfini talinja imniżżla kif ġej:

minn punt fis-sinjal tal-ilma għoli tat-tramuntana tal-Afrika f'lonġitudni tal-punent 5°36' f'direzzjoni lejn lbiċ li jsegwi s-sinjal tal-ilma għoli ma' tul din il-kosta sa punt f'Ponta do Padrão (6°04'36″ latitudni tan-nofsinhar u 12°19'48″ lonġitudni tal-lvant); minn hemm 'l quddiem ma' tul linja *romba* f'direzzjoni tal-majjistral sa punt fuq latitudni tan-nofsinhar 6°00' u 12°00' lonġitudni tal-lvant; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul 6°00' latitudni tan-nofsinhar sa 20°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sa' l-Ekwatur; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sa 30°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sa 5°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sa 40°00' lonġitudni tal-punent, minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sa 36°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn l-lvant sa Punta Marroqui f'lonġitudni tal-punent 5°36'; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-punt oriġinali tal-kosta Afrikana.

L-Atlantiku tal- Lvant Ċentrali huwa sottodiviż bil-mod segwenti:

**Sottożona tal-kosta tat-tramuntana (Sottożona 34.1)**

(a) *Diviżjoni tal-kosta tal-Marokk (Diviżjoni 34.1.1)*

Ibħra li jinsabu bejn 36°00' latitudni tat-tramuntana u 26°00' latitudni tat-tramuntana, u lejn l-lvant minn linja mniżżla lejn in-nofsinhar minn 36°00' latitudni tat-tramuntana ma' tul 13°00' lonġitudni tal-punent sa 29°00' latitudni tat-tramuntana, u minn hemm 'l quddiem f'direzzjoni tal-lbiċ ma tul linja romba sa punt 26°00' latitudni tat-tramuntana u 16°00' lonġitudni tal-punent.

(b) *Kanajri/Madejra iinsulari (Diviżjoni 34.1.2)*

Ibħra li jinsabu bejn 36°00' latitudni tat-tramuntana u 26°00' latitudni tat-tramuntana, u bejn 20°00' lonġitudni tal-lvant u linja mniżżla minn 36°00' latitudni tat-tramuntana ma tul 13°00' lonġitudni tal-punent sa 29°00' latitudni tat-tramuntana, u minn hemm 'l quddiem f'direzzjoni lbiċ ma tul linja romba sa punt 26°00' latitudni tat-tramuntana u 16°00' lonġitudni tal-punent.

(c) *Diviżjoni tal-kosta tas-Saħara (Diviżjoni 34.1.3)*

Ibħra li jinsabu bejn 26°00' latitudni tat-tramuntana u 19°00' latitudni tat-tramuntana u lejn lvant minn 20°00' lonġitudni tal-punent.

**Sottożona tal-oċean tat-tramuntana (Sotto-żona 34.2)**

Ibħra li jinsabu bejn 36°00' latitudni tat-tramuntana u 20°00' latitudni tat-tramuntana u bejn 40°00' lonġitudni tal-punent u 20°00' lonġitudni tal-punent.

**Sottożona tal-kosta ta' nofsinhar (Sottożona 34.3)**

(a) *Diviżjoni tal-kosta ta' Cape Verde (Diviżjoni 34.3.1)*

Ibħra li jinsabu bejn 19°00' u 9°00' latitudni tat-tramuntana, u lejn lvant minn 20°00' lonġitudni tal-punent.

(b) *Diviżjoni ta' Cape Verde insulari (Diviżjoni 34.3.2)*

Ibħra li jinsabu bejn 20°00' latitudni tat-tramuntana u 10°00' latitudni tat-tramuntana u bejn 30°00' lonġitudni tal-punent u 20°00' lonġitudni tal-punent.

(c) *Diviżjoni ta' Sherbro (Diviżjoni 34.3.3)*

Ibħra li jinsabu bejn 9°00' latitudni tat-tramuntana u l-Ekwatur, u bejn 20°00' lonġitudni tal-punent u 8°00' lonġitudni tal-punent.

(d) *Diviżjoni tal-Golf tal-Punent tal-Guinea (Diviżjoni 34.3.4)*

Ibħra li jinsabu lejn it-tramuntana mill-Ekwatur, u bejn 8°00' lonġitudni tal-punent u 3°00' lonġitudni talvant.

(e) *Diviżjoni tal-Golf Ċentrali tal-Guinea (Diviżjoni 34.3.5)*

Ibħra li jinsabu lejn it-tramuntana mill-Ekwatur, u lejn lvant minn 3°00' lonġitudni talvant.

(f) *Diviżjoni tal-Golf tan-Nofsinhar tal-Guinea (Diviżjoni 34.3.6)*

Ibħra li jinsabu bejn l-Ekwatur u 6°00’ latitudni ta’ nofsinhar, u lejn lvant minn 3°00’ lonġitudni talvant. Din id-diviżjoni tinkludi wkoll l-ibħra tal-estwarju tal-Kongo li jinsabu lejn nofsinhar minn 6°00’ latitudni tan-nofsinhar inklużi b’linja mniżżla minn punt ġo Ponta do Padrão (6°04’36″ Latitudni ta’ nofsinhar u 12°19’48″ lonġitudni talvant) ma’ tul linja romba f’direzzjoni lejn il-majjistral sa punt fuq 6°00’ latitudni ta’ nofsinhar u 12°00’ lonġitudni talvant, u minn hemm ‘l quddem lejn lvant ma’ tul 6°00’ latitudni ta’ nofsinhar sal-kosta Afrikana u minn hemm ‘l quddiem ma’ tul il-kosta Afrikana sal-punt oriġinali f’Ponta do Padrão.

**Sottożona tal-oċean ta’ nofsinhar (Sottożona 34.4)**

(a) *Diviżjoni tal-Golf talbiċ tal-Guinea (Diviżjoni 34.4.1)*

Ibħra li jinsabu bejn l-Ekwatur u 6°00’ latitudni ta’ nofsinhar, u bejn 20°00’ lonġitudni tal-punent u 3°00’ lonġitudni talvant.

(b) *Diviżjoni tal-Oċean talbiċ (Diviżjoni 34.4.2)*

Ibħra li jinsabu 20°00’ latitudni tat-tramuntana u 5°00’ latitudni tat-tramuntana, u bejn 40°00’ lonġitudni tal-punent u 30°00’ lonġitudni tal-punent; ibħra li jinsabu bejn 10°00’ latitudni tat-tramuntana u l-Ekwatur, u bejn 30°00’ lonġitudni tal-punent u 20°00’ lonġitudni tal-punent.

## IL-MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED (Żona tas-sajd prinċipali 37)

L-Anness III B juri l-konfini u s-sottożoni u diviżjonijiet tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed (żona tas-sajd prinċipali 37). Isegwi deskrizzjoni taż-żona u tas-suddiviżjonijiet tagħha.

Iż-żona statistika tal-Mediterran u l-Baħar l-Iswed jikkomprendi l-ibħra (a) tal-Mediterran; (b) il-Baħar ta’ Marmara; (c) il-Baħar l-Iswed u (d) il-Baħar ta’ Azov. L-ibħra jinkludu ilmijiet u żoni oħra kollha li fihom jinsabu l-ħut u fejn huma predominanti organiżmi oħra ta’ oriġini marina. Il-konfini tal-punent u tax-xlokk huma definiti kif ġej:

(a) konfini tal-punent: linja lejn in-nofsinhar ma’ tul 5°36’ lonġitudni tal-punent minn Punta Marroqui sal-kosta tal-Afrika;

(b) konfini tax-xlokk: id-dħul tat-tramuntana (fil-Mediterran) tal-Kanal Suez.

## IS-SOTTO-ŻONI U DIVIŻJONIJIET TAŻ-ŻONA STATISTIKA TAL-MEDITERRAN

Il-**Mediterran tal-punent (Sottożona 37.1)** jikkomprendi id-diviżjonijiet li ġejjin:

(a) *Baleariku (Diviżjoni 37.1.1)*

L-ibħra tal-Mediterran tal-punent konfinati minn linja li tibda mill-kosta tal-Afrika fil-fruntiera bejn l-Alġerija u t-Tuneżija, lejn it-tramuntana sa 38°00’ latitudni tat-tramuntana; u minn hemm ‘l quddiem lejn il-punent sa 8°00’ lonġitudni talvant; u minn hemm ‘l quddiem lejn it-tramuntana sa 41°20’ latitudni tat-tramuntana; u minn hemm ‘l quddiem lejn il-punent ma’ tul linja romba sal-kosta fil-lvant tal-fruntiera bejn Franza u Spanja; minn hemm ‘l quddiem ma’ tul il-kosta Spanjola sa Punta Marroqui; minn hemm ‘l quddiem lejn nofsinhar ma’ tul 5°36’ lonġitudni tal-punent sal-kosta tal-Afrika; minn hemm ‘l quddiem lejn lvant ma’ tul il-kosta tal-Afrika sal-punt ta’ tluq.

(b) *Golf tal-Iljuni (Diviżjoni 37.1.2)*

L-ibħra tal-Mediterran tal-majjistral konfinat minn linja li tibda fuq il-kosta fit-tarf talvant tal-fruntiera bejn Franza u Spanja lejn lvant ma’ tul linja romba sa 8°00’ lonġitudni talvant 41°20’ latitudni tat-tramuntana; minn hemm ‘l quddiem lejn it-tramuntana ma’ tul linja romba sal-kosta fil-fruntiera bejn Franza u l-Italja; u minn hemm lejn lbiċ ma’ tul il-kosta ta’ Franza sal-punt tat-tluq.

(c) *Sardinja (Diviżjoni 37.1.3)*

L-ibħra tal-Baħar Tirrenju u ibħra adjaċenti konfinati minn linja li tibda fuq il-kosta tal-Afrika fil-fruntiera bejn l-Alġerija u l-Marokk lejn it-tramuntana sa 38°00’ latitudni tat-tramuntana; minn hemm ‘l quddiem lejn l-punent sa 8°00’ lonġitudni talvant; minn hemm ‘l quddiem lejn it-tramuntana sa 41°20’ latitudni tat-tramuntana; minn hemm ‘l quddiem lejn it-tramuntana ma’ tul linja romba sal-kosta fil-fruntiera bejn Franza u l-Italja; minn hemm ‘l quddiem ma’ tul il-kosta tal-Italja sa 38°00’ latitudni tat-tramuntana; minn hemm ‘l quddiem lejn il-punent ma’ tul 38°00’ latitudni tat-tramuntana sal-kosta ta’ Sqallija; minn hemm ‘l quddiem ma’ tul il-kosta ta’ Sqallija sa Trapani; minn hemm ‘l quddiem ma’ tul linja romba sa Cape Bon; minn hemm ‘l quddiem lejn il-punent ma’ tul il-kosta tat-Tunisija sal-punt tat-tluq.

**Il-Mediterran Ċentrali (Sottożona 37.2)** jikkomprendi d-diviżjonijiet segwenti:

(a) *Adrijatiku (Diviżjoni 37.2.1)*

L-ibħra tal-Baħar Adrijatiku lejn it-tramuntana talinja bejn il-fruntiera tal-Albanija u l-Montenegro fuq il-kosta talvant tal-Baħar Adrijatiku lejn il-punent sa Cape Gargano fuq il-kosta tal-Italja.

(b) *Jonju (Diviżjoni 37.2.2)*

L-ibħra tal-Mediterran Ċentrali u ibħra adjeċenti konfinati minn linja li tibda 25°00' lonġitudni talvant fuq il-kosta tan-Nord Afrika lejn it-tramuntana sa 34°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sa 23°00' lonġitudni talvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-kosta tal-Greċja; minn hemm 'l quddiem ma' tul il-kosta tal-punent tal-Greċja u l-kosta tal-Albanija sal-fruntiera bejn l-Albanija u l-Montenegro; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sa Cape Gargano fuq il-kosta tal-Italja; minn hemm 'l quddiem ma' tul il-kosta tal-Italja sa 38°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul 38°00' latitudni tat-tramuntana sal-kosta ta' Sqallija; minn hemm 'l quddiem ma' tul il-kosta tat-tramuntana ta' Sqallija sa Trapani; minn hemm 'l quddiem ma' tul linja romba minn Trapani sa Cape Bon; minn hemm 'l quddiem lejn lvant ma' tul il-kosta tal-Afrika ta' Fuq sal-punt ta' tluq.

**Il-Mediterran talvant (Sottożona 37.3)** jikkomprendi id-diviżjonijiet segwenti:

(a) *Eġew (Diviżjoni 37.3.1)*

L-ibħra tal-Baħar Eġew u ibħra adjeċenti konfinati minn linja li tibda fuq il-kosta tan-nofsinhar tal-Greċja fi 23°00' lonġitudni talvant u lejn nofsinhar sa 34°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sa 29°00' lonġitudni talvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-kosta tat-Turkija; minn hemm 'l quddiem ma' tul il-kosta tal-punent tat-Turkija sa Kum Kale; minn hemm 'l quddiem ma' tul linja romba minn Kum Kale sa Cape Hellas; minn hemm 'l quddiem ma' tul il-kosti tat-Turkija u tal-Greċja sal-punt tat-tluq.

(b) *Levant (Diviżjoni 37.3.2)*

L-ibħra tal-Mediterran lvant minn linja li tibda fuq il-kosta tan-Nord Afrika fi 25°00' lonġitudni talvant lejn it-tramuntana sa 34°00' latitudni tat-tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sa 29°00' lonġitudni talvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-kosta tat-Turkija; minn hemm 'l quddiem mal-kosti tat-Turkija u pajjiżi oħra tal-Mediterran talvant sal-punt tat-tluq.

**Il-Baħar l-Iswed (Sottożona 37.4)** jikkomprendi id-diviżjonijiet segwenti:

(a) *Il-Baħar Marmara (Diviżjoni 37.4.1)*

L-ibħra tal-Baħar Marmara konfinanti mil-punent b'linja minn Cape Hellas sa Kum Kale fl-entratura tad-Dardanelles; u mil-lvant minn linja li tittraversa il-Bosfru minn Kumdere.

(b) *Baħar l-Iswed (Diviżjoni 37.4.2)*

L-ibħra tal-Baħar l-Iswed u ibħra adjeċenti konfinati mil-lbiċ minn linja li tittraversa il-Bosporus minn Kumdere u konfinati mill-grigal, minn linja minn Takil Point fil-peninsula Kerch sa Panagija Point fil-peninsula Taman.

(c) *Baħar Azov (Diviżjoni 37.4.3)*

L-ibħra tal-Baħar Azov lejn it-tramuntana talinja mill-entratura tan-nofsinhar tal-Kerch Strait, li tibda minn Takil Point fi 45°06' Tramuntana u 36°27' Lvant fuq il-peninsula Kerch, u tittraversal-istrett sa Panagija Point fi 45°08' Tramuntana u 36°38' Lvant fuq il-peninsula Taman.

## ATLANTIKU TALBIĊ (Żona tas-sajd prinċipali 41)

L-Anness III Ċ juri l-konfini u s-suddiviżjonijiet tal-Atlantiku talbiċ (żona tas-sajd prinċipali 41).

Issegwi deskrizzjoni ta' dawn iż-żoni.

L-Atlantiku talbiċ (żona tas-sajd prinċipali 41) għandha tkun definita bħala l-ibħra konfinati minn linja li tibda mill-kosta tas-Sud Amerika ma' tul il-parallel 5°00' latitudni tat-tramuntana sal-meridjan fi 30°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-Ekwatur; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan fi 20°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 50°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan fi 50°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 60°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan fi 67°16' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-punt 56°22' Nofsinhar 67°16' Punent; minn hemm 'l quddiem lejn lvant ma' tul linja fi 56°22' Nofsinhar sa punt 65°43' Punent; il-linja segwenti iġġonġi il-punti 55°22' Nofsinhar 65°43' Punent, 55°11' Nofsinhar 66°04' Punent, 55°07' Nofsinhar 66°25' Punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

L-Atlantiku talbiċ huwa diviż fid-diviżjonijiet li ġejjin:

*Diviżjoni tal-Amażonja (Diviżjoni 41.1.1)*

L-ibħra kollha konfinati minn linja li tibda fuq il-kosta tas-Sud Amerika fi 5°00' latitudni tat-tramuntana li jidħol ma' tul dan il-parallel sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 40°00' lonġitudini tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-punt fejn dan il-meridjan jgħaddi minn ġol-kosta tal-Brażil; minn hemm 'l quddiem lejn il-majjistral ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni Natal (Diviżjoni 41.1.2)*

Ibħra konfinati minn linja lejn it-tramuntana mill-kosta tal-Brażil ma' tul meridjan fi 40°00' lonġitudni tal-punent sa fejn tiltaqa' mal-Ekwatur; minn hemm 'l quddiem lejn lvant ma' tul l-Ekwatur sal-meridjan fi 32°00' Punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 10°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sa fejn il-parallel fi 10°00' Nofsinhar jiltaqa' mal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni tas-Salvador (Diviżjoni 41.1.3)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 10°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 35°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 20°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel sal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni tal-Oċean tat-Tramuntana (Diviżjoni 41.1.4)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant minn 5°00' Tramuntana 40°00' Punent sal-meridjan fi 30°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-Ekwatur; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan fi 20°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 20°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan fi 35°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel fi 10°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan fi 32°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-Ekwatur; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridian fi 40°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni Santos (Diviżjoni 41.2.1)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 20°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 39°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 29°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel sal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni ta' Rio Grande (Diviżjoni 41.2.2)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 29°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 45°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 34°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel sal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni Platense (Diviżjoni 41.2.3)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 34°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 50°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 40°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel sal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni tal-Oċean Ċentrali (Diviżjoni 41.2.4)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant minn 20°00' Nofsinhar 39°00' Punent sal-meridjan fi 20°00' latitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 40°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan fi 50°00' latitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel fi 34°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan fi 45°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel fi 29°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan fi 39°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-punt ta' tluq.

*Diviżjoni tal-Patagonja tat-Tramuntana (Diviżjoni 41.3.1)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 40°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 50°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 48°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel sal-kosta tas-Sud Amerika; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni tal-Patagonja ta' Nofsinhar (Diviżjoni 41.3.2)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant mill-kosta tas-Sud Amerika fi 48°00' latitudni ta' nofsinhar sa fejn tiltaqa' mal-meridjan fi 50°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 60°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent ma' tul dan il-parallel fi 67°16' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-punt fi 56°22' Nofsinhar 67°16' Punent; minn hemm 'l quddiem fuq linja loksiodromika li ġġonġi l-punti 56°22' Nofsinhar 65°43' Punent; 55°22' Nofsinhar 65°43' Punent; 55°11' Nofsinhar 66°04' Punent; 55°07' Nofsinhar 66°25' Punent; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana ma' tul il-kosta tas-Sud Amerika sal-punt tat-tluq.

*Diviżjoni tal-Oċean ta' Nofsinhar (Diviżjoni 41.3.3)*

Ibħra konfinati minn linja lejn lvant minn 40°00' Nofsinhar 50°00' Punent sal-meridjan fi 20°00' lonġitudni tal-punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel fi 50°00' latitudni ta' nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana u l-punt tat-tluq.

## ATLANTIKU TAX-XLOKK (Żona tas-sajd prinċipali 47)

L-Anness III D juri l-konfini u suddiviżjonijiet tal-Atlantiku tax-Xlokk. Issegwi deskrizzjoni taż-Żona tal-Konvenzjoni ICSEAF.

L-Atlantku tax-Xlokk (Żona tas-sajd prinċipali 47) tikkomprendi l-ibħra konfinati min linja li tibda f'punt 6°04' 36″ latitudni ta' nofsinhar u 12°19' 48″ lonġitudni talvant; minn hemm 'l quddiem lejn il-majjistral ma' tul linja romba sa punt fejn jiltaqa' l-meridjan 12° lvant mal-parallel 6° nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent matul dan il-parallel sal-meridjan 20° punent; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar matul dan il-meridjan sal-parallel 50° nofsinhar, minn hemm 'l quddiem lejn lvant matul dan il-parallel sal-meridjan 30° lvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-meridjan sal-kosta tal-kontinent Afrikan; minn hemm 'l quddiem f'direzzjoni lejn il-punent ma' tul il-kosta sal-punt tat-tluq.

L-Atlantiku tax-Xlokk (Żona tas-sajd prinċipali 47) hija suddiviża kif ġej:

### Sottożona tal-kosta tal-punent (Sottożona 47.1)

(a) *Diviżjoni ta' Cape Palmeirinhas (Diviżjoni 47.1.1)*

Ibħra li jinsabu bejn 6°00' latitudni ta' nofsinhar u 10°00' latitudni ta' nofsinhar u lvant sa 10°00' lonġitudni talvant. Huma esklużi minn din id-diviżjoni l-ibħra tal-eswarju tal-Kongo (, jiġifieri l-ibħra li jinsabu lejn il-grigal mill-linja mniżżla minn Punta do Padrão (6°04' 36″ Nofsinhar u 12°19' 48″ Lvant) sa punt 6°00' Nofsinhar u 12°00' Lvant.

(b) *Diviżjoni ta' Cape Salinas (Diviżjoni 47.1.2)*

Ibħra li jinsabu bejn 10°00' latitudni ta' nofsinhar u 15°00' latitudni ta' nofsinhar u lvant sa 10°00' lonġitudni talvant.

(c) *Diviżjoni Cunene (Diviżjoni 47.1.3)*

Ibħra li jinsabu bejn 15°00' latitudni ta' nofsinhar u 20°00' latitudni ta' nofsinhar u lvant sa 10°00' lonġitudni talvant.

(d) *Diviżjoni Cape Cross (Diviżjoni 47.1.4)*

Ibħra li jinsabu bejn 20°00' latitudni ta' nofsinhar u 25°00' latitudni ta' nofsinhar u lvant sa 10°00' lonġitudni talvant.

(e) *Diviżjoni Orange River (Diviżjoni 47.1.5)*

Ibħra li jinsabu bejn 25°00' latitudni ta' nofsinhar u 30°00' latitudni ta' nofsinhar u lvant sa 10°00' lonġitudni talvant.

(f) *Diviżjoni ta' Cape of Good Hope (Diviżjoni 47.1.6)*

Ibħra li jinsabu bejn 30°00' latitudni ta' nofsinhar u 40°00' latitudni ta' nofsinhar bejn 10°00' latitudni talvant u 20°00' latitudni talvant.

### Sottożona tal-kosta Agulhas (Sottożona 47.2)

(a) *Diviżjoni tal-Agulhas Ċentrali (Diviżjoni 47.2.1)*

Ibħra li jinsabu lejn it-tramuntana minn 40°00' latitudni ta' nofsinhar u bejn 20°00' lonġitudni talvant u 25°00' lonġitudni talvant.

(b) *Diviżjoni tal-Agulhas talvant (Diviżjoni 47.2.2)*

Ibħra li jinsabu lejn it-tramuntana minn 40°00’ latitudni ta’ nofsinhar u bejn 25°00’ lonġitudni talvant u 30°00’ lonġitudni talvant.

**Sottożona tal-oċean ta’ nofsinhar (Sottożona 47.3)**

Ibħra li jinsabu bejn 40°00’ latitudni ta’ nofsinhar u 50°00’ latitudni ta’ nofsinhar u bejn 10°00’ latitudni talvant u 30°00’ latitudni talvant.

**Sottożona Tristan da Cunha (Sottożona 47.4)**

Ibħra li jinsabu bejn 20°00’ latitudni ta’ nofsinhar u 50°00’ latitudni ta’ nofsinhar u bejn 20°00’ latitudni tal-punent u 30°00’ latitudni talvant.

**Sottożona St Helena u Ascension (Sottożona 47.5)**

Ibħra li jinsabu bejn 6°00’ latitudni ta’ nofsinhar u 20°00’ latitudni ta’ nofsinhar u bejn 20°00’ lonġitudni tal-punent u 10°00’ lonġitudni talvant.

**OĊEAN INDJAN TAL-PUNENT (Żona tas-sajd prinċipali 51)**

L-Oċean Indjan tal-Punent jikkomprendi ġeneralment:

(a) il-Baħar l-Aħmar;

(b) il-Golf ta’ Aden;

(c) il-golf bejn il-kosta’ tal-Iran u l-Peninsula tal-Arabja;

(d) il-Baħar Arabjan;

(e) dik il-parti tal-Oċean Indjan, inkluż il-Kanal tal-Możambik, li jinsabu bejn il-meridjani 30°00’ Lvant u 80°00’ Lvant u lejn it-tramuntana mil-linja tal-konverġenza tal-Antartiku u li tinkludi l-ibħra madwar Sri Lanka.

L-Anness III E juri l-konfini u s-suddiviżjonijiet tal-Oċean Indjan tal-Punent (żona tas-sajd prinċipali 51).

L-Oċean Indjan tal-Punent għandu jiġi definit bħala li għandu l-konfini segwenti:

— il-konfini mal-Baħar Mediterranju: id-dħul tat-tramuntana tal-Kanal Suez,

— il-konfini tal-baħar tal-punent: linja li tibda fuq il-kosta talvant tal-Afrika fi 30°00’ lonġitudni talvant u mniżżla lejn nofsinhar sa 45°00’ latitudni ta’ nofsinhar,

— il-konfini tal-baħar talvant: Linja romba li tibda fuq il-kosta tax-xlokk tal-Indja (Point Calimere) u li timxi f’direzzjoni lejn il-grigal biex tiltaqa’ ma’ punt 82°00’ lonġitudni talvant 11°00’ latitudni tat-tramuntana, minn hemm ‘l quddiem lejn lvant sal-meridjan 85°00’ Lvant; għalhekk minn hemm ‘l quddiem lejn nofsnihar sal-parallel 3°00’ Tramuntana; minn hemm ‘l quddiem lejn il-punent sal-meridjan 80°00’ Lvant; minn hemm ‘l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel 45°00’ Nofsinhar,

— il-fruntiera ta’ nofsinhar: linja ma’ tul il-parallel 45°00’ Nofsinhar minn 30°00’ lonġitudni talvant sa 80°00’ lonġitudni talvant.

L-Oċean Indjan tal-Punent huwa sottodiviż bil-mod segwenti:

**Sottożona tal-Baħar l-Aħmar (Sottożona 51.1)**

— Limitu tat-tramuntana: id-dħul tat-tramuntana tal-Kanal Suez.

— Limitu ta’ nofsinhar: linja romba mill-fruntiera bejn l-Etjopja u r-Repubblika ta’ Djibouti fuq il-kosta tal-Afrika, li taqsam il-bokka tal-Baħar l-Aħmar, sal-fruntiera bejn l-ex-Repubblika Għarbija tal-Jemen u l-ex-Repubblika Polopalri Demokratika tal-Jemen fuq il-Peninsula Għarbija.

**Sottozona tal-Golf (Sottozona 51.2)**

Il-bokka tal-Golf hija magħluqa b'linja li tibda fil-ponta tat-tramuntana ta' Ra's Musandam u tersaq lejn lvant sal-kosta tal-Iran.

**Sottożona tal-Baħar Għarbi tal-Punent (Sottożona 51.3)**

Il-konfini talvant u ta' nofsinhar huma linja mill-fruntiera bejn l-Iran u l-Pakistan fuq il-kosta tal-Asja li tersaq lejn nofsinhar sal-20°00' Tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan 65°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel 10°00' N; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-kosta tal-Afrika; konfini marittimi oħra huma l-konfini komuni mas-sottożoni 51.1 u 51.2 (ara aktar 'l fuq).

**Baħar Għarbi talvant, sottożona Laccadive u Sri Lanka (Sottożona 51.4)**

Il-konfini marittima hija linja li tibda fuq il-kosta tal-Asja fil-fruntiera bejn l-Iran u l-Pakistan u tersaq lejn nofsinhar sal-parallel 20°00' Tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan 65°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel 10°00' Nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan 80°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel 3°00' Tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan 85°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel 11°00' Tramuntana; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan 82°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem ma' tul linja romba f'direzzjoni lbiċ sal-kosta tax-xlokk tal-Indja.

**Sottożona tas-Somalja, il-Kenja u t-Tanżanija (Sottożona 51.5)**

Linja li tibda fuq il-kosta tas-Somalja fi 10°00' Tramuntana lejn lvant sal-meridjan 65°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel 10°00' Nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan 45°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel 10°28' Nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-kosta talvant tal-Afrika bejn Ras Mwambo (lejn it-tramuntana) u l-Villaġġ Mwambo (lejn nofsinhar).

**Sottożona tal-Kanal tal-Madagaskar u l-Możambik (Sottożona 51.6)**

Linja li tibda fuq il-kosta talvant tal-Afrika bejn Ras Mwambo (lejn it-tramuntana) u l-Villaġġ Mwambo (lejn nofsinhar) fi 10°28' S latitudni, tmur lejn lvant sal-meridjan 45°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-parallel 10°00' Nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn lvant sal-meridjan 55°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn nofsinhar sal-parallel 30°00' Nofsinhar; minn hemm 'l quddiem lejn il-punent sal-meridjan 40°00' Lvant; minn hemm 'l quddiem lejn it-tramuntana sal-kosta tal-Możambik.

**Sottożona Oċeanika (Oċean Indjan tal-Punent) (Sottożona 51.7)**

Linja li tibda mill-pożizzjoni 10°00' latitudni ta' nofsinhar u 55°00' lonġitudni talvant, lejn lvant sal-meridjan 80°00' Lvant; lejn nofsinhar sal-parallel 45°00' Nofsinhar; lejn il-punent sal-meridjan 40°00' Lvant; lejn it-tramuntana sal-parallel 30°00' Nofsinhar; lejn lvant sal-meridjan 55°00' Lvant; lejn it-tramuntana sal-punt tat-tluq fuq il-parallel 10°00' Nofsinhar.

**Sotto-zona tal-Możambik (Sottożona 51.8)**

Din is-sottożona tikkomprendi l-ibħra lejn it-tramuntana mill-parallel 45°00' Nofsinhar u bejn il-meridjani 30°00' Lvant u 40°00' Lvant. Hija wkoll suddiviża f'żewġ diviżjonijiet.

**Diviżjoni Marion-Edward (Diviżjoni 51.8.1)**

Ibħra bejn il-paralleli ta' 40°00' Nofsinhar u 50°00' Nofsinhar u l-meridjani ta' 30°00' Lvant u 40°00' Lvant.

**Diviżjoni Żambesi (Diviżjoni 51.8.2)**

Ibħra lejn it-tramuntana tal-parallel 40°00' Nofsinhar u bejn il-meridjani ta' 30°00' Lvant u 40°00' Lvant.

*ANNESS III*

A: ATLANTIKU LVANT ĊENTRALI (Żona tas-sajd prinċipali 34)




B: MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED (Żona tas-sajd prinċipali 37)



C: ATLANTIKU TA’ LBIĊ (Żona tas-sajd prinċipali 41)



D: ATLANTIKU TAX-XLOKK (Żona tas-sajd prinċipali 47)



E: OĊEAN INDJAN TAL-PUNENT (Żona tas-sajd prinċipali 51)



*ANNESS IV*

**LISTA TAL-ISPEĊI LI GĦALIHOM GĦANDHA TIĠI PREŻENTATA D-DATA GĦAL KULL ŻONA TAS-SAJD PRINĊIPALI**

L-ispeċi elenkati hawn isfel huma dawk li għalihom il-qbid ġie rapurtat fl-istatistiċi uffiċjali. Stati Membri għandhom jippreżentaw id-data għal kull waħda mill-ispeċi identifikata jekk disponibbli. Fejn speċi individwali ma jistgħux jiġu identifikati d-data għandha tiġi aggregata u mgħoddija f'kull ħaġa elenkata li tirrappreżenta l-ogħla grad ta' detall possibli.

*Nota*: m.i.b. = mhux indikat band'oħra.

L-ATLANTIKU ĊENTRALI TAL-LVANT (Żona tas-sajd prinċipali 34)

| Isem bil-Malti | Identifikatur 3-alpha | Isem Xjentifiku | Isem bl-Ingliż |
|---|---|---|---|
| Sallura | ELE | *Anguilla anguilla* | European eel |
| Laċċi m.i.b. | SHZ | *Alosa* spp. | Shads n.e.i. |
| Ilisha tal-Afrika tal-Punent | ILI | *Ilisha africana* | West African ilisha |
| Ħuta ċatta m.i.b. | FLX | *Pleuronectiformes* | Flatfishes n.e.i. |
| Barbun t'għajn ix-xellugija | LEF | *Bothidae* | Lefteye flounders |
| Lingwata komuni | SOL | *Solea solea* | Common sole |
| Lingwata kunjarda (= Senegal) | CET | *Dicologlossa cuneata* | Wedge (= Senegal) sole |
| Lingwati m.i.b. | SOX | *Soleidae* | Soles n.e.i. |
| Ħut lingwetti m.i.b. | TOX | *Cynoglossidae* | Tonguefishes n.e.i. |
| Megrim | MEG | *Lepidorhombus whiffiagonis* | Megrim |
| Megrim m.i.b. | LEZ | *Lepidorhombus* spp. | Megrims n.e.i. |
| *Greater forkbeard* | GFB | *Phycis blennoides* | Greater forkbeard |
| Pouting (= Bib) | BIB | *Trisopterus luscus* | Pouting (= Bib) |
| Merlangu blu (= Poutassou) | WHB | *Micromesistius poutassou* | Blue whiting (= Poutassou) |
| Marlozz ewropew | HKE | *Merluccius merluccius* | European hake |
| Marlozz Senegaliz | HKM | *Merluccius senegalensis* | Senegalese hake |
| Marlozz m.i.b. | HKX | *Merluccius* spp. | Hakes n.e.i. |
| Gadiformes m.i.b. | GAD | *Gadiformes* | Gadiformes n.e.i. |
| *Sea catfishes* m.i.b. | CAX | *Ariidee* | Sea catfishes n.e.i. |
| Gringu ewropew | COE | *Conger conger* | European conger |
| Gring Conger m.i.b. | COX | *Congridae* | Congereels n.e.i. |
| Bekkaċċ rqajjaq | SNS | *Macroramphosus scolopax* | Slender snipefish |
| Alfonsinus | ALF | *Beryx* spp. | Alfonsinos |
| Pixxi San Pietru | JOD | *Zeus faber* | John dory |
| John Dory lewn il-fidda | JOS | *Zenopsis conchifer* | Silvery John dory |
| Pixxitrombetta | BOR | *Caproidae* | Boar fishes |
| Demersal percomorphs m.i.b. | DPX | *Perciformes* | Demersal percomorphs n.e.i. |
| Ċerna mdellel | GPD | *Epinephelus marginatus* | Dusky grouper |
| Ċerna bajda | GPW | *Epinephelus aeneus* | White grouper |
| Ċeren m.i.b. | GPX | *Epinephelus* spp. | Groupers n.e.i. |
| Ħanżir | WRF | *Polyprion l-Amerika* | Wreckfish |
| Ċeren, spnott m.i.b | BSX | *Serranidae* | Groupers, seabasses n.e.i. |
| Spnott bit-tikkek | SPU | *Dicentrarchus punctatus* | Spotted seabass |
| Spnott | BSS | *Dicentrarchus labrax* | Seabass |
| Għajnejn kbar m.i.b. | BIG | *Priacanthus* spp. | Bigeyes n.e.i. |
| Sultan iċ-Ċawl m.i.b. | APO | *Apogonidee* | Cardinal fishes n.e.i. |
| *Tilefishes* | TIS | *Latilinae* | Tilefishes |
| *Bonnetmouths, rubyfishes,* eċċ. | EMT | *Emmelichthyidae* | Bonnetmouths, rubyfishes, etc. |

| Isem bil-Malti | Identifikatur 3-alpha | Isem Xjentifiku | Isem bl-Ingliż |
|---|---|---|---|
| Snapper m.i.b. | SNA | *Lutjanus* spp. | Snappers n.e.i. |
| Snapper, hutijob, m.i.b | SNX | *Lutjanidae* | Snappers, iobfishes, n.e.i. |
| *Rubberlip grunt* | GBR | *Plectorhinchus mediterraneus* | Rubberlip grunt |
| Grunt bastard | BGR | *Pomadasys incisus* | Bastard grunt |
| Grunt sompat | BUR | *Pomadasys jubelini* | Sompat grunt |
| Grunt ta' għajnu kbira | GRB | *Brachydeuterus auritus* | Bigeye grunt |
| Grunt, *sweetlips*, m.i.b. | GRX | *Haemulidae (= Pomedasyidae)* | Grunts, sweetlips, n.e.i. |
| Pixxitambur | DRU | *Sciaena* spp. | Drums |
| Pixxitanbur Shi (= Corb) | COB | *Umbrina cirrosa* | Shi drum (= Corb) |
| Meagre | MGR | *Argyrosomus regius* | Meagre |
| Tanbur Boe | DRS | *Pteroscion peli* | Boe drum |
| Krowker tal-liġi | CKL | *Pseudotolithus brachygnatus* | Law croaker |
| Krowker cassava | PSS | *Pseudotolithus senegalensis* | Cassava croaker |
| Krowker bobo | PSE | *Pseudotolithus elongatus* | Bobo croaker |
| Krowkers tal-Afrika tal-Punent | CKW | *Pseudotolithus* spp. | West African croakers |
| Krowkers, Tnabar m.i.b | CDX | *Sciaenidae* | Croakers, drums n.e.i. |
| Paġell aħmar (= tikkasewda) | SBR | *Pagellus bogaraveo* | Red (=Blackspot) seabream |
| Paġella | PAC | *Pagellus erythrinus* | Common pandora |
| Bażuga | SBA | *Pagellus acarne* | Axillary seabream |
| Paġella ħamra | PAR | *Pagellus bellottii* | Red pandora |
| Paġell m.i.b. | PAX | *Pagellus* spp. | Pandoras n.e.i. |
| Abramidi, m.i.b. | SRG | *Diplodus* spp. | Sargo breams, n.e.i. |
| Denċi ta' għajnejh kbira | DEL | *Dentex macrophthalmus* | Large-eye dentex |
| Denċi komuni | DEC | *Dentex dentex* | Common dentex |
| Denċi Angolan | DEA | *Dentex angolensis* | Angolan dentex |
| Denċi tal-Kongo | DNC | *Dentex congoensis* | Congo dentex |
| Denċi m.i.b. | DEX | *Dentex* spp. | Dentex n.e.i. |
| Tanuta | BRB | *Spondyliosoma cantharus* | Black seabream |
| Kaħlija | SBS | *Oblada melanura* | Saddled seabream |
| Awrat ittikettjat blu | BSC | *Pagrus caeruleostictus* | Bluespotted seabream |
| Awrat aħmar | RPG | *Pagrus pagrus* | Red porgy |
| Awrat | SBG | *Sparus aurata* | Gilthead seabream |
| Awrat, pargo m.i.b. | SBP | *Pagrus* spp. | Pargo breams, n.e.i. |
| Vopi | BOG | *Boops boops* | Bogue |
| Awrat, m.i.b | SBX | *Sparidae* | Porgies, seabreams, n.e.i. |
| Pikarelli | PIC | *Spicara* spp. | Picarels |
| Mullett aħmar (= Trilja) | MUX | *Mullus* spp. | Surmullets (= Red mullets) |
| Ħut mogħoż tal-Afrika tal-Punent | GOA | *Pseudopeneus prayensis* | West African goatfish |
| Goatfish, Red mulletts n.e.i. | MUM | *Mullidae* | Goatfishes, red mullets n.e.i. |
| Ħut minġel Afrikan | SIC | *Drepane africana* | African sicklefish |
| Efipidi | SPA | *Ephippidae* | Spadefishes |
| Percodei m.i.b. | PRC | *Percoidei* | Percoids n.e.i. |
| Brotula bil-barba | BRD | *Brotula barbata* | Bearded brotula |
| Akanturu | SUR | *Acanthuridae* | Surgeonfishes |
| Gallinett, Orbini tal-baħar m.i.b | GUX | *Triglidae* | Gurnards, searobins n.e.i. |
| Ħmar | TRI | *Balistidae* | Triggerfishes, durgons |
| Petriċa kbira (= Petriċa) | MON | *Lophius piscatorius* | Angler (= Monk) |
| Petriċ m.i.b. | ANF | *Lophiidae* | Anglerfishes n.e.i. |
| Msell m.i.b. | BEN | *Belonidae* | Needlefishes, n.e.i. |

| Isem bil-Malti | Identifikatur 3-alpha | Isem Xjentifiku | Isem bl-Ingliż |
|---|---|---|---|
| Rondinell komuni m.i.b. | FLY | *Exocoetidae* | Flying fishes n.e.i. |
| Lizz | BAR | *Sphyraena* spp. | Barracudas |
| Buras griż ta' rasu ċatta | MUF | *Mugil cephalus* | Flathead grey mullet |
| Polinemid Ġgant Afrikan | TGA | *Polydactylus quadrifilis* | Giant African threadfin |
Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 68°50′ latitudni ta' tramuntana (Christianshaab).

*Taqsima 1B*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-parrallel ta' 66°15′ latitudni ta' tramuntana (5 mili nawtiċi mit-tramuntana ta' Umanarsugssuak) u l-parrallel ta' 68°50′ latitudni ta' tramuntana (Christianshaab).

*Taqsima 1Ċ*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-parrallel ta' 64°15′ latitudni ta' tramuntana (4 mili nawtiċi mit-tramuntana ta' Godthaab) u l-parrallel ta' 66°15′ latitudni ta' tramuntana (5 mili nawtiċi minn Umanarsugssuak).

*Taqsima 1D*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-parrallel ta' 62°30′ latitudni ta' tramuntana (Frederikshaab Glacier) u l-parrallel ta' 64°15′ latitudni ta' tramuntana (4 mili nawtiċi mit-tramuntana ta' Godthaab).

*Taqsima 1E*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-parrallel ta' 60°45′ latitudni ta' tramuntana (Cape Desolation) u l-parrallel ta' 62°30′ latitudni ta' tramuntana (Frederikshaab Glacier).

*Taqsima 1F*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 60°45′ latitudni ta' tramuntana (Cape Desolation).

**Subżona 2**

Dik il-biċċa tal-Medda tal-Konvenzjoni li tinsab fuq il-lvant tal-meridjan ta' 64°30′ lonġitudini tal-punent fil-medda ta' Hudson Strait, fin-nofsinhar tas-Subżona 0, fin-nofsinhar u l-punent tas-Subżona 1 u fit-tramuntana tal-parrallel ta' 52°15′ latitudni tat-tramuntana.

Subżona 2 hija magħmula minn tlett taqsimiet

*Taqsima 2G*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 57°40′ latitudni ta' tramuntana (Cape Mugford).

*Taqsima 2H*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-parrallel ta' 55°20′ latitudni ta' tramuntana (Hopedale) u l-parrallel ta' 57°40′ latitudni ta' tramuntana (Cape Mugford).

*Taqsima 2J*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 55°20′ latitudni ta' tramuntana (Hopedale).

**Subżona 3**

Dik il-biċċa tal-Medda tal-Konvenzjoni li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 52°15′ latitudni ta' tramuntana u fil-lvant ta' linja li testendi għal fuq it-tramuntana minn Cape Bauld fuq ix-xatt tat-tramuntana ta' Newfoundland għal 52°15′ latitudni ta' tramuntana; lejn it-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' t-tramuntana; u fil-lvant u t-tramuntana tal-linja tar-rombu li tibda fid-39°00′ latitudni tat-tramuntana 50°00′ lonġitudni tal-punent u li jestendi f'direzzjoni lejn il-Majjistral sabiex jgħaddi għall-punt ta' 43°30′ latitudni ta' t-tramuntana, 55°00′ lonġitudni tal-punent fid-direzzjoni tal-punt fi 47°50′ latitudni ta' t-tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent sakemm jaqsam linja dritta li tgħaqqad Cape Ray, 47°37,0′ latitudni tat-tramuntana; 59°18,0′ lonġitudni fil-punent fix-xatt ta' Newfoundland, ma' Cape North, 47°02,0′ latitudni ta' t-tramuntana; 60°25,0′ lonġitudni fil-punent tal-Gzira ta' Cape Breton; minn hemm f'direzzjoni fil-grigal tul il-linja msemmija għal Cape Ray, 47°37,0′ latitudni ta' t-tramuntana, 59°18,0′ lonġitudni tal-punent.

Subżona 3 hija magħmula minn sitt taqsimiet

*Taqsima 3K*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 49°15′ latitudni ta' tramuntana (Cape Freels, Newfoundland).

*Taqsima 3L*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xatt ta' Newfoundland minn Cape Freels sa Cape Santa Marija u l-linja deskritta kif ġej: bidu f'Cape Freels, minn hemm lejn il-lvant għall-meridjan ta' 46°30′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar għall-parallel ta' 46°00′ latitudni tat-tramuntana, minn hemm lejn il-punent għall-meridjan ta' 54°30′ lonġitudni tal-punent, minn hemm tul il-linja ta' r-rombu għall-Cape Santa Marija, Newfoundland.

*Taqsima 3M*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 49°15′ latitudni tat-tramuntana u fil-lvant għall-meridjan ta' 46°30′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 3N*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 46°00′ latitudni tat-tramuntana bejn il-meridjan ta' 46°30′ lonġitudni tal-punent u l-meridjan ta' 51°00′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 3O*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 46°00′ latitudni ta' tramuntana u bejn il-meridjan ta' 51°00′ lonġitudni tal-punent u l-meridjan ta' 54°30′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 3P*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar tax-xatt ta' Newfoundland u fil-punent tal-linja minn Cape New Mary, Newfoundland għall-punt ta' 46°00′ latitudni tat-tramuntana, 54°30′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar għall-fruntiera tas-Subżona.

*Taqsima 3P* hija maqsuma f'żewġ suddiviżjonijiet:

3 Pn – suddiviżjonijiet tal-majjistral – dik il-biċċa tad-taqsima 3P li qegħda fil-majjistral tal-linja li testendi minn 47°30,7′ latitudni ta' tramuntana; 57°43,2′ lonġitudni tal-punent, qrib il-lbiċ għall-ponta ta' 46°50,7′ latitudni tat-tramuntana u 58°49,0 lonġitudini tal-punent;

3Ps – suddiviżjonijiet tax-xlokk – dik il-biċċa tad-taqsima 3P li qiegħda fix-xlokk tal-linja definita għas-suddiviżjonijiet 3Pn.

**Subżona 4**

Dik il-biċċa tal-Medda tal-Konvenzjoni li qiegħda fit-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' tramuntana, lejn il-punent tas-Subżona 3, u fil-lvant tal-linja deskritta kif ġej:

bil-bidu tiegħu fit-tmiem tal-fruntiera internazzjonali bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada fil-Kanal ta' Grand Manan, fil-ponta li tinsab fl-44°46′35,346″ latitudni ta' tramuntana; 66°54′11,253″ lonġitudni fil-punent; minn hemm lejn in-nofsinhar fil-parallel ta' 43°50′ latitudni ta' tramuntana; minn hemm fil-punent tal-meridjan ta' 67°24′27,24″ lonġitudni tal-punent; minn hemm tul linja ġeodetika f'direzzjoni lejn il-majjistral għall-punta ta' latitudnita tramuntana u 67°44′35″ lonġitudni tal-punent; minn hemm tul linja ġeodetika f'direzzjoni len ix-xlokk għall-punta ta' 42°31′08″ latitudni′ ta' tramuntana u 67°28′05 lonġitidni tal-punent minn hemm tul linja ġeodetika għall-punt ta' 42°20′ latitudni ta' tramuntana u 67°18′3, 15″ lonġitudni tal-punent;

minn hemm fil-lvant għall-punt ta' 66°00′ lonġitudni fil-punent; minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni lejn ix-xlokk fil-punt ta' 42°00 latitudni ta' tramuntana u 65°40′ lonġitudni fil-punent u minn hemm għan-nofsinhar għall-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' tramuntana.

Subżona 4 hija magħmula minn sitt taqsimiet

*Taqsima 4R*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xatt ta' Newfoundland minn Cape Bauld sa Cape Ray u l-linja deskritta kif ġej: bil-bidu f'Cape Bauld, minn hemm fit-tramuntana għall-parallel ta' 52°15′ latitudni ta' tramuntana, minn hemm lejn il-punent għax-xatt tal-Labrador għat-tmiem tal-fruntiera tal-Labrador u l-Quebec, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-lbiċ

għall-punt ta' 49°25′ latitudni ta' tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar għall-punt ta' 47°50′ latitudni ta' tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni lejn ix-xlokk għall-punt li fiha d-delinejament tas-Subżona 3 jidħol ġol-linja dritta li tgħaqqad il-Cape North, Nova Scotia ma' Cape Ray, Newfoundland, minn hemm għal Cape Ray, Newfoundland.

*Taqsima 4S*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xatt tan-nofsinhar tal-Quebec mit-tmiem tal-fruntiera tal-Labrador-Quebec għall-Pte. Des Monts u linja deskritta kif ġej: bil-bidu fil-Pte. Des Monts, minn hemm lejn il-lvant għall-punt ta' 49°25′ latitudni ta' tramuntana, 64°40′ lonġitudni tal-punent minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni ta' xlokk il-lvant għall punta ta 47°50′ latitudni ta' t-tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn it-tramuntana għall punt ta' 49°25′ latitudni tat-tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-grigal għat-tmiem tal-fruntiera Labrador-Quebec.

*Taqsima 4T*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xtut ta' Nova Scotia, New Brunswick u Quebec minn Cape North sa Pte.des Monts u linja deskritta kif ġej: bil-bidu fil-Pte. Des Monts, minn hemm lejn il-lvant għall-punt ta' 49°25′ latitudni ta' tramuntana, 64°40′ lonġitudni tal-punent minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tax-xlokk għall punta ta 47°50′ latitudni ta' t-tramuntana, 60°00' lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn linja tar-rombu f'direzzjoni tan-nofsinhar għal Cape North, Nova Scotia.

*Taqsima 4V*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xatt ta' Nova Scotia bejn il-Cape North u Fourchu u linja deskritta kif ġej: bil-bidu f'Fourchu, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-lvant għall-punt ta' 45°40′ latitudni fit-tramuntana, 60°00′ lonġitudni fil-punent, minn hemm għan-nofsinhar tul il-meridjan ta' 60°00′ lonġitudni fil-punent għall-parallel ta' 44°10′ latitudni tat-tramuntana, minn hemm fil-lvant għall meridjan ta' 59°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm fin-nofsinhar għall-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' tramuntana, minn hemm tul il-fruntiera bejn is-suberji 3 u 4 u f'linja li tkompli f'direzzjoni tal-grigal għall-punt ta' ta' 47°50′ latitudni ta' t-tramuntana, 60°00′ lonġitudni tal-punent, u minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni fin-nofsinhar għal Cape North, Nova Scotia.

Taqsima 4V hija maqsuma f'żewġ suddiviżjonijiet:

4Vn – suddiviżjoni tat-tramuntana – dik il-biċċa tat-taqsima 4V li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta' 45°40′ fil-latitudni ta' tramuntana;

4Vs – suddiviżjoni tan-nofsinhar – dik il-biċċa tad-taqsima 4V li tinsab fin-nofsinhar tal-parallel ta' 45°40′ fil-latitudni ta' tramuntana.

*Taqsima 4W*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn ix-xatt ta' Nova Scotia minn Halifax għal Fourchu u l-linja deskritta kif ġej: bil-bidu f'Fourchu, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-lvant għall-punt ta' 45°40′ latitudni fit-tramuntana, 60°00 lonġitudni fil-punent, minn hemm għan-nofsinhar tul il-meridjan ta' 60°00′ lonġitudni fil-punent għall-parallel ta' 44°10′ latitudni ta' t-tramuntana, minn hemm fil-lvant għall meridjan ta' 59°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm fin-nofsinhar għall-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' tramuntana, minn hemm għal punent għall-meridjan ta' 63°20′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn it-tramuntana għall-punt tat-tali meridjan ta' 44°20′ latitudni ta' tramuntana, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni tal-majjistral għal Halifax, Nova Scotia.

*Taqsima 4X*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn id-delinejament fil-punent ta' Subżona 4 u x-xtut ta' New Brunswick u Nova Scotia mit-tmiem tad-delinejament bejn New Brunswick u Maine għal Halifax, u l-linja deskritta kif ġej: bil-bidu f'Halifax, minn hemm tul linja ta' rombu f'direzzjoni lejn ix-xlokk fil-punt ta' 44°20′ latitudni ta' tramuntana u 63°20′ lonġitudni fil-punent u minn hemm għan-nofsinhar għall-parallel ta' 39 00′ latitudni ta' tramuntana, u minn hemm lejn il-punent għall-meridjan ta' 65°40′ lonġitudni tal-punent.

**Subżona 5**

Dik il-biċċa tal-Medda tal-Konvenzjoni li qiegħda fil-punent tad-delinejament tal-punent ta' Subżona 4, għat-tramuntana tal-parallel ta' 39°00′ latitudni ta' tramuntana, u fuq l-lvant tal-meridjan ta' 71°40′ lonġitudni tal-punent.

Subżona 5 hija magħmula minn żewġ taqsimiet

*Taqsima 5Y*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab bejn il-kosti ta' Maine, new Hampshire u Massachusetts mill-fruntiera bejn Maine u New Brunswick sa 70°00′ lonġitudni fil-punent fuq Cape Cod (qrib 42° latitudni ta' t-tramuntana) u b'linja deskritta kif ġej: fil-bidu fil-ponta ta' Cape Cod f'70° lonġitudni fil-punent (qrib 42° latitudni ta' tramuntana), minn hemm lejn it-tramuntana ta'

42°20′ latitudni ta’ tramuntana, minn hemm fuq il-lvant għal 67°18′13,15″ lonġitudni fil-punent fid-delinejament tas-suberji 4 u 5, u minn hemm tul dik il-fruntiera għall-fruntiera tal-Kanada u l-Istati Uniti

*Taqsima 5Z*

Dik il-porzjon tas-Subżona li tinsab fin-nofsinhar u fil-lvant tad-taqsima 5Y.

Taqsima 5Z hija maqsuma f’żewġ suddiviżjonijiet: suddiviżjonijiet tal-lvant u suddiviżjonijiet tal-punent mfissra kif ġej:

5Ze – suddiviżjoni tal-lvant – dik il-biċċa tad-taqsima 5Z li tinsab fil-lvant tal-meridjan ta’ 70°00′ lonġitudni tal-punent;

Taqsima 5Ze hija sottodiviża f’żewġ sottounitajiet ([1]):

5Zu (ilmijiet tal-Istati Uniti) hija dik il-parti tas-suddiviżjoni 5Ze fil-punent tal-linji geodetiċi li jgħaqqdu il-punti bil-koordinati segwenti:

| | Latitudni tat-Tramuntana | Lonġitudni tal-Punent |
|---|---|---|
| A | 44°11′12″ | 67°16′46″ |
| B | 42°53′14″ | 67°44′35″ |
| C | 42°31′08″ | 67°28′05″ |
| D | 40°27′05″ | 65°41′59″ |

5Zc (ilmijiet Kanadiżi) hija dik il-parti tas-suddiviżjoni 5Ze fil-lvant fuq linji ġeodetiċi hawn fuq imsemmija;

5Zw – suddiviżjoni tal-punent – dik il-biċċa tad-taqsima 5Z li tinsab fil-punent tal-meridjan ta’ 70°00′ lonġitudni tal-punent.

**Subżona 6**

Dik il-parti tal-Medda tal-Konvenżjoni li hija delinejata b’linja li tibda fil-punt tax-xatt ta’ Rhode Island f’71°40′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar għal 39°00′ latitudni ta’ t-tramuntana, minn hemm lejn il-lvant għal 42°00′ lonġitudni tal-punent, minn hemm lejn in-nofsinhar f’35°00′ latitudni ta’ tramuntana, minn hemm lejn il-punent fix-xatt tal-Amerika ta’ Fuq, minn hemm lejn it-tramuntana tul ix-xatt tal-Amerika ta’ Fuq għal punt ta’ Rhode Island f’71°40′ lonġitudni tal-punent.

Subżona 6 hija magħmula minn tmien taqsimiet

*Taqsima 6A*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fit-tramuntana tal-parallel ta’ 39°00’ latitudni ta’ tramuntana u lejn il-punent tas-Subżona 5.

*Taqsima 6B*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-punent ta’ 70°00′ lonġitudni tal-punent, fin-nofsinhar tal-parallel ta’ 39°00′ latitudni ta’ tramuntana, u fit-tramuntana u l-punent f’linja li tiġri lejn il-punent tul il-parallel 37°00′ latitudni ta’ tramuntana għal 76°00′ lonġitudni tal-punent u minn hemm lejn in-nofsinhar għal Cape Henry, Virginia.

*Taqsima 6Ċ*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-punent ta’ 70°00′ lonġitudni tal-punent u fin-nofsinhar tas-suddiviżjoni 6B.

*Taqsima 6D*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-lvant tat-taqsimiet 6B u 6Ċ u fil-punent ta’ 65°00′ lonġitudni tal-punent.

([1]) Dawn iż-żewġ sotto-unitajiet mhumiex irrekordjati fis-sitt pubblikazzjoni tal-Konvenzjoni NAFO (Mejju 2000), Madankollu, wara proposta tal-Kunsill Xjentifiku tal-NAFO, dawn ġew approvati mill-Kunsill Ġenerali tan-NAFO skond l-Artikolu XX(2) tal-Konvenzjoni NAFO.

*Taqsima 6E*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-lvant tat-taqsima 6D u fil-punent ta’ 60°00′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 6F*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-lvant tat-taqsima 6E u fil-punent ta’ 55°00′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 6Ġ*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-lvant tat-taqsima 6F u fil-punent ta’ 50°00′ lonġitudni tal-punent.

*Taqsima 6H*

Dik il-biċċa tas-Subżona li tinsab fil-lvant tat-taqsima 6Ġ u fil-punent ta’ 42°00′ lonġitudni tal-punent.

*ANNESS IV*

**DEFINIZZJONIJIET U KODIFIKAR LI GĦANDHOM JINTUŻAW FIL-PREŻENTAZZJONI TAD-DATA TAL-QBID**

(a) LISTA TA' TAGĦMIR TAS-SAJD/KATEGORIJI TA' BASTIMENTI TAS-SAJD

(mill-Klassifika fuq Statistika Standard Internazzjonali fuq Tagħmir tas-Sajd (ISSCFG))

| Kategorija | Abbrevjazzjoni |
|---|---|
| *Xbiek kbir* | |
| Xbiek tal-qiegħ | |
| — xbiek *beam* | TBB |
| — xbiek *otter* (ġenb jew poppa mhux speċifikat) | OTB |
| — xbiek *otter* (ġenb) | OTB 1 |
| — xbiek *otter* (poppa) | OTB 2 |
| — par xbiek (żewġ bastimenti) | PTB |
| — xbiek għall-gambli | TBS |
| — xbiek *nephrops* | TBN |
| — xbiek tal-qiegħ (mhux speifikati) | TB |
| Xbiek għal nofs l-ilma | |
| — xbiek *otter* (ġenb jew poppa mhux speċifikat) | OTM |
| — xbiek *otter* (ġenb) | OTM 1 |
| — xbiek *otter* (poppa) | OTM 2 |
| — par xbiek (żewġ bastimenti) | PTM |
| — xbiek għall-gambli | TMS |
| — xbiek għal nofs l-ilma | TM |
| Xbiek tewmi | OTS |
| Xbiek *otter* tewmi | OTT |
| Par xbiek (żewġ bastimenti) (mhux speċifikati) | PT |
| Xbiek *otter* (mhus speifikat) | OT |
| Xbiek oħra (mhux speċifikati) | TX |
| *Xbiek seine* | |
| Seine tal-bajja | SB |
| *Seine* tad-dgħajjes jew bastimenti | SV |
| — *Seine* Daniżi | SDN |
| — *Seine* Skoċċiżi | SSC |
| — *Seine* bil-par (żewġ bastimenti) | SPR |
| Xbiek *Seine* (mhux speċifikat) | SX |
| *Xbiek "surrounding"* | |
| B'linji *purse* (*purse seine*) | PS |
| — operat minn bastiment wieħed | PS 1 |
| — operat minn żewġ bastimenti | PS 2 |
| Mingħajr linji *purse* (lampara) | LA |
| *Gillnets u xbiek entangling* | |
| *Gillnets* issettjati (ankrati) | GNS |
| Drift *gillnets* | GND |

| Kategorija | Abbrevjazzjoni |
|---|---|
| *Encircling gillnets* | GNC |
| *Gillnets* iffissati (fuq *stakes*) | GNF |
| Xbiek *trammel* | GTR |
| Xbiek *gillnets—trammel* flimkien | GTN |
| *Gillnets* u xbiek *entangling* (mhux speċifikati) | GEN |
| *Gillnets* (mhux speċifikati) | GN |
| *Snanar u lenzi* | |
| Lenzi twal issettjati | LLS |
| Lenzi twal *drift* | LLD |
| Lenzi twal (mhux speċifikati) | LL |
| Lenzi tal-idejn u *polelines* (operati bl-id) | LHP |
| Lenzi tal-idejn u *polelines* (mekkanizzati) | LTM |
| Lenzi għat-*trolling* | LTL |
| Snanar u lenzi (mhux speċifikati) | LX |
| *Nases* | |
| *Poundnets* stazzjonarji mhux koperti | FPN |
| *Pots* koperti | FPO |
| Xbiek *fyke* | FYK |
| Barrieri, ċnut, *weirs*, eċċ. | FWR |
| *Stownets* | FSN |
| Xbiek *aerial* | FAR |
| Nases (mhux speċifikati) | FIX |
| *Falling gear* | |
| Xbiek *cast* | FCN |
| *Falling gear* (mhux speċifikat) | FG |
| *Dredges* | |
| *Dredge* tad-dgħajjes | DRB |
| *Dredge* tal-id | DRH |
| *Grappling u wounding* | |
| Foxna | HAR |
| *Lift nets* | |
| *Lift nets* portabbli | LNP |
| *Lift nets* operati minn dgħajjes | LNB |
| *Lift nets* stazzjonarji operati mix-xatt | LNS |
| *Lift nets* (mhux speċifikati) | LN |
| *Makkinarju għall-hsad* | |
| Pompi | HMP |
| *Dredges* mekkanizzati | HMD |
| Makkinarju għall-hsad (mhux speċifikat) | HMX |
| *Gears* mixxellanji | MIS |
| *Gear* mhux magħruf | NK |

(b) DEFINIZZJONIJIET TA' MIŻURI TA' SFORZ TAS-SAJD GĦAL KATEGORIJI TA' TAGĦMIR

Tlett livelli ta' preċiżjoni ta' sforz fuq sajd għandu jingħata, fejn possibli.

**Il-Kategorija A**

| Fishing gear | Miżura ta' sforz | Definizjonijiet |
|---|---|---|
| *Surrounding nets* (*purse seine*) | Numru ta' settijiet | Numru ta' drabi li l-*gear* ġie ssettjat jew sparat, kemm jekk inqabad xi ħaġa jew le. Din il-miżura hija approprjata meta l-qies tal-ġliba u l-imballaġġ huwa relatat mal-abbundanza tal-i *stock*, jew is-settijiet huma magħmula bl-addoċċ |
| *Seine* tal-bajja | Numru ta' settijiet | Numru ta' drabi li l-*gear* ġie ssettjat jew sparat, kemm jekk inqabad xi ħaġa jew le |
| *Seine* bid-dgħajsa | Numru ta' siegħat sajd | Numru ta' drabi li l-*gear* ġie ssettjat jew sparat, multiplikat bid-dewmien tal-issettjar jew sparar kif stmati |
| Xbiek kbir | Numru ta' siegħat | Numru ta' siegħat matul liema ix-xbiek kien fl-ilma (xbiek f'nofs l-ilma), jew fil-qiegħ (xbiek tal-qiegħ), u sajd |
| *Dredges* bid-dgħajsa | Numru ta' siegħat sajd | Numru ta' siegħat matul liema d-dredge kienet fil-qiegħ għas-sajd |
| *Gillnets* (issettjati jew *drift*) | Numru ta' unitajiet ta' sforz | Tul tax-xbiek espress f'unitajiet ta' 100 metru multiplikat bin-numru ta' settijiet magħmula (= total akkumulat ta' tul f'metri ta' xbiek użat fi żmien partikolari diviż b"100) |
| *Gillnets* (iffissati) | Numru ta' unitajiet ta' sforz | Tul tax-xbiek espress f'unitajiet ta' 100 metru multiplikat bin-numru ta' drabi li x-xibka ġiet ikklerjata |
| Nases (xbiek *pound* mhux koperti) | Numru ta' unitajiet ta' sforz | Numru ta' ġranet ta' sajd multiplikat bin-numru ta' unitajiet maqbuda |
| *Pots* koperti u xbiek *fyke* | Numru ta' unitajiet ta' sforz | Numru ta' *lifts* multiplikat bin-numru ta' unitajiet (= numru totali ta' unitajiet f'perijodu partikolari) |
| Lenzi twal (issettjati jew drift) | Eluf ta' snanar | Numru ta' snanar fis-sajd f'ħin partikolari diviżi b" 1 000 |
| Lenzi tal-id (*pole, troll, jig*, eċċ) | Numru ta' ġranet bil-lenzi | Numru totali ta' lenzi użati f'perijodu partikolari |
| Foxni | | (Rapporta livelli ta' sforz B u Ċ biss) |

**Il-Kategorija B**

*Numbru ta' ġranet ta' sajd*: in-numru ta' ġranet li fihom kien hemm sajd. Għal dawk is-sajdiet li fihom it-tiftix għall-ħut huwa parti sostanzjali tal-ħidma tas-sajd, ġranet li fihom ikun hemm tiftix imma ma jsir l-ebda sajd għandhom ikunu inklużi fid-data "ġranet tas-sajd".

**Il-Kategorija Ċ**

Għan-numru ta' ġranet fuq l-art magħduda ma ġranet ta' sajd u fit-tfittxija għandhom jiġu inklużi wkoll il-ġranet l-oħra li l-bastiment kien fuq l-art.

Perċentwali ta' sforz stmat (sforz proratat)

Billi l-miżuri ta' sforz korrispondenti jistgħu ma jkunux disponibbli għall-qabda totali, il-perċentwali tal-isforz li jkun ġie stmat għandu jiġi indikat. Dan huwa kkalkulat minn:

(((Qabda totali) – (Qabda li għaliha l-isforz inżamm rekord tiegħu)) × 100)/(Qabda totali)

(ċ) KATEGORIJI TAD-DAQS TAL-BASTIMENT

(mill-Klassifika fuq Statistika Standard Internazzjonali ta' Bastimenti tas-Sajd (KSSIBS))

*Il-Klassijiet ta' Tunnellaġġ*

| Kategorija ta' tunnellaġġ gross | Kodiċi |
|---|---|
| 0 – 49,9 | 02 |
| 50 – 149,9 | 03 |
| 150 – 499,9 | 04 |
| 500 – 999,9 | 05 |
| 1,000 – 1,999.9 | 06 |
| 2,000 – 99,999.9 | 07 |
| Mhux magħruf | 00 |

(d) L-ISPEĊI EWLENIEN IMFITTXIJA

Din hija l-ispeċi li għaliha is-sajd kien prinċipalment dirett. Madankollu, tista ma tikkorrispondix mal-ispeċi li ffurmat l-akbar parti tal-qabda. L-ispeċi għandu jkun indikat bl-użu tal-identifikatur 3-alpha (ara l-Anness I)

*ANNESS V*

**FORMAT GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA’ DATA FUQ MEZZI MANJETIĊI**

(A) MEZZ MANJETIKU

*Tapes tal-kompjuter:* Tape ta’ disa tracks b’densità ta’ 1600 jew 6250-BPI u EBCDIC ta’ kodifika ta’ ASCII, preferibbilment bit-tikkettjar. Jekk ikollu l-ittikkettjar, għandu jiġi inkluż it-tmiem tal-file.

*Diski floppy:* Formatjati għall-MS-DOS, diski 3,5″ 720 K jew 1,4 Mbyte jew diski 5,25” 360 K jew 1,2 Mbyte.

(B) FORMAT TAL-KODIFIKA

Għall-preżentazzjonijiet rikjesti mill-Artikolu 2.1(a)

| Numru ta’ Bytes | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż (ISO 3-alpha Code) | eż. FRA = Franza |
| 5 sa 6 | Sena | eż. 90 = 1990 |
| 7 sa 8 | Żona prinċipali tas-sajd skond il-FAO | 21 = Majjistral tal-Atlantiku |
| 9 sa 15 | Diviżjoni | ez. 3 Pn = NAFO sub-diviżjoni 3 Pn |
| 16 sa 18 | Speċi | 3-alpha identifier |
| 19 sa 26 | Qabda | tunnellati |

Għall-preżentazzjonijiet rikjesti mill-Artikolu 2.1(b)

| Numru ta’ Bytes | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż | ISO 3-alpha Code (eż. FRA = Franza) |
| 5 sa 6 | Sena | eż. 94 = 1994 |
| 7 sa 8 | Xahar | eż. 01 = Jannar |
| 9 sa 10 | Żona prinċipali tas-Sajd skond il-FAO | 21 = Majjistral tal-Atlantiku |
| 11 sa 18 | Diviżjoni | ez. 3 Pn = NAFO sub-diviżjoni 3 Pn: alpha – numerika |
| 19 sa 21 | Speċi ewlenin imfittxija | 3-alpha identifier |
| 22 sa 26 | Bastiment/apparat kategorija | Kodiċi ISSCFG (eż. OTB2 = gangmu tal-lontra tal-qiegħ): alpha – numerika |
| 27 sa 28 | Klassi tad-daqs tal-bastiment \| | Kodiċi ISSCFV (eż. 04 = 150-499.9 GT): alpha – numerika |
| 29 sa 34 | Medja tat-tunnellaġġ sħiħ | Tunnellati: numeriku |
| 35 sa 43 | Medja tas-saħħa tal-magna | Kilowatts: numeriku |
| 44 sa 45 | Persentaġġ tal-isforz stmat | Numeriku |
| 46 sa 48 | Unità | 3-alpha identifier għall-ispeċi jew identifier tal-isforz (eż. COD = Bakkaljaw A – = Kejl tal-isforz A) |
| 49 sa 56 | Data | Qabda (f’tunnellati) jew unità ta sforz |

*Notamenti:*

(a) Il-kaxxi kollha numeriċi għandhom ikunu taħt xulxin min-naħa tal-lemin bl-ewwel kaxxa tiħalla vojta. L-oqsma alfanumeriċi kollha għandhom ikunu taħt xulxin fuq in-naħa tax-xellug l-kaxex ta’ wara għandhom jitħallew vojta.

(b) Is-sajda għandha tiġi reġistrata fl-ekwivalenti tal-piż ħaj tal-qabdiet mtella ‘l-art lejn l-eqreb tunnellata metrika.

(ċ) Kwantitajiet (bytes 49 sa 56) ta’ anqas minn nofs unità għandhom jiġu reġistrati bħala “- 1”.

(d) Kwantitajiet mhux magħrufa (bytes 49 sa 56) għandhom jiġu reġistrati bħala "- 2".

(e) Kodiċijiet tal-pajjiżi (Kodiċi ISO):

| | |
|---|---|
| Awstrija | AUT |
| Belġju | BEL |
| Bulgarija | BGR |
| Ċipru | CYP |
| Repubblika Ċeka | CZE |
| Ġermanja | DEU |
| Danimarka | DNK |
| Spanja | ESP |
| Estonja | EST |
| Finlandja | FIN |
| Franza | FRA |
| Renju Unit | GBR |
| Ingilterra u Wales | GBRA |
| Skozja | GBRB |
| Irlanda ta' Fuq | GBRC |
| Greċja | GRC |
| Ungerija | HUN |
| Irlanda | IRL |
| Islanda | ISL |
| Italja | ITA |
| Litwanja | LTU |
| Lussemburgu | LUX |
| Latvja | LVA |
| Malta | MLT |
| Olanda | NLD |
| Norveġja | NOR |
| Polonja | POL |
| Portugall | PRT |
| Rumanija | ROU |
| Slovakkja | SVK |
| Slovenja | SVN |
| Svezja | SVE |
| Turkija | TUR |

*ANNESS VI*

## FORMAT GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA’ INFORMAZZJONI FUQ MEZZI MAGNETIĊI

A. FORMAT TA’ KODIFIKA

**Għall-preżentazzjonijiet taħt il-punt (a) tal-Artikolu 2(1)**

L-informazzjoni għandha tingħata fuq reġistrazzjonijiet ta’ tul varjabbli b’żewġ punti (:) bejn it-taqsimet tar-reġistrazzjonijiet. It-taqsimiet li ġejjin għandhom ikunu inklużi għal kull reġistrazzjoni:

| Qasam | Rimarki |
|---|---|
| Pajjiż | Kodiċi ISO 3-alfa (eż. FRA = Franza) |
| Sena | Ez. 2001 jew 01 |
| FAO post tas-sajd maġġuri | 21 = Atlantiku tal-Majjistral |
| Diviżjoni | Eg. 3 Pn = NAFO subdiviżjoni 3 Pn |
| Speċi | Identifikatur 3-alpha |
| Qabda | Tunnellati |

**Għall-preżentazzjonijiet taħt il-punt (b) tal-Artikolu 2(1)**

L-informazzjoni għandha tingħata fuq reġistrazzjonijiet ta’ tul varjabbli b’żewġ punti (:) bejn it-taqsiment tar-reġistrazzjoni. It-taqsimiet li ġejjin għandhom ikunu inklużi għal kull reġistrazzjoni:

| Qasam | Rimarki |
|---|---|
| Pajjiż | Kodiċi ISO 3-alfa (eż. FRA = Franza) |
| Sena | Eż. 0001 jew 2001 għas-sena 2001 |
| Xahar | Eż. 01 = Jannar |
| FAO post tas-sajd maġġuri | 21 = Atlantiku tal-Majjistral |
| Diviżjoni | Eż. 3 Pn = NAFO subdiviżjoni 3 Pn |
| Speċi maġġuri mfittxija | Identifikatur 3-alfa |
| Bastiment/kategorija ta’ gear | Kodiċi ISSCFG (ez. OTB2 = xbiek tal-qiegħ otter) |
| Klassi ta’ qies tal-bastiment | Kodiċi ISSCFV (ez. 04 = 150 – 499.9 GT): |
| Tunnellaġġ gross medju | Tunnellati |
| Saħħa medja tal magna | Kilowatts |
| Perċentwali stmata ta’ sforz | Numerika |
| Unità | Identifikatur 3-alfa ta’ speċi jew identifikatur ta’ sforz (eż. COD = Merluzz atlantiku jewA = miżura ta’ sforz A) |
| Data | Qabda (f’tunnellati metriċi) jew unitajiet ta’ sforz |

(a) Il-qabda għandha tiġi rreġistrata fil-piz ħaj ekwivalenti għall-qabdiet imtella' l-art.

(b) Kodiċi tal-pajjiz:

| | |
|---|---|
| Awstrija | AUT |
| Belġju | BEL |
| Bulgarija | BGR |
| Ċipru | CYP |
| Repubblika Ċeka | CZE |
| Ġermanja | DEU |
| Danimarka | DNK |
| Spanja | ESP |
| Estonja | EST |
| Finlandja | FIN |
| Franza | FRA |
| Renju Unit | GBR |
| Ingilterra u Wales | GBRA |
| Skozja | GBRB |
| Irlanda ta' Fuq | GBRC |
| Greċja | GRC |
| Ungerija | HUN |
| Irlanda | IRL |
| Islanda | ISL |
| Italja | ITA |
| Litwanja | LTU |
| Lussemburgu | LUX |
| Latvja | LVA |
| Malta | MLT |
| Olanda | NLD |
| Norveġja | NOR |
| Polonja | POL |
| Portugall | PRT |
| Rumanija | ROU |
| Repubblika Slovakka | SVK |
| Slovenja | SVN |
| Svezja | SWE |
| Turkija | TUR |

B. E METODU TA' PREŻENTAZZJONI TA' INFORMAZZJONI LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

Kemm jista' jkun possibbli l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa f'format elettroniku (per eżempju, bħala anness tal-e-mail).

Fin-nuqqas ta' dan, l-għoti tal-fajl jiġi aċċettat fuq diska floppy 3,5 HD.

*ANNESS VII*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2018/93<br>(ĠU L 186, 28.7.1993, p. 1) | |
| Punt X.6 tal-Anness I tal-Att ta' Adeżjoni 1994<br>(ĠU C 241, 29.8.1994, p. 189) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1636/2001<br>(ĠU L 222, 17.8.2001, p. 1) | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1882/2003<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | l-Artikolu 3 u l-punt 44 tal-Anness III biss |
| Punt 10.9 tal-Anness II tal-Att ta' Adeżjoni 2003<br>(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 571) | |

*ANNESS VIII*

**Tabella Ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KEE) Nru 2018/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1) u (2) | Artikolu 6(1) u (2) |
| Artikolu 6(3) | — |
| Artikolu 7(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 7(3) | |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 8 | |
| | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II |
| Anness III | Anness III |
| Anness IV | Anness IV |
| Anness V | Anness V |
| | Anness VI |
| | Anness VII |
| | Anness VIII |

# REGOLAMENT (KE) Nru 218/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-11 ta' Marzu 2009**

**dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku**

**(Tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm tal-Istatistika,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1])

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku ([2]) ġie emendat f'diversi okkażjonijiet ([3]) b'mod sinifikanti. Issa li qed isiru emendi ġodda lil dan ir-Regolament, huwa xieraq, minħabba raġunijiet ta' ċarezza, li d-dispożizzjonijet in kwistjoni jiġu mfassla mill-ġdid.

(2) Il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tal-Komunità jeħtieġu statistika preċiża u fil-ħin dwar il-qabdiet li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Istati Membri li jkunu qed jistadu fil-grigal tal-Atlantiku.

(3) Il-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali Futura fis-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE ([4]) u li twaqqaf il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Grigal tal-Atlantiku teħtieġ li l-Komunità tagħti lil dik il-Kummissjoni l-istatistiċi disponibbli li hija tista' titlobha.

(4) Il-parir mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar taħt il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn l-organizzazzjoni u l-Komunità ([5]) jitjieb bid-disponibilità ta' statistiċi dwar l-attivajiet tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

(5) Il-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tas-salamun fit-tramuntana tal-Oċejan Atlantiku approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE ([6]) u li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni tat-Tramuntana tal-Atlantiku għall-Konservazzjoni tas-Salamun (Nasco), teħtieġ li l-Komunità tipprovdi lin-Nasco bl-istatistika disponibbli li hija tista' titlobha.

(6) Diversi Stati membri talbu li jibgħatu ċifri f'forma oħra jew b'mezz iehor minn dak imsemmi fl-Anness IV (li huwa bħal kwestjonarju Statlant imsemmija hawn fuq).

(7) Hemm il-ħtieġa ta' definizzjonijiet u deskrizzjonijiet aktar sħaħ li jintużaw fl-istatistiċi tas-sajd u l-ġestjoni tas-sajd fil-grigal tal-Atlantiku.

(8) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni ([7]),

(9) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta l-listi tal-ispeċi, tar-reġjuni statistiċi tas-sajd, id-deskrizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni u l-grad permess tal-aggreggazzjoni tad-data. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "Eurostat", data dwar il-qbid nominali annwali minn bastimenti li huma reġistrati fi jew li għandhom il-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jistad fil-grigal tal-Atlantiku.

Id-data dwar il-qbid nominali għandha tinkludi l-prodotti kollha tas-sajd li jkunu ttieħdu l-art jew trasbordati bil-baħar irrespettivament mill-għamla imma għandha teskludi kwantitajiet li, sussegwentement għall-qabda, jiġu mormija l-baħar, jiġu konsumati abbord il-bastiment jew użati bħala lixka abbord. Il-produzzjoni tal-akwakultura għandha tkun eskluża. Id-data għandha tiġi registrata bħala ekwivalenti għall-piż ħaj tal-prodotti li jkunu ttieħdu l-art jew trasbordati, sal-eqreb tunnellata metrika.

([1]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009.

([2]) ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1.

([3]) Ara l-Anness VI.

([4]) ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21.

([5]) Arranġament fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kunsill Internazzjonali fuq l-Esplorazzjoni tal-Baħar (ĠU L 149, 10.6.1987, p. 14).

([6]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24.

([7]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 2*

1. Id-data li għandha tiġi preżentata għandha tkun il-qabdiet nominali ta’ kull wieħed mill-ispeċi imsemmija fl-Anness 1 f’kull wieħed mir-reġjuni statistiċi tas-sajd imsemmija f’Anness II u definiti f’Anness III.

2. Id-data għal kull sena kalendarja għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mill-aħħar tas-sena. Mhumiex meħtieġa preżentazzjonijiet għall-kombinazzjonijiet ta’ speċi/reġjuni ta’ sajd li għalihom ma jkunu ġew reġistrati l-ebda qabdiet fiż-żmien tal-preżentazzjoni annwali. Id-data dwar speċi ta’ importanza żgħira fi Stat Membru m’għandhiex għalfejn tkun identifikata individwalment fis-sottmissjonijiet imma tista’ tkun inkluża fil-paragrafu aggregat sakemm il-piż tal-prodotti li jkunu ġew reġistrati b’dan il-mod ma jeċċedix l-10 % tal-piż tal-qabda totali f’dak l-Istat Membru għal dak ix-xahar.

3. Il-Kummissjoni tista’ temenda l-listi tal-ispeċi u tar-reġjuni statistiċi tas-sajd, id-deskrizzjonijiet ta’ dawn ir-reġjuni ta’ sajd u l-grad permess tal-aggregazzjoni ta-data.

Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 3*

Ħlief fejn id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-politika komuni tas-sajd jistipulaw mod ieħor, Stat Membru għandu jkun jista’ juża teknika għall-kampjuni li minnha joħroġ id-data tal-qabdiet għal dawk il-partijiet tal-flotta tas-sajd li għaliha il-firxa sħiħa tad-data tkun tinvolvi l-applikazzjoni eċċessiva ta’ proċeduri amministrattivi. Id-dettalji tal-proċeduri għall-kampjuni, flimkien mad-dettalji tal-proporzjon tad-data kollha li tkun ġiet derivata permezz ta’ din it-teknika, trid tkun inkluża mill-Istat Membru fir-rapport preżentat skont l-Artikolu 6(1).

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jaqdu l-obbligi tagħhom lejn il-Kummissjoni skont l-Artikolu 1 u 2 billi jippreżentaw d-data fuq mezz manjetiku fil-forma stabbilita fl-Anness IV.

Stati Membri jistgħu jippreżentaw data skont il-forma msemmija fl-Annex V. Bl-approvazzjoni minn qabel tal-Eurostat, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw d-data f’forma differenti jew fuq mezz differenti.

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE ([1]) minn hawn il-quddiem imsejjaħ “il-Kumitat”.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b’kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom, sal-ewwel ta’ Jannar 1993, jippreżentaw rapport dettaljat lill-Eurostat li fih jiddeskrivu kif id-data fuq il-qbid tkun ġiet meħuda u li fih jispeċifikaw il-grad ta’ rappreżentanza u affidabilità ta’ din id-data. L-Eurostat, b’kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandu jistabbilixxi taqsira ta’ dawn ir-rapporti.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Eurostat dwar il-modifikazzjonijiet fid-data prevista taħt il-paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Ir-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilita tad-data, l-affidabilità tad-data imsemmija fil-paragrafu 1 u kwistjonijiet oħra relevanti dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba fis-sena mill-Grupp ta’ Ħidma tal-Kumitat.

*Artikolu 7*

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 3880/91 huwa b’dan mħassar.

2. Ir-riferenzi li jsiru għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jiġu mifhuma bħala riferenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw konfermement mat-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness VII.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, il-11 ta’ Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

([1]) ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1. L-Edizzjoni Speċjali Ingliża, Serje I, Kapitolu 1972(III), p. 838.

*ANNESS I*

**Lista ta' speċi rapportati fl-istatistiċi tal-qbid kummerċjali għall-grigal tal-atlantiku**

L-Istati Membri għandhom jirraportaw il-qbid nominali ta' dawk l-ispeċi mmarkati b'asterisk (*). Ir-Rappurtar ta' qbid nominali tal-ispeċi l-oħra jista' ma jsirx peress li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' speċi individwali. Iżda jekk ma meta ma tiġix preżentata data għal speci individwali, id-data għandha tiġi inkluża f'kategoriji miġburin kollha flimkien. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw data għal speċi li ma jkunux fil-lista, iżda dawn għandhom ikunu identifikati sewwa.

Nota: "m.i.b" hija abbrevjazzjoni għal "mhux imsemmija band'oħra".

| Isem bil-Malti | Identifikazzjoni 3-alpha | Isem xjentifiku | Isem Ingliż |
|---|---|---|---|
| L-ispeċi fil-ġeneru *Abramis* m.i.b. | FBR | *Abramis* spp. | *Freshwater breams n.e.i.* |
| *Ide (Orfe)* | FID | *Leuciscus (= Idus) Idus* | *Ide (Orfe)* |
| Mazzun | FRO | *Rutilus rutilus* | *Roach* |
| Karpjun komuni | FCP | *Cyprinus carpio* | *Common carp* |
| Karpjun Kruċjan | FCC | *Carassius carassius* | *Crucian carp* |
| Lipp | FTE | *Tinca tinca* | *Tench* |
| L-ispeċi fil-familja Cyprinidae m.i.b. | FCY | *Cyprinidae* | *Cyprinids n.e.i.* |
| Lizz | FPI | *Esox lucius* | *Northern pike* |
| *Pike-perch* | FPP | *Sander lucioperca* | *Pike-perch* |
| Dott Ewropew | FPE | *Perca fluviatilis* | *European perch* |
| *Burbot* | FBU | *Lota lota* | *Burbot* |
| Ħut tal-ilma ħelu m.i.b. | FRF | *ex Osteichthyes* | *Freshwater fishes n.e.i.* |
| L-ispeċi fil-familja tal-Isturjuni *Acipenseridae* m.i.b. | STU | *Acipenseridae* | *Sturgeons n.e.i.* |
| Sallura | ELE (*) | *Anguilla anguilla* | *European eel* |
| *Vendace* | FVE | *Coregonus albula* | *Vendace* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Coregonus* m.i.b. | WHF | *Coregonus* spp. | *Whitefishes n.e.i.* |
| Salamun Atlantiku | SAL (*) | *Salmo salar* | *Atlantic salmon* |
| Salamun | TRS | *Salmo trutta trutta* | *Sea trout* |
| L-ispeċi fil-generu ta' Salamun m.i.b. | TRO | *Salmo* spp. | *Trouts n.e.i.* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Salvelinus* | CHR | *Salvelinus* spp. | *Chars n.e.i.* |
| Perlan Ewropew | SME | *Osmerus perlanus* | *European smelt* |
| Salmonid m.i.b. | SLZ | *Salmonidae* | *Salmonids n.e.i.* |
| *European whitefish* | FVE | *Coregonus lavaretus* | *European whitefish* |
| *Houting* | HOU | *Coregonus oxyrinchus* | *Houting* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Petromyzon* (Qalfat) | LAM | *Petromyzon* spp. | *Lampreys* |
| Laċċi tat-tbajja m.i.b. | SHD | *Alosa alosa, A. fallax* | *Allis and twaite shads* |
| *Clupeoids* diadromi m.i.b. | DCX | *Clupeoidei* | *Diadromous clupeoids n.e.i.* |
| Ħut diadromu m.i.b. | DIA | *ex Osteichthyes* | *Diadromous fishes n.e.i.* |
| *Megrim* m.i.b. | MEG (*) | *Lepidorhombus whiffagionis* | *Megrim n.e.i.* |
| *Fourspot megrim* | LDB | *Lepidorhombus boscii* | *Fourspot megrim* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Lepidorhombus* (m.i.b.) | LEZ (*) | *Lepidorhombus* spp. | *Megrims n.e.i.* |
| Barbun imperjali | TUR (*) | *Psetta maxima* | *Turbot* |
| Barbun | BLL (*) | *Scophtalmus rhombus* | *Brill* |
| Atlantic halibut | HAL (*) | *Hippoglossus hippoglossus* | *Atlantic halibut* |
| Barbun tat-tbajja | PLE (*) | *Pleuronectes platessa* | *European plaice* |
| *Greenland halibut* | GHL (*) | *Reinhardtius hippoglossoides* | *Greenland halibut* |
| *Witch flounder* | WIT (*) | *Glyptocephalus cynoglossus* | *Witch flounder* |
| *Long-rough dab* | PLA (*) | *Hippoglossoides platessoides* | *Long-rough dab* |
| *Common dab* | DAB (*) | *Limanda limanda* | *Common dab* |

| Isem bil-Malti | Identifikazzjoni 3-alpha | Isem xjentifiku | Isem Ingliż |
|---|---|---|---|
| Lingwata | LEM (*) | *Microstomus kitt* | *Lemon sole* |
| Barbun | FLE (*) | *Platichthys flesus* | *European flounder* |
| Lingwata komuni | SOL (*) | *Solea solea* | *Common sole* |
| *Sand sole* | SOS | *Pegusa lascaris* | *Sand sole* |
| Lingwata ta' Senegal | OAL | *Solea senegalensis* | *Senegalese sole* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Solea* m.i.b. | SOO (*) | *Solea* spp. | *SOO Soles* spp. |
| *Flatfishes* m.i.b. | FLX | *Pleuronectiformes* | *Flatfishes n.e.i.* |
| *Tusk (= cusk)* | USK (*) | *Brosme brosme* | *Tusk (= cusk)* |
| Merluzz atlantiku | COD (*) | *Gadus morhua* | *Atlantic cod* |
| Marlozz | HKE (*) | *Merluccius merluccius* | *European hake* |
| Linarda jew *Ling* | LIN (*) | *Molva molva* | *Ling* |
| *Blue ling* | BLI (*) | *Molva dypterigia (= byrkelange)* | *Blue ling* |
| Lipp abjad | GFB | *Phyces blennoides* | *Greater forkbeard* |
| Bakkaljaw | HAD (*) | *Melanogrammus aeglefinus* | *Haddock* |
| *Wachna cod (= Navaga)* | COW | *Eleginus nawaga* | *Wachna cod (= navaga)* |
| *Saithe (= Pollock = Coalfish)* | POK (*) | *Pollachius virens* | *Saithe (= pollock = coalfish)* |
| *Pollack* | POL (*) | *Pollachius pollachius* | *Pollack* |
| *Polar Cod* | POC | *Boreogadus saida* | *Polar cod* |
| *Norway pout* | NOP (*) | *Trisopterus esmarkii* | *Norway pout* |
| *Pouting (= bib)* | BIB | *Trisopterus luscus* | *Pouting (= bib)* |
| Stokkafixx/Marlozz | WHB (*) | *Micromesistius poutassou* | *Blue whiting (= poutassou)* |
| *Whiting* | WHG (*) | *Merlangius merlangus* | *Whiting* |
| *Roundnose grenadier* | RNG | *Coryphaenoides rupestris* | *Roundnose grenadier* |
| *Morid cods* | MOR | *Moridae* | *Morid cods* |
| *Poor cod* | POD | *Trisopterus minutus* | *Poor cod* |
| *Greenland cod* | GRC | *Gadus ogac* | *Greenland cod* |
| *Artic cod* | ATG | *Arctogadus glacialis* | *Arctic cod* |
| *Gadiformes m.i.b.* | GAD | *Gadiformes* | *Gadiformes n.e.i.* |
| *Greater argentine* | ARU | *Argentina silus* | *Greater argentine* |
| Arġentina/Kurunetta | ARY | *Argentina sphyraena* | *Argentine* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Arġentina | ARG | *Argentina spp.* | *Argentines* |
| Gringu | COE | *Conger conger* | *European conger* |
| Pixxi San Pietru | JOD | *Zeus Faber* | *Atlantic John Dory* |
| Spinotta | BSS | *Dicentrarchus labrax* | *Sea bass* |
| Ċerna | GPD | *Epinephelus marginatus* | *Dusky grouper* |
| Ħanżir tal-fond | WRF | *Polyprion americanus* | *Wreckfish* |
| *Sea basses, sea perches* | BSX | *Serranidae* | *Sea basses, sea perches* |
| *Grunts* m.i.b. | GRX | *Haemulidae (= Pomasydae)* | *Grunts n.e.i.* |
| Gurbell | MGR | *Argyrosomus regius* | *Meagre* |
| Bużuga kaħla | SBR | *Pagellus bogareveo* | *Red (= common) sea bream* |
| Paġella | PAC | *Pagellus erythrinus* | *Common pandora* |
| Denċi tal-għajn | DEL | *Dentex macrophthalmus* | *Large-eye dentex* |
| L-ispeċi fil-ġeneru tad-denċi m.i.b. | DEX | *Dentex spp.* | *Dentex n.e.i.* |
| Pagru | RPG | *Pagrus pagrus* | *Red porgy* |
| Awrata | SBG | *Sparus aurata* | *Gilthead sea bream* |
| Vopa | BOG | *Boops boops* | *Bogue* |
| L-ispeċi fil-familja Sparidae m.i.b. | SBX | *Sparidae* | *Porgies, sea breams n.e.i.* |
| Trija tal-faxxi | MUR | *Mullus surmuletus* | *Red mullet* |
| Sawt kbir | WEG | *Trachinus draco* | *Greater weaver* |

| Isem bil-Malti | Identifikazzjoni 3-alpha | Isem xjentifiku | Isem Ingliż |
|---|---|---|---|
| *Atlantic wolf-fish (Catfish)* | CAA (*) | *Anarhichas lupus* | *Atlantic wolf-fish (= catfish)* |
| *Spotted wolf-fish* | CAS (*) | *Anarhichas minor* | *Spotted wolf-fish* |
| *Eel-pout* | ELP | *Zoarches viviparus* | *Eel-pout* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Ammodytes | SAN (*) | *Ammodytes* spp. | *Sand eels (= sand lances)* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Gobius | GOB | *Gobius* spp. | *Atlantic gobies* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Sebastes | RED (*) | *Sebastes* spp. | *Atlantic redfishes* |
| L-ispeċi fil-Familja tal-Iskorfni m.i.b. | SCO | *Scorpaenidae* | *Scorpion fishes n.e.i.* |
| L-ispeċi fil-familja tat-*Triglidae* m.i.b. | GUX (*) | *Triglidae* | *Gurnards n.e.i.* |
| *Lumpfish (= lumpsucker)* | LUM | *Cyclopterus lumpus* | *Lumpfish (= lumpsucker)* |
| Petrica kbira | MON (*) | *Lophius piscatorius* | *Monk (= anglerfish)* |
| Petrica żgħira | ANK | *Lophius budegassa* | *Blackbellied angler* |
| L-ispeċi fil-ġenus *lophius* m.i.b. | MNZ (*) | *Lophius* spp. | *Monkfishes n.e.i.* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Gasterosteus | SKB | *Gasterosteus* spp. | *Sticklebacks* |
| Bażuga | SBA | *Pagellus acarne* | *Axillary (= Spanish) seabream* |
| Denċi komuni | DEC | *Dentex dentex* | *Common dentex* |
| L-ispeċi fil-familja Macrohampho-sidae | SNI | *Macroamphosidae* | *Snipe fishes* |
| *Striped bass* | STB | *Morone saxatilis* | *Striped bass* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Anarchichas* m.i.b. | CAT (*) | *Anarhichas* spp. | *Wolf-fishes (= catfishes) n.e.i.* |
| *Beaked redfish* | REB (*) | *Sebastes menteila* | *Beaked redfish* |
| *Golden redfish* | REG (*) | *Sebastes marinus* | *Golden redfish* |
| Żumbrell għadma | GUR (*) | *Aspitrigla (= Trigla) cuculus* | *Red gurnard* |
| Gallina griża | GUG (*) | *Eutrigla (= Trigla) gunardus* | *Grey gurnard* |
| Gunard b'pinen twal | GUM | *Chelidonychthys obscurus* | *Long-finned gurnard* |
| Gunard bi strixxi | CTZ | *Trigloporus lastoviza* | *Streaked gurnard* |
| Fjamma ħamra | CBC | *Cepola macrophtalma* | *Red bandfish* |
| *St Paul's fingerfin* | TLD | *Nemadactylus monodactylus* | *St Paul's fingerfin* |
| | IYL | *Sicyopetrus lagocephalus* | *Bichique* |
| *Black cardinal fish* | EPI | *Epigonus telescopus* | *Black cardinal fish* |
| Ġurdien tal-warda | HPR | *Hoplostethus mediterraneus* | *Mediterranean slimehead* |
| *Spiny Scorpionfish* | TZY | *Trachyscorpia echinata* | *Spiny Scorpionfish* |
| Morlin | USB | *Labrus bergylta* | *Ballan wrasse* |
| Mirli | WRM | *Labrus merula* | *Brown wrasse* |
| Alfonsinu splendidu | BYS | *Beryx splendens* | *Splendid alfonsino* |
| Demersal pecomorphs m.i.b. | DPX | *Peciformes* | *Demersal percomorphs n.e.i.* |
| Capelin | CAP (*) | *Mallotus villosus* | *Capelin* |
| Imsella | GAR | *Belone belone* | *Garfish* |
| Kastardella | SAU | *Scomberesox saurus* | *Atlantic saury* |
| L-ispeċi fil-familja Mulgidae m.i.b. | MUL | *Mulgidae* | *Mullets n.e.i.* |
| *Bluefish* | BLU | *Pomatomus saltatrix* | *Bluefish* |
| Sawrella komuni | HOM (*) | *Trachurus trachurus* | *Atlantic horse mackerel* |
| Sawrella kaħla | JAA | *Trachurus picturatus* | *Blue jack mackerel* |
| Sawrella għajnejh kbar | HMM | *Trachurus mediterraneus* | *Mediterranean horse mackerel* |
| L-ispeċi fil-ġeneru Trachurus m.i.b. | JAX (*) | *Trachurus* spp. | *Jack and horse mackerels n.e.i.* |
| Serra ħoxna | LEE | *Lichia amia* | *Leerfish* |
| Pixxiluna | POA | *Brama brama* | *Atlantic pomfret* |
| L-ispeċi fil-familja Atherinidae | SIL | *Atherinidae* | *Silversides (= sandsmelt)* |
| *Pelagic pecomorphs* m.i.b. | PPX | *Peciformes* | *Pelagic percomorphs n.e.i.* |
| Aringa tal-Atlantiku | HER (*) | *Clupea harengus* | *Atlantic herring* |
| L-ispeċi fil-ġeneru *Sardinellas* m.i.b. | SIX | *Sardinellas* spp. | *Sardinellas n.e.i.* |

| Isem bil-Malti | Identifikazzjoni 3-alpha | Isem xjentifiku | Isem Ingliż |
|---|---|---|---|
| Sardina | PIL (*) | *Sardina pilchardus* | *European sardine (= pilchard)* |
| Laċċi kaħla | SPR (*) | *Sprattus sprattus* | *Sprat* |
| Inċova | ANE (*) | *Engraulis encrasicolus* | *European anchovy* |
| *Clupeoids* m.i.b. | CLU | *Clupeoidei* | *Clupeoids n.e.i.* |
L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt ta' 50° 00′ lejn it-tramuntana, 7° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 9° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 5° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 49° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 7° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VII h*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-punent tal-Irlanda fi 52° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 12° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 9° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit- tramuntana sal-kosta tan-nofsinhar tal-Irlanda; imbagħad fit-tramuntana tul il-kosta tal-Irlanda sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VII h 1

Dik il-parti tad-diviżjoni VII j magħluqa b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 48,43 N | 12,00 W |
| 48,42 N | 11,99 W |
| 48,39 N | 11,87 W |
| 48,36 N | 11,75 W |
| 48,33 N | 11,64 W |
| 48,30 N | 11,52 W |
| 48,27 N | 11,39 W |
| 48,25 N | 11,27 W |
| 48,23 N | 11,14 W |
| 48,21 N | 11,02 W |
| 48,19 N | 10,89 W |
| 48,17 N | 10,77 W |
| 48,03 N | 10,68 W |
| 48,00 N | 10,64 W |
| 48,00 N | 12,00 W |
| 48,43 N | 12,00 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VII h 2

Dik il-parti tad-diviżjoni VII h li mhumiex fis-sub-diviżjoni VII h 1.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VII ħ*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fi 52° 30′ lejn it-tramuntana, 12° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 12° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VII ħ 1

Dik il-parti tad-diviżjoni VII ħ magħluqa bil-linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 48,00 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 16,06 W |
| 52,44 N | 16,07 W |
| 52,36 N | 16,08 W |
| 52,27 N | 16,09 W |
| 52,19 N | 16,09 W |
| 52,11 N | 16,09 W |
| 52,02 N | 16,08 W |
| 51,94 N | 16,07 W |
| 51,85 N | 16,07 W |
| 51,77 N | 16,05 W |
| 51,68 N | 16,04 W |
| 51,60 N | 16,02 W |
| 51,52 N | 15,99 W |
| 51,43 N | 15,96 W |
| 51,34 N | 15,93 W |
| 51,27 N | 15,90 W |
| 51,18 N | 15,86 W |
| 51,10 N | 15,82 W |
| 51,02 N | 15,77 W |
| 50,94 N | 15,73 W |
| 50,86 N | 15,68 W |
| 50,78 N | 15,63 W |
| 50,70 N | 15,57 W |
| 50,62 N | 15,52 W |
| 50,54 N | 15,47 W |
| 50,47 N | 15,42 W |
| 50,39 N | 15,36 W |
| 50,32 N | 15,30 W |
| 50,24 N | 15,24 W |
| 50,17 N | 15,17 W |
| 50,10 N | 15,11 W |
| 50,03 N | 15,04 W |
| 49,96 N | 14,97 W |
| 49,89 N | 14,89 W |
| 49,82 N | 14,82 W |
| 49,75 N | 14,74 W |
| 49,69 N | 14,65 W |
| 49,62 N | 14,57 W |
| 49,56 N | 14,48 W |
| 49,50 N | 14,39 W |
| 49,44 N | 14,30 W |
| 49,38 N | 14,22 W |
| 49,32 N | 14,13 W |
| 49,27 N | 14,04 W |

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 49,21 N | 13,95 W |
| 49,15 N | 13,86 W |
| 49,10 N | 13,77 W |
| 49,05 N | 13,67 W |
| 49,00 N | 13,57 W |
| 48,95 N | 13,47 W |
| 48,90 N | 13,37 W |
| 48,86 N | 13,27 W |
| 48,81 N | 13,17 W |
| 48,77 N | 13,07 W |
| 48,73 N | 12,96 W |
| 48,69 N | 12,85 W |
| 48,65 N | 12,74 W |
| 48,62 N | 12,64 W |
| 48,58 N | 12,54 W |
| 48,55 N | 12,43 W |
| 48,52 N | 12,32 W |
| 48,49 N | 12,22 W |
| 48,46 N | 12,11 W |
| 48,43 N | 12,00 W |
| 48,00 N | 18,00 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VII ħ 2

Dik il-parti tad-diviżjoni VII ħ li mhumiex fis-sub-diviżjoni VII ħ 1.

**Is-sub-żona statistika ICES VIII**

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-punent ta' Franza fi 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 43° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sal-kosta tal-punent ta' Spanja; imbagħad fit-tramuntana tul il-kosti ta' Spanja u Franza sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VIII a*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-punent ta' Franza fi 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 8° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 47° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 6° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 47° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 5° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 46° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sal-kosta ta' Franza; imbagħad fil-majjistral tul il-kosta ta' Franza sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VIII b*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-punent ta' Franza f'46° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 4° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 45° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 3° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 44° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 2° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sal-kosta tat-tramuntana ta' Spanja; imbagħad tul il-kosta tat-tramuntana ta' Spanja u l-kosta tal-punent ta' Franza sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VIII ċ*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tat-tramuntana ta' Spanja f'2° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 44° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 43° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sal-kosta tal-punent ta' Spanja; imbagħad fit-tramuntana u l-lvant tul il-kosta ta' Spanja sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statisitka ICES VIII d*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fi 48° 00′ lejn it-tramuntana, 8° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 44° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 3° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 45° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 4° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 46° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 5° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 47° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 6° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 47° 30′ lejn it-tramuntana, imbagħad fil-punent sa 8° 00′ fil-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VIII d 1

Dik il-parti tad-diviżjoni VIII d magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 48,00 N | 11,00 W |
| 48,00 N | 10,64 W |
| 47,77 N | 10,37 W |
| 47,45 N | 09,89 W |
| 46,88 N | 09,62 W |
| 46,34 N | 10,95 W |
| 46,32 N | 11,00 W |
| 48,00 N | 11,00 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VIII d 2

Dik il-parti tad-diviżjoni VIII d barra s-sub-diviżjoni VIII d 1.

— *Id-diviżjoni statistika ICES VIII e*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fi 48° 00′ lejn it-tramuntana, 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 43° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VIII e 1

Dik il-parti tad-diviżjoni VIII e magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 43,00 N | 18,00 W |
| 48,00 N | 18,00 W |
| 48,00 N | 11,00 W |
| 46,32 N | 11,00 W |
| 44,72 N | 13,31 W |
| 44,07 N | 13,49 W |
| 43,00 N | 13,80 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES VIII e 2

Dik il-parti tad-diviżjoni VIII e li mhumiex fis-sub-diviżjoni VIII e 1.

**Is-sub-żona statistika ICES IX**

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-majjistral ta' Spanja fi 43° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 36° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa punt fuq il-kosta tan-nofsinhar ta' Spanja (l-istmu ta' Punta Marroqui) f'5° 36′ lejn il-punent; imbagħad fil-majjistral tul il-kosta tal-lbiċ ta' Spanja, il-kosta tal-Portugall, u l-kosta tal-majjistral ta' Spanja sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES IX a*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tal-majjistral ta' Spanja fi 43° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 36° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa punt fuq il-kosta tan-nofsinhar ta' Spanja (l-istmu ta' Punta Marroqui) f'5° 36′ lejn il-punent; imbagħad fil-majjistral tul il-kosta tal-lbiċ ta' Spanja, il-kosta tal-Portugall u l-kosta tal-majjistral ta' Spanja sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES IX b*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fi 43° 00′ lejn it-tramuntana, 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 36° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES IX b 1

Dik il-parti tad-diviżjoni IX b magħluqa bil-linji li jgħaqqdu l-punti li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 43,00 N | 18,00 W |
| 43,00 N | 13,80 W |
| 42,88 N | 13,84 W |
| 42,04 N | 13,64 W |
| 41,38 N | 13,27 W |
| 41,13 N | 13,27 W |
| 40,06 N | 13,49 W |
| 38,75 N | 13,78 W |
| 38,17 N | 13,69 W |
| 36,03 N | 12,73 W |
| 36,04 N | 15,30 W |
| 36,02 N | 17,90 W |
| 36,00 N | 18,00 W |
| 43,00 N | 18,00 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES IX b 2

Dik il-parti tad-diviżjoni IX b li mhumiex fis-sub-diviżjoni IX b 1.

**Is-sub-żona statistika ICES X**

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fi 48° 00′ lejn it-tramuntana, 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 42° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 36° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES X a*

Dik il-parti tas-sub-żona X fin-nofsinhar ta' 43° N.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES X a 1

Dik il-parti tad-diviżjoni X a magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 36,00 N | 18,00 W |
| 36,00 N | 22,25 W |
| 37,58 N | 20,62 W |
| 39,16 N | 21,32 W |
| 40,97 N | 23,91 W |
| 41,35 N | 24,65 W |
| 41,91 N | 25,79 W |
| 42,34 N | 28,45 W |
| 42,05 N | 29,95 W |
| 41,02 N | 35,11 W |
| 40,04 N | 35,26 W |
| 38,74 N | 35,48 W |
| 36,03 N | 31,76 W |
| 36,00 N | 32,03 W |
| 36,00 N | 42,00 W |

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 43,00 N | 42,00 W |
| 43,00 N | 18,00 W |
| 36,00 N | 18,00 W |

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES X a 2

Dik il-parti tad-diviżjoni X a li mhumiex inklużi fis-sub-diviżjoni X a 1.

— *Id-diviżjoni statistika ICES X b*

Dik il-parti tas-sub-żona X fit-tramuntana ta' 43° N.

**Is-sub-żona statistika ICES XII**

L-ilmijiet illimitati b'linja li tibda f'punt fi 62° 00′ lejn it-tramuntana, 15° 00′ lejn il-punent; imbagħad fil-punent sa 27° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 59° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-punent sa 42° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 48° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 18° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 60° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 15° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-punt tal-bidu.

— *Id-diviżjoni statistika ICES XII a*

Dik il-parti tad-diviżjoni XII magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 62,00 N | 15,00 W |
| 62,00 N | 27,00 W |
| 59,00 N | 27,00 W |
| 59,00 N | 42,00 W |
| 52,50 N | 42,00 W |
| 52,50 N | 18,00 W |
| 54,50 N | 18,00 W |
| 54,50 N | 24,00 W |
| 60,00 N | 24,00 W |
| 60,00 N | 18,00 W |
| 60,00 N | 15,00 W |
| 62,00 N | 15,00 W |

— Id-diviżjoni statistika ICES XII a 1

Dik il-parti tad-diviżjoni XII a maghluqa bil-linja li tghaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 52,50 N | 42,00 W |
| 56,55 N | 42,00 W |
| 56,64 N | 41,50 W |
| 56,75 N | 41,00 W |
| 56,88 N | 40,50 W |
| 57,03 N | 40,00 W |
| 57,20 N | 39,50 W |
| 57,37 N | 39,00 W |
| 57,62 N | 38,50 W |
| 57,78 N | 38,25 W |

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 57,97 N | 38,00 W |
| 58,26 N | 37,50 W |
| 58,50 N | 37,20 W |
| 58,63 N | 37,00 W |
| 59,00 N | 36,77 W |
| 59,00 N | 27,00 W |
| 60,85 N | 27,00 W |
| 60,69 N | 26,46 W |
| 60,45 N | 25,09 W |
| 60,37 N | 23,96 W |
| 60,22 N | 23,27 W |
| 60,02 N | 21,76 W |
| 60,00 N | 20,55 W |
| 60,05 N | 18,65 W |
| 60,08 N | 18,00 W |
| 60,00 N | 18,00 W |
| 60,00 N | 24,00 W |
| 54,50 N | 24,00 W |
| 54,50 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 42,00 W |

— Id-diviżjoni statistika ICES XII a 2

Dik il-parti tad-diviżjoni XII a magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 60,00 N | 20,55 W |
| 60,00 N | 15,00 W |
| 60,49 N | 15,00 W |
| 60,44 N | 15,22 W |
| 60,11 N | 17,32 W |
| 60,05 N | 18,65 W |
| 60,00 N | 20,55 W |

— Id-diviżjoni statistika ICES XII a 3

Dik il-parti tad-diviżjoni XII a magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 59,00 N | 42,00 W |
| 56,55 N | 42,00 W |
| 56,64 N | 41,50 W |
| 56,75 N | 41,00 W |
| 56,88 N | 40,50 W |
| 57,03 N | 40,00 W |
| 57,20 N | 39,50 W |
| 57,37 N | 39,00 W |
| 57,62 N | 38,50 W |

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 57,78 N | 38,25 |
| 57,97 N | 38,00 W |
| 58,26 N | 37,50 W |
| 58,63 N | 37,00 W |
| 59,00 N | 36,77 W |
| 59,00 N | 42,00 W |

— Id-diviżjoni statistika ICES XII a 4

Dik il-parti tad-diviżjoni XII a magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 62,00 N | 27,00 W |
| 60,85 N | 27,00 W |
| 60,69 N | 26,46 W |
| 60,45 N | 25,09 W |
| 60,37 N | 23,96 W |
| 60,22 N | 23,27 W |
| 60,02 N | 21,76 W |
| 60,00 N | 20,55 W |
| 60,05 N | 18,65 W |
| 60,11 N | 17,32 W |
| 60,44 N | 15,22 W |
| 60,49 N | 15,00 W |
| 62,00 N | 15,00 W |
| 62,00 N | 27,00 W |

— *Id-diviżjoni statistika ICES XII b*

Dik il-parti tas-sub-żona XII magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 60,00 N | 18,00 W |
| 54,50 N | 18,00 W |
| 54,50 N | 24,00 W |
| 60,00 N | 24,00 W |
| 60,00 N | 18,00 W |

— *Id-diviżjoni statistika ICES XII ċ*

Dik il-parti tas-sub-żona XII magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 52,50 N | 42,00 W |
| 48,00 N | 42,00 W |
| 48,00 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 18,00 W |
| 52,50 N | 42,00 W |

**Is-sub-żona statistika ICES XIV**

L-ilmijiet imdawra b'linja mill-Polo Nord ġeografiku tul il-meridjan ta' 40° 00′ lejn il-punent sal-kosta tat-tramuntana ta' Greenland; imbagħad fil-lvant u n-nofsinhar tul il-kosta ta' Greenland sa punt f'44° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 59° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 27° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa 68° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sal-Pol Nord ġeografiku.

— *Id-diviżjoni statistika ICES XIV a*

L-ilmijiet imdawra b'linja mill-Polo Nord ġeografiku tul il-meridjan ta' 40° 00′ lejn il-punent sal-kosta tat-tramuntana ta' Greenland; imbagħad fil-lvant u n-nofsinhar tul il-kosta ta' Greenland sa punt f'Kap Savary fi 68° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fin-nofsinhar tul il-meridjan ta' 27° 00′ lejn il-punent sa 68° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 11° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramunatan sal-Pol Nord ġeografiku.

— *Id-diviżjoni statistika ICES XIV b*

L-ilmijiet imdawra b'linja li tibda f'punt fuq il-kosta tan-nofsinhar ta' Greenland f'44° 00′ lejn il-punent; imbagħad fin-nofsinhar sa 59° 00′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lvant sa 27° 00′ lejn il-punent; imbagħad fit-tramuntana sa punt f'Kap Savary fi 68° 30′ lejn it-tramuntana; imbagħad fil-lbiċ tul il-kosta ta' Greenland sal-punt tal-bidu.

— Is-sub-diviżjoni statistika ICES XIV b 1

Dik il-parti tad-diviżjoni XIV b magħluqa bil-linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 59,00 N | 27,00 W |
| 59,00 N | 36,77 W |
| 59,35 N | 36,50 W |
| 59,50 N | 36,35 W |
| 59,75 N | 36,16 W |
| 60,00 N | 35,96 W |
| 60,25 N | 35,76 W |
| 60,55 N | 35,50 W |
| 60,75 N | 35,37 W |
| 61,00 N | 35,15 W |
| 61,25 N | 34,97 W |
| 61,50 N | 34,65 W |
| 61,60 N | 34,50 W |
| 61,75 N | 34,31 W |
| 61,98 N | 34,00 W |
| 62,25 N | 33,70 W |
| 62,45 N | 33,53 W |
| 62,50 N | 33,27 W |
| 62,56 N | 33,00 W |
| 62,69 N | 32,50 W |
| 62,75 N | 32,30 W |
| 62,87 N | 32,00 W |
| 63,03 N | 31,50 W |
| 63,25 N | 31,00 W |
| 63,31 N | 30,86 W |
| 63,00 N | 30,61 W |
| 62,23 N | 29,87 W |
| 61,79 N | 29,25 W |
| 61,44 N | 28,61 W |

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|
| 61,06 N | 27,69 W |
| 60,85 N | 27,00 W |
| 59,00 N | 27,00 W |

— Id-diviżjoni statistika ICES XIV b 2

Dik il-parti tad-diviżjoni XIV b li mhix inkluża fis-sub-diviżjoni XIV b 1.

*ANNESS IV*

**Il-format li fih għandha tiġi komunikata id-data fuq il-qabdiet għall-Atlantiku tal-Grigal**

Medja manjetika

*Tejps tal-kompjuters:* Disa' trekks b'densità ta' 1 600 jew 6 250 BPI u EBCDIC jew b'kodiċi ASKII, preferibbilment bla tikketta. Jekk ittikkettjata, għandu jiġi inkluż il-kodiċi tal-aħħar tal-fajl.

*Diski floppy:* MS-DOS-formattjati 3,5″ 720 K jew 1,4 Mbyte diski jew 5,25″ 360 K jew 1,2 Mbyte diski.

Format tal-Rekord

| Nri ta' Byte | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż (Kodiċi ISO 3-*alpha*) | eż. FRA = Franza |
| 5 sa 6 | Sena | eż. 90 = 1990 |
| 7 sa 8 | Żona FAO maġġuri għas-sajd | 27 = Atlantiku Majjistral |
| 9 sa 15 | *Id-diviżjoni* | eż. IV a = ICES diviżjoni IV a |
| 16 sa 18 | Speċje | Identifikatur 3-*alpha* |
| 19 sa 26 | Qabda | Tunnellati metriċi |

Noti:

(a) Il-kaxex għan-numri għandhom jkunu kollha man-naħa tal-lemin bl-ewwel kaxxa għandha titħalla vojta. Il-kaxex kollha alfanumeriċi għandhom ikunu jibdew kollha mix-xellug u l-kaxex ta' wara għandhom jitħallew vojta.

(b) Is-sajda għandha tiġi reġistrata fl-ekwivalenti tal-piż ħaj tal-qabdiet mtella' l-art lejn l-eqreb tunnellata metrika.

(c) Il-kwantitajiet (bytes 19 to 26) ta' inqas minn nofs unità għandha tiġi reġistrata bħala "- 1".

(d) Il-kwantitajiet mhux magħrufa (bytes 19 sa 26) għandhom jiġu reġistrati bħala "- 2".

*ANNESS V*

**FORMA BIEX JINTBAGĦTU ĊFRI TA' QBID GĦALL-GRIGAL TA' L-ATLANTIKU FUQ MEZZI MANJETIĊI**

A. **Forma tal-kodifika**

Iċ-ċifri għandhom jintabagħtu fuq reġistrazzjonijiet ta' tul varjabbli separati b'żewġ (:) punti bejn it-taqsimiet tar-reġistrazzjoni. It-taqsimiet li ġejjin għandhom ikunnu mdaħħla f'kull reġistrazzjoni:

| Taqsima | Rimarki |
|---|---|
| Pajjiż | Kodiċi ISO 3-alpha eż FRA = Franza |
| Sena | eż 2001 jew 01 |
| Żona FAO maġġuri għas-sajd | 27 = Atlantiku majjistral |
| Diviżjoni | eż. IVa = ICES sub-diviżjoni 4a |
| Speċi | Identifikatur 3-alpha |
| Qabda | Tunnellati |

(a) Il-qabda għandha tkun irreġistrata fil-piż ħaj ekwivalenti għall-isbarki, sa l-eqreb tunnella metrika.

(b) Kwantitajiet ta' inqas minn nofs unità għandhom ikunu rreġistrati bħala "-1".

(ċ) Kodiċijiet tal-pajjiżi:

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | AUT |
| Il-Belġju | BEL |
| Il-Bulgarija | BGR |
| Ċipru | CYP |
| Ir-Repubblika Ċeka | CZE |
| Il-Ġermanja | DEU |
| Id-Danimarka | DNK |
| Spanja | ESP |
| L-Estonja | EST |
| Il-Finlandja | FIN |
| Franza | FRA |
| Ir-Renju Unit | GBR |
| l-Ingilterra u Wales | GBRA |
| L-Iskozja | GBRB |
| l-Irlanda ta' Fuq | GBRC |
| Il-Greċja | GRC |
| L-Ungerija | HUN |
| L-Irlanda | IRL |
| L-Iżlanda | ISL |
| L-Italja | ITA |
| Il-Litwanja | LTU |
| Il-Lussemburgu | LUX |
| Il-Latvja | LVA |
| Malta | MT |
| Olanda | NLD |
| In-Norveġja | NOR |
| Il-Polonja | POL |
| Il-Portugall | PRT |

| | |
|---|---|
| Ir-Rumanija | ROU |
| Is-Slovakkja | SVK |
| Is-Slovenja | SVN |
| L-Iżvezja | SWE |
| It-Turkija | TUR |

B. **Metodu kif jintbagħtu ċifri lill-kummissjoni ewropea**

Kemm jista' jkun possibbli Iċ-ċifri għandhom jinbagħtu f'forma elettronika (per eżempju: mehmużin ma' e-mail).

Fin-nuqqas ta' dan, il-dokumentazzjoni tkun aċċettata jekk tintbagħat fuq diska floppy 3.5' HD.

*ANNESS VI*

**Ir-Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91<br>(ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1) | |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1637/2001<br>(ĠU L 222, 17.8.2001, p. 20) | |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1882/2003<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | Il-Punt 4 tal-Anness I biss |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2005<br>(ĠU L 74, 19.3.2005, p. 5) | |

*ANNESS VII*

**Tabella Ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KEE) Nru 3880/91 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 3 | L-Artikolu 3 |
| L-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu | L-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu |
| — | L-Artikolu 4, it-tieni paragrafu |
| L-Artikolu 4, it-tieni paragrafu | L-Artikolu 4, it-tielet paragrafu |
| L-Artikolu 5(1) u (2) | L-Artikolu 5 (1) u (2) |
| L-Artikolu 5(3) | — |
| L-Artikolu 6(1) u (2) | L-Artikolu 6(1) u (2) |
| L-Artikolu 6(3) | — |
| L-Artikolu 6(4) | L-Artikolu 6(3) |
| — | L-Artikolu 7 |
| L-Artikolu 7 | L-Artikolu 8 |
| L-Anness I | L-Anness I |
| L-Anness II | L-Anness II |
| L-Anness III | L-Anness III |
| L-Anness IV | L-Anness IV |
| — | L-Anness V |
| — | L-Anness VI |
| — | L-Anness VII |

# REGOLAMENT (KE) Nru 219/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Marzu 2009

## li jadatta numru ta' atti soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju

## Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – Parti Tnejn

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 44(1), 71, 80(2), 95, 152(4)(b), 175(1), 179 u 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([4]) ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE ([5]), li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku adottat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi jitneħħew uħud minn dawn l-elementi jew billi l-istrument jiġi ssupplementat b'elementi ġodda mhux essenzjali.

(2) F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([6]) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għall-atti li huma diġà fis-seħħ u li kienu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawn għandhom jiġu aġġustati skont il-proċeduri applikabbli.

(3) Billi l-emendi magħmula fl-atti għal dan l-iskop huma ta' natura teknika u jikkonċernaw il-proċedura tal-kumitat biss, m'hemmx il-ħtieġa, fil-każ tad-direttivi, ta' traspożizzjoni mill-Istati Membri,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-atti elenkati fl-Anness huma b'dan adattati, skont dak l-Anness, għad-Deċiżjoni 1999/468/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE.

*Artikolu 2*

Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti li jinsabu fl-Anness għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dawk id-dispożizzjonijiet kif adattati minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 11 ta' Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

---

([1]) ĠU C 224, 30.8.2008, p. 35.
([2]) ĠU C 117, 14.5.2008, p. 1.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2009.
([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([5]) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.
([6]) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

*ANNESS*

1. GĦAJNUNA UMANITARJA

**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1257/96, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għal dak ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1257/96, billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 13, ir-raba' paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-deċiżjonijiet biex jitkomplew il-ħidmiet adottati mill-proċedura ta' urġenza għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura ta' mmaniġġjar imsemmija fl-Artikolu 17(2) u fil-limiti stabbiliti fit-tieni inċiż tal-Artikolu 15(2).";

2) l-Artikolu 15 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 15*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għal dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif msemmija fl-Artikolu 17(4).

2. Filwaqt li taġixxi skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 17(3), il-Kummissjoni għandha:

— tiddeċiedi dwar il-finanzjament Komunitarju tal-ħidmiet ta' protezzjoni tal-għajnuna umanitarja msemmija fl-Artikolu 2(c),

— tiddeċiedi li tieħu azzjoni diretta tal-Kummissjoni jew li tiffinanzja azzjoni mill-aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri.

3. Filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' mmaniġġjar msemmija fl-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni għandha:

— tapprova pjanijiet globali mfassla biex jipprovdu għal azzjonijiet f'pajjiż jew reġjun partikolari li jkun fejn l-iskala u l-kumplessità tal-kriżi umanitarja hija tali li tidher li x'aktarx li ser tissokta, u l-estimi għal dawk il-pjani. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-prijoritajiet li għandhom jiġu stabbiliti biex jiġu implimentati dawn il-pjanijiet globali,

— tiddeċiedi dwar il-proġetti li jiskorru 2 miljuni ECU, bla ħsara għall-Artikolu 13.";

3) l-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

([1]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

2. INTRAPRIŻA

**2.1. Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 75/324/KEE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta l-adattamenti tekniċi neċessarji għal dik id-Direttiva u l-emendi meħtieġa biex l-Anness ikun adattat għall-progress tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 75/324/KEE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 75/324/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi meħtieġa biex tadatta l-Anness ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2).";

2) l-Artikolu 7 huwa emendat hekk kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mibdul bit-test li ġej:

"2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tiegħu.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

3) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' tadotta adattamenti tekniċi neċessarji ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2).

F'dak il-każ, l-Istat Membru li jkun adotta miżuri ta' salvagwardja jista' jżommhom sakemm jidħlu fis-seħħ l-adattamenti.".

**2.2. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili** ([2])

Fir-rigward tad-Direttiva 93/15/KEE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta d-Direttiva biex titqies kwalunkwe emenda futura tar-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u biex tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14, it-tieni paragrafu. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 93/15/KEE billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 93/15/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Il-kumitat għandu jeżamina kwalunkwe materja li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

([1]) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40.
([2]) ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont il-proċedura ta' mmaniġġjar msemmija fil-paragrafu 3, miżuri ta' implimentazzjoni partikolarment biex titqies kwalunkwe emenda futura tar-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.";

2) it-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jaċċertaw jekk impriżi bħal dawn ikollhomx sistema sabiex jagħtu kont tal-isplussivi b'dak il-mod li dawk li jkollhom xi splussivi jkunu jistgħu jiġu identifikati f'kull żmien. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(4).".

2.3. **Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2000/14/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-adattament għall-progress tekniku tal-Anness III. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2000/14/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2000/14/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 18 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

2) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

*"Artikolu 18a*

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex ikun hemm adattament għall-progress tekniku tal-Anness III, sakemm dawn ma jkollhomx xi impatt dirett fuq il-livell imkejjel tal-qawwa tal-ħoss tal-apparat elenkat fl-Artikolu 12, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' referenzi għall-istandards Ewropej rilevanti.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).";

3) fl-Artikolu 19, il-punt(b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jassisti lill-Kummissjoni fl-adattament għall-progress tekniku tal-Anness III.".

2.4. **Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti** ([2])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-annessi tagħha għall-progress tekniku, biex tadatta l-metodi ta' kejl, it-teħid ta' kampjuni u analiżi, biex tadotta regoli li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri ta' kontroll u biex tinkludi tipi ġodda ta' fertilizzanti tal-KE. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

([1]) ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tadatta u timmodernizza l-metodi ta' kejl, tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi u għandha, fejn ikun possibbli, tuża Standards Ewropej. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 32(3). L-istess proċedura għandha tapplika għall-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa biex jiġu speċifikati l-miżuri ta' kontroll previsti f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli 8, 26 u 27. Dawn ir-regoli għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw il-kwistjoni tal-frekwenza li biha l-eżamijiet għandhom jiġu ripetuti, kif ukoll il-miżuri li huma intenzjonati biex jiżguraw li l-fertilizzant imqiegħed fis-suq hu identiku għall-fertilizzant eżaminat.";

2) l-Artikolu 31 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Anness I biex jinkludi tipi ġodda ta' fertilizzanti.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Annessi biex jitqies il-progress tekniku.";

(ċ) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

"4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 3, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 32 (3).";

3) l-Artikolu 32 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 32*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

### 2.5. Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji (GLP) (Verżjoni kodifikata) ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2004/9/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-Anness I għall-progress tekniku u tbiddel il-formula fl-Artikolu 2(2). Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2004/9/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/9/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 6(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Jekk il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa emendi għal din id-Direttiva biex jissolvew il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tadotta dawk l-emendi.

Bawn il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

([1]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28.

2) l-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 29(1) tad-Direttiva u tal-Kunsill 67/548/KEE (*), minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat".

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

---

(*) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1";

3) l-Artikolu 8(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għal dawn li ġejjin:

(a) l-adattament tal-formula msemmija fl-Artikolu 2(2);

(b) l-adattament tal-Anness I biex jitqies il-progress tekniku.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).".

2.6. **Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (verżjoni kodifikata)** [1]

Fir-rigward tad-Direttiva 2004/10/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-Anness I għall-progress tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2004/10/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/10/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

*"Artikolu 3a*

Il-Kummissjoni tista' tadatta l-Anness I għall-progress tekniku, fir-rigward tal-prinċipji tal-GLP.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 4(2).";

2) l-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 29(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

---

(*) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1";

---

(1) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44.

3) fl-Artikolu 5(2) it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex tintroduċi adattamenti tekniċi neċessarji għal din id-Direttiva.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 4(2).

Fil-każ imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Istat Membru li jkun adotta l-miżuri ta' salvagwardja jista' jżommhom sad-dħul fis-seħħ ta' dawk l-adattamenti.".

2.7. **Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 273/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta miżuri ta' implimentazzjoni. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 273/2004, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 14 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja għandha jiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni dwar dan li ġej:";

(b) għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Il-miżuri msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel paragrafu, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3).

Il-miżuri msemmija fil-punt (f) tal-ewwel paragrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' mmaniġġjar msemmija fl-Artikolu 15(2).";

2) l-Artikolu 15 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 15*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.".

2.8. **Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti** [2]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-annessi tagħha u tadotta kwalunkwe emendi jew żiediet meħtieġa biex jiġu applikati r-regoli ta' dak ir-Regolament għad-deterġenti b'bażi ta' solventi fejn ikun meħtieġ. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

[1] ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1.
[2] ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) il-premessa 27 għandha tithassar;

2) l-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

3) l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

**Adattament tal-Annessi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull emenda meħtieġa biex tadatta l-Annessi u, safejn hu possibbli, tuża l-Istandards Ewropej.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull emenda jew żieda meħtieġa biex tapplika r-regoli ta' dan ir-Regolament għal deterġenti b'bażi ta' solventi.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif imsemmija fl-Artikolu 12 (3).";

4) Fl-Anness VII, punt A, is-sitt paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk limiti individwali ta' konċentrazzjoni bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni ta' fwieħa jiġu stabbiliti wara bl-SCCFP, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-adozzjoni ta' limiti bħal dawn biex jissostitwixxu l-limitu ta' 0.01 % imsemmi hawn fuq. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).".

## 2.9. Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta ċerti dispożizzjonijiet u annessi, biex tadotta dispożizzjonijiet ġodda, u biex tniżżel kondizzjonijiet speċifiċi ta' applikazzjoni. Peress li dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 3(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Wara li jkun ġie kkonsultat il-kumitat kompetenti tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' tadatta l-Anness għall-progress tekniku u xjentifiku u tista' tadotta kull emenda meħtieġa mingħajr ma testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ċentralizzata.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu adotatti skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

([1]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

2) fl-Artikolu 14(7), it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din. Dik il-miżura, mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87 (2a).";

3) l-Artikolu 16(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Aġenzija, għandha tadotta dispożizzjonijiet adatti biex ikunu eżaminati varjazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet għall-marketing f'forma ta' regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

4) l-Artikolu 24 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-marketing għal prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem għandu jiżgura li l-effetti sekondarji serji suspettati mhux mistennija kollha u kull trażmissjoni suspetta permezz ta' prodott mediċinali ta' xi aġent li jinfetta li jseħħ fit-territorju ta' pajjiż terz jiġu rrappurtati fil-pront lill-Istati Membri u lill-Aġenzija, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jkun irċieva l-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet għar-rappurtar ta' effetti sekondarji suspettati mhux mistennija li m'humiex serji, kemm jekk iseħħu fil-Komunità kemm jekk f'pajjiż terz. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

(b) il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jemendaw il-paragrafu 3 minħabba l-esperjenza miksuba bit-tħaddim tiegħu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

5) l-Artikolu 29 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 29*

Il-Kummissjoni tista' tadotta kull emenda li tista' tkun meħtieġa biex taġġorna d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu biex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

6) fl-Artikolu 41(6) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Aġenzija, għandha tadotta dispożizzjonijiet adatti biex ikunu eżaminati varjazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet għall-marketing f'forma ta' regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

7) l-Artikolu 49 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-marketing għall-prodott mediċinali veterinarju għandu jiżgura li l-effetti sekondarji suspettati serji mhux mistennija kollha, u effetti sekondarji mill-bniedem, u kull trażmissjoni suspetta permezz ta' prodott mediċinali ta' xi aġent li jinfetta li jseħħu fit-territorju ta' pajjiż terz jiġu rrappurtati fil-pront lill-Istati Membri u lill-Aġenzija, mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jkun irċieva l-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet għar-rappurtar ta' reazzjonijiet kuntrarji suspettati mhux mistennija li m'humiex serji, kemm jekk iseħħu fil-Komunità kemm jekk f'pajjiż terz. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

(b) il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jemendaw il-paragrafu 3 minħabba l-esperjenza miksuba bit-tħaddim tiegħu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

8) l-Artikolu 54 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 54*

Il-Kummissjoni tista' tadotta kull emenda li tista' tkun meħtieġa biex taġġorna d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu biex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

9) l-Artikolu 70(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet li jistabbilixxu ċ-ċirkostanzi fejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jħallsu ħlasijiet imnaqqsa, jiddeferixxu l-pagament tal-ħlas, jew jirċievu għajnuna amministrattiva. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87 (2a).";

10) fl-Artikolu 84(3) l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Fuq talba tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' timponi penali finanzjarji fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-marketing mogħtija taħt dan ir-Regolament jekk jonqsu milli jħarsu ċerti obbligi stabbiliti fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet. L-ammonti massimi kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-metodi għall-ġbir ta' dan il-penali għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 87(2a).";

11) l-Artikolu 87 huwa b'dan emendat hekk kif ġej:

(a) il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal:

"2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tiegħu.";

(b) il-paragrafu 4 għandu jitħassar.

3. L-AMBJENT

**3.1. Id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-proċeduri ta' sorveljanza u monitoraġġ ta' ambjenti milquta mill-iskart tal-industrija tad-dijossidu ta' titanju** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 82/883/KEE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta għall-progress xjentifiku u tekniku l-kontenut tal-Annessi fir-rigward tal-parametri elenkati fil-kolonna "determinazzjoni mhux obbligatorja" u l-metodi ta' referenza ta' kejl. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 82/883/KEE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 82/883/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 9 għandu għall-progress xjentifiku u tekniku li ġej:

"*Artikolu 9*

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi meħtieġa biex tadatta għall-progress xjentifiku u tekniku l-kontenuti tal-Annessi fir-rigward tal-parametri elenkati fil-kolonna "determinazzjoni mhux obbligatorja" u l-metodi ta' referenza għall-kejl.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).";

2) l-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat.

([1]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 1.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.”.

3.2. **Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b’mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 86/278/KEE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta għall-progress tekniku u xjentifiku d-dispożizzjonijiet tal-Annessi. Billi dawk il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 86/278/KEE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 86/278/KEE hija b’dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 13*

Il-Kummissjoni għandha tadatta għall-progress tekniku u xjentifiku d-dispożizzjonijiet tal-Annessi għad-Direttiva, bl-eċċezzjoni għall-parametri u l-valuri elenkati fl-Annessi I A, I B u I C, kwalunkwe fattur li x’aktarx jaffettwa l-evalwazzjoni tal-valuri, u l-parametri għall-analiżi msemmija fl-Annessi II A u II B.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2).”;

2) l-Artikolu 15 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 15*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.”.

3.3. **Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ** ([2])

Fir-rigward tad-Direttiva 94/62/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex teżamina u, fejn meħtieġ, tirrevedi l-eżempji illustrattivi għad-definizzjoni ta’ imballaġġ u biex tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom livelli ta’ konċentrazzjoni ta’ metalli tqal preżenti fl-imballaġ jew fil-komponenti tal-imballaġ ma japplikawx għal ċerti materjali u ċirkwiti tal-prodotti, it-tipi ta’ mballaġġ eżenti mill-ħtieġa rigward il-livelli ta’ konċentrazzjoni u l-miżuri tekniċi meħtieġa biex jitrattaw kull diffikultà li wieħed jiltaqa’ magħha fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, inter alia billi jissupplimentawha b’elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 94/62/KE hija b’dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 3, punt (1), ir-raba’ subparagrafu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, teżamina u, fejn meħtieġ, tirrevedi l-eżempji illustrattivi dwar id-definizzjoni ta’ imballaġġ mogħtija fl-Anness I. L-oġġetti li ġejjin għandhom jiġu indirizzati bħala prijorità: kaxxi tas-CD u l-vidjo, qsari, tubi u ċilindri li magħhom jiddawwar materjal flessibbli, karta approprjata għal tikketti bi twaħħil proprju u karti għat-tgeżwir. Billi dawn il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3).”;

2) l-Artikolu 11(3) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom il-livelli tal- konċentrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma japplikawx għall-materjali riċiklati u għaċ-ċirkwiti tal-prodotti li jkunu f’katina magħluqa jew kontrollata, kif ukoll it-tipi ta’ imballaġġ li huma eżenti mir-rekwiżiti msemmija fit-tielet inċiż tal-paragrafu 1.

([1]) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6.
([2]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3).";

3) l-Artikolu 12(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi u l-preżentazzjoni tad-data provduta u biex id-data tal-Istati Membri ssir kompatibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-data disponibbli tagħhom f'formati li għandhom jiġu adottati fuq il-bażi tal-Anness III, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(2).";

4) l-Artikolu 19 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 19*

**Adattament għall-progress xjentifiku u tekniku**

1. L-emendi meħtieġa għall-adattament tal-progress xjentifiku u tekniku tas-sistema ta' identifikazzjoni (kif imsemmija fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, l-aħħar inċiż) u tal-formati relatati mas-sistema tad-database (kif imsemmija fl-Artikolu 12(3) u l-Anness III) għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi meħtieġa biex l-eżempji illustrattivi għad-definizzjoni ta' imballaġġ (kif imsemmija fl-Anness I) jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3).";

5) l-Artikolu 20(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-miżuri tekniċi meħtieġa biex titratta kwalunkwe diffikultà li tinqala' fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari, għall-materjali tal-imballaġġ inerenti, imqiegħda fis-suq fi kwantitajiet żgħar ħafna (i.e. madwar 0,1 % bl-użin) fil-Komunità, l-imballaġġ primarju għall-apparat mediku u prodotti farmaċewtiċi, imballaġġ żgħir u imballaġġ ta' lussu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3).";

6) l-Artikolu 21(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

3.4. **Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 1999/32/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tistabbilixxi kriterji għall-użu ta' teknoloġiji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet minn bastimenti ta' kull bandiera f'portijiet u estwarji magħluqa fil-Komunità u biex tadotta l-emendi meħtieġa biex tagħmel adattamenti tekniċi għal xi dispożizzjonijiet fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 1999/32/KE, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 1999/32/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 4c(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji mill-Kummissjoni għall-użu tat-teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet minn bastimenti li jtajru kwalunkwe bandiera f'portijiet u estwarji magħluqa fil-Komunità. Billi dawn il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva biex jissupplimentawha, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2). Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawn il-kriterji lill-IMO.";

2) l-Artikolu 7(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Kwalunkwe emenda meħtieġa biex isiru adattamenti tekniċi fl-Artikolu 2, il-punti 1, 2, 3, 3a, 3b u 4 jew fl-Artikolu 6(2) fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2). Dawn l-adattamenti m'għandhomx jirriżultaw f'bidliet diretti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew fil-limiti fuq il-kubrit fil-karburant speċifikati f'din id-Direttiva.";

([1]) ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.

3) l-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

3.5. **Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2001/81/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex taġġorna l-metodoloġiji li għandhom jintużaw skont l-Anness III. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dik id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2001/81/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 7(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej

"4. Kwalunkwe aġġornament tal-metodoloġiji li għandhom jintużaw skont l-Anness III, għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).";

2) l-Artikolu 13(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

3.6. **Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità** ([2])

Fir-rigward tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11b(5) biex ikunu adottati linji gwida għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tal-emissjonijiet, biex ikun adottat Regolament għal sistema standardizzata u sigura ta' uffiċċji tar-reġistrazzjoni inklużi dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-użu u l-identifikazzjoni tas-CERs u l-ERUs fl-iskema tal-Komunità u l-monitoraġġ tal-livell ta' dan l-użu, biex temenda l-Anness III kif stabbilit fl-Artikolu 22, biex tapprova l-inklużjoni ta' attivitajiet u gassijiet serra li m'humiex elenkati fl-Anness I, biex tfassal kwalunkwe dispożizzjoni meħtieġa għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti skont l-istrumenti ta' ftehim ma' pajjiżi terzi u biex tadotta metodi standardizzati jew aċċettati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra oħra. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2003/87/KE, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2003/87/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 11b, il-paragrafu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"7. Id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, b'mod partikolari fir-rigward tal-evitar ta' għadd doppju, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 23(2). Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu fejn il-parti ospitanti tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibilità kollha għall-attivitajiet tal-proġett JI. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

2) fl-Artikolu 14(1), l-ewwel sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' gassijiet serra speċifikati fil-kuntest ta' dawk l-attivitajiet. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

(1) ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.
(2) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

3) l-Artikolu 19(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sabiex timplimenta din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament għal sistema standardizzata u sigura ta' uffiċċji tar-reġistrazzjoni fil-għamla ta' databases elettroniċi u standardizzati li jkun fihom elementi komuni ta' informazzjoni sabiex jittraċċjaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, sabiex jipprovdu l-aċċess lill-pubbliku u għall-kunfidenzjalità kif xieraq u sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda trasferiment li jkun inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kyoto. Dak ir-Regolament għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-identifikazzjoni ta' CERSs u ERUs fl-iskema tal-Komunità u dwar il-monitoraġġ tal-livell ta' tali użu. Dik il-miżura, mfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

4) l-Artikolu 22 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*

**Emendi għall-Anness III**

Il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness III, minbarra l-kriterji 1, 5 u 7, għall-perjodu taż-żmien mill-2008 sal-2012 fid-dawl tar-rapporti previsti fl-Artikolu 21 u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

5) l-Artikolu 23(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

6) l-Artikolu 24 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Filwaqt li jitqiesu l-kriterji rilevanti kollha, b'mod partikolari l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tal-iskema u l-affidabilità tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rappurtaġġ ippjanata, l-Istati Membri jistgħu, mill-2008, japplikaw għal skambji ta' kwoti ta' emissjonijiet skont din id-Direttiva għal:

(a) installazzjonijiet li m'humiex elenkati fl-Anness I, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' dawn l-installazzjonijiet tkun approvata mill-Kummissjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 23(2), u

(b) attivitajiet u gassijiet serra li m'humiex elenkati fl-Anness I, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet u gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dik id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).

Mill-2005, l-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt l-istess kondizzjonijiet l-iskambji ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I taħt il-limiti tal-kapaċità msemmija f'dak l-Anness.";

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba ta' Stat Membru tadotta linji gwida għall-monitoraġġ u r-rappurtar għall-emissjonijiet minn attivitajiet, installazzjonijiet u gassijiet bl-effett serra li mhumiex elenkati fl-Anness I jekk il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' dawn l-emmisjonijiet jistgħu jitwettqu bi preċiżjoni suffiċjenti.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

7) l-Artikolu 25(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn jiġi konkluż ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta kwalunkwe dispożizzjoni meħtieġa relatata mar-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti ta' dak il-ftehim. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).";

8) fl-Anness IV, il-paragrafu taħt it-titolu “Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta’ gassijiet oħra tas-serra” għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Għandhom jintużaw metodi standardizzati jew aċċettati, żviluppati mill-Kummissjoni f’kollaborazzjoni mal-partijiet rilevanti kollha. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva billi jissupplimentawha għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).”.

3.7. **Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 850/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tistabbilixxi ċerti limiti tal-konċentrazzjoni fl-annessi, biex temenda l-annessi kull meta xi sustanza titniżżel fil-Konvenzjoni jew fil-Protokoll, biex timmodifika l-annotazzjonijiet eżistenti u biex tadatta l-annessi għall-progress xjentifiku u tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 850/2004, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 huwa b’dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(a) skart li jkun fih jew li jkun kontaminat b’xi sustanza elenkata fl-Anness IV jista’ bħala alternattiva jintrema jew jiġi rkuprat skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità, bil-kondizzjoni li l-kontenut tas-sustanzi elenkati fl-iskart għandu jkun taħt il-limiti tal-konċentrazzjoni li għandhom jiġu speċifikati fl-Anness IV. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 17(3). Sa dak iż-żmien li l-limiti tal-konċentrazzjoni jiġu stabbiliti skont din il-proċedura, l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tista’ tadotta jew tapplika limiti tal-konċentrazzjoni jew rekwiżiti tekniċi speċifiċi dwar ir-rimi jew l-irkupru ta’ skart taħt dan il-punt.”;

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Il-limiti tal-konċentrazzjoni fl-Anness V, il-parti 2 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-paragrafu 4(b) ta’ dan l-Artikolu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 17(3).”;

2) l-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 14*

**Emendi għall-Annessi**

1. Kull meta sustanza tiġi elenkata fil-Konvenzjoni jew fil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, temenda l-Annessi I, II u III kif meħtieġ.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 16(3).

2. Kull meta sustanza tiġi elenkata fil-Konvenzjoni jew fil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, temenda l-Anness IV kif meħtieġ.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 17(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta modifiki għall-annotazzjonijiet eżistenti fl-Annessi I, II u III, inkluż l-adattament tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 16(3).

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta modifiki tal-annotazzjonijiet eżistenti fl-Anness IV u modifiki għall-Anness V, inkluż l-adattament tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku.

[1] ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 17(3).";

3) l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

4) l-Artikolu 17(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

3.8. **Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2004/107/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta ċerti dispożizzjonijiet u Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2004/107/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/107/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"9. Irrispettivament mil-livelli ta' konċentrazzjoni għandu jiġi installat post wieħed fejn jinġabru l-kampjuni ta' sfond kull 100 000km$^2$ għall-kejl indikattiv fl-arja ambjentali, tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju gassuż totali, il-benzo(a)pirene u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fil-paragrafu 8, u tad-depożizzjoni totali ta' arseniku, kadmju, merkurju, nikil, benzo(a)pirene u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fil-paragrafu 8. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mill-inqas stazzjon ta' kejl wieħed. Madankollu, bi ftehim u skont linji gwida li jridu jiġu mfassla taħt il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 6(2), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu stazzjon jew diversi stazzjonijiet komuni ta' kejl li jkopru ż-żoni ġirien fl-Istati Membri kontigwi, sabiex tintlaħaq riżoluzzjoni tal-ispazju meħtieġ. Il-kejl ta' merkurju bivalenti gassuż u ta' partikulati ta' merkurju hu wkoll rakkomandat. Fejn xieraq, il-monitoraġġ għandu jkun ikkoordinat mal-istrateġija ta' monitoraġġ u l-programm ta' kejl tal-Monitoraġġ u l-Istima ta' Sustanzi li Jniġġsu (EMEP). Is-siti ta' fejn jinġabru l-kampjuni ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu għandhom jintgħażlu b'tali mod li l-varjazzjoni ġeografika u t-tendenzi fuq perijodu twil jistgħu jiġu identifikati. Għandhom japplikaw is-Sezzjonijiet I, II, u II tal-Anness III.";

(b) Il-paragrafu 15 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"15. Kwalunkwe emenda meħtieġa sabiex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u tas-Sezzjoni II tal-Anness II u tal-Annessi III, IV u V għall-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3). Dawn jistgħu ma jirriżultawx f'xi tibdil dirett jew indirett fil-valuri ta' mira.";

2) l-Artikolu 5(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 6(2), kwalunkwe arranġament dettaljat biex tingħadda l-informazzjoni li hija mitluba taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

3) l-Artikolu 6(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

4) l-Anness V, il-punt V għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"V. **It-tekniki ta' referenza ta' mudellar tal-kwalità tal-arja**

Fil-preżent it-tekniki ta' referenza ta' mudellar għall-kwalità tal-arja ma jistgħux jiġu speċifikati. Il-Kummissjoni tista' tagħmel emendi biex tadatta dan il-punt għall-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 6(3).".

([1]) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.

3.9. **Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta’ skart** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda l-annessi kif stabbiliti fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u biex tadotta ċerti miżuri addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006. Billi dawk il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 inter alia billi jissuplimentawhom b’ elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huwa b’dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Jekk ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti, kwalunkwe mill-Istati Membri jista’ jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tiddetermina l-kwistjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 59a(2).”;

2) l-Artikolu 58 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 58*

**Emendi għall-Annessi**

1. Il-Kummissjoni tista’ temenda l-Annessi biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 59a(3). B’żieda ma’ dan:

(a) l-Annessi I, II, III, IIIA, IV u V għandhom jiġu emendati sabiex jitqiesu l-bidliet miftehma taħt il-Konvenzjoni ta’ Basel u d-Deċiżjoni tal-OECD;

(b) jistgħu jiġu miżjuda tipi ta’ skart mhux klassifikat mal-Annessi IIIB, IV jew V fuq bażi proviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fl-Annessi rilevanti tal-Konvenzjoni ta’ Basel jew id-Deċiżjoni tal-OECD;

(ċ) fuq il-preżentazzjoni ta’ talba ta’ xi Stat Membru, jistgħu jiġu kkunsidrati taħlitiet ta’ żewġ tipi jew iżjed ta’ skart elenkati fl-Anness III sabiex jiġu inklużi fl-Anness IIIa fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) fuq bażi proviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fl-Annessi pertinenti mal-Konvenzjoni ta’ Basel jew mad-Deċiżjoni tal-OECD. L-Anness IIIA jista’ jinkludi l-kondizzjoni li xi entrata jew aktar m’għandhiex tapplika għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li għalihom ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD;

(d) għandhom jiġu determinati l-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 3(3) u, fejn ikun meħtieġ, skart bħal dan għandu jiżdied mal-Annessi IVA u V u mħassra mill-Anness III;

(e) l-Anness V għandu jiġi emendat sabiex jirrifletti l-bidliet miftiehma għal-lista ta’ skart perikoluż adottati skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE;

(f) l-Anness VIII għandu jiġi emendat biex jirrifletti l-konvenzjonijiet u l-istrumenti ta’ ftehim internazzjonali rilevanti.

2. Meta jiġi emendat l-Anness IX, il-Kumitat stabbilit mid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta’ Diċembru 1991 biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta’ ċerti Direttivi dwar l-ambjent (*) għandu jkun assoċjat bis-sħiħ mad-deliberazzjonijiet.

(*) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48.”;

3) l-Artikolu 59 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 59*

**Miżuri addizzjonali**

1. Il-Kummissjoni tista’ tadotta, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 59a(2), il-miżuri addizzjonali li ġejjin relatati mal-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament:

(a) linji gwida għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(g);

(b) linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 relatati mal-identifikazzjoni u s-sorveljanza ta’ skart sottopost għal bidliet sostanzjali fl-operazzjoni ta’ rkupru jew rimi temporanju;

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

(ċ) linji gwida għall-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' vjeġġi illegali kif imsemmija fl-Artikolu 24;

(d) rekwiżiti tekniċi u organizzattivi għall-implimentazzjoni prattika tal-iskambju tad-data elettronika biex ikunu ppreżentati d-dokumenti u l-informazzjoni skont l-Artikolu 26(4);

(e) aktar gwida dwar l-użu tal-lingwi kif imsemmi fl-Artikolu 27;

(f) aktar kjarifika tar-rekwiżiti proċedurali tat-Titolu II fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għall-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u t-tranżitu tal-iskart minn, lejn u ġewwa l-Komunità;

(g) aktar rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw termini legali mhux definiti.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) metodu biex tiġi kkalkulata l-garanzija finanzjarja jew l-assigurazzjoni ekwivalenti kif stabbilit fl-Artikolu 6;

(b) aktar kondizzjonijiet u rekwiżiti relatati ma' faċilitajiet ta' rkupru li dwarhom ikun hemm qbil minn qabel kif imsemmija fl-Artikolu 14.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 59a(3).";

4) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 59a*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/12/KE.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

5) l-Artikolu 63 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Bl-eċċezzjoni ta' skart tal-ħġieġ, skart tal-karta u skart tat-tajers pnewmatiċi, dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 59a (2).";

(b) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Dan il-perijodu jista' jiġi estiż sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 59a(2).";

(ċ) il-paragrafu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan il-perijodu jista' jiġi estiż sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015 skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 59a(2).";

(ii) il-ħames subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan il-perijodu jista' jiġi estiż sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59a(2).".

4. L-EUROSTAT

4.1. **Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 3924/91, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex taġġorna l-lista ta' prodotti li għandhom x'jaqsmu ma' dak ir-Regolament. Għandha tingħatalha setgħa wkoll biex tadotta regoli dettaljati dwar ir-rappreżentattività u l-perjodiċità ta' ċerti prodotti u biex tistabbilixxi l-arranġamenti għall-kontenut tal-istħarriġ u miżuri ta' implimentazzjoni, inklużi miżuri għall-aġġustament għall-progress tekniku dwar il-ġbir tad-data u l-ipproċessar tar-riżultati. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KEE) Nru 3924/91, inter alia biex jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KEE) Nru 3924/91 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 2(6) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Il-lista Prodcom u l-informazzjoni li tkun fil-fatt ġiet miġbura għal kull intestatura għandhom jiġu aġġornati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).";

2) l-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 il-kliem "skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "skont il-proċedura ta' mmaniġġjar msemmija fl-Artikolu 10(2).";

(b) il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Regoli dettaljati biex jiġi applikat il-paragrafu 3, inklużi miżuri għall-aġġustament għall-progress tekniku, għandhom jiġu adottati, kif meħtieġ, mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).";

3) l-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 4*

**Il-Perjodi ta' Stħarriġ**

L-istħarriġ għandu jkopri perjodu annwali ta' sena kalendarja waħda.

Madankollu, fil-każ ta' ċerti intestaturi fil-Lista Prodcom, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li għandu jitwettaq stħarriġ ta' kull xahar jew ta' kull tliet xhur. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).";

4) l-Artikolu 5(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-informazzjoni meħtieġa għandha tinġabar mill-Istati Membri permezz ta' kwestjonarji għall-istħarriġ li l-kontenut tagħhom għandu jkun konformi mal-arranġamenti definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).";

5) l-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**L-ipproċessar tar-riżultati**

L-Istati Membri għandhom jipproċessaw il-kwestjonarji kkompletati msemmija fl-Artikolu 5(1) jew l-informazzjoni minn sorsi oħra msemmija fl-Artikolu 5(3) skont ir-regoli dettaljati adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).";

6) fl-Artikolu 7(2) il-kliem "b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "skont il-proċedura ta' mmaniġġjar msemmija fl-Artikolu 10(2).";

([1]) ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1.

7) l-Artikolu 9 għandu jitħassar;

8) l-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

**Proċedura ta' kumitati**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat ta' Programm tal-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandha jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.".

4.2. **Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 dwar stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 96/16/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta d-definizzjonijiet dwar l-azjendi agrikoli li fosthom l-Istati Membri għandhom jagħmlu stħarriġ dwar il-produzzjoni tal-ħalib u l-użu tiegħu, tadotta l-lista tal-prodotti tal-ħalib koperti mill-istħarriġ u biex tfassal definizzjonijiet standard li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 96/16/KE billi jissuplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 96/16/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 1, il-punt 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. għandhom iwettqu stħarriġ annwali dwar il-produzzjoni ta' ħalib u l-użu tiegħu fl-azjendi agrikoli kif definiti mill-Kummissjoni. Il-miżuri li jiddefinixxu l-azjendi agrikoli mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

2) l-Artikolu 3(2) u (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-lista ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-istħarriġ għandha tkun adottata mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).

3. Id-definizzjonijiet standard li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni tar-riżultati għall-prodotti varji għandhom jitfasslu mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmmija fl-Artikolu 7(3).";

3) fl-Artikolu 5(2) u fl-Artikolu 6(1), il-kliem "skont il-proċedura preskritta fl-Artikolu 7" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont il-proċedrua regolatorja msemmija fl-Artikolu 7(2)".

4) l-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola, imwaqqaf mid-Deċiżjoni 72/279/KEE.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1), miżuri ta' implimentazzjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 12(2), u emendi tal-Annessi II jew III, bħala miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3),";

6) l-Artikolu 12(3) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

6.9. **Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali mfassla għall-konsum uman** (1)

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda jew tadatta l-annessi tiegħu u biex tadotta miżuri tranżitorji, b'mod partikolari speċifikazzjonijiet ulterjuri tar-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 16 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 16*

Miżuri tranżitorji ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, partikolarment speċifikazzjonijiet ulterjuri tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).

Miżuri oħra ta' implimentazzjoni jew ta' tranżizzjoni jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2).";

2) l-Artikolu 17(1) u (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Annessi I, II, III, IV, V u VI jistgħu jiġu emendati jew supplimentati mill-Kummissjoni biex jiġi kkunsidrat il-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).

2. Eżenzjonijiet mill-Annessi I, II, III, IV, V u VI jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni, bil-kondizzjoni li dawn ma jaffettwawx il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament blli jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).";

(1) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

3) il-formulazzjoni introduttorja tal-Artikolu 18 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 16 u l-Artikolu 17(1), jistgħu jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 19(2), u emendi għall-Annessi I, II, III, IV, V jew VI, bħala miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3), biex jispeċifikaw:";

4) l-Artikolu 19(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

### 6.10. **Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tiddefinixxi l-kriterji mikrobijoloġiċi u l-miri li għandhom jikkonformaw magħhom l-operaturi fin-negozju tal-għalf tal-annimali, biex tadotta miżuri relatati mal-approvazzjoni tal-istabbilimenti, biex temenda l-Annessi I, II u III u biex tagħti derogi għal dawk l-annessi. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, inter alia billi jissuplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kriterji u l-miri msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament blli jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 31(3).";

2) fl-Artikolu 10, il-punt (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) hija meħtieġa l-approvazzjoni b'Regolament adottat mill-Kummissjoni. Din il-miżura, mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 31(3).";

3) l-Artikolu 27 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*

**Emendi għall-Annessi I, II u III**

L-Annessi I, II u III jistgħu jiġu emendati biex jikkunsidraw:

(a) l-iżvilupp ta' kodiċi ta' prattika tajba;

(b) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tas-sistemi bbażati fuq l-HACCP skont l-Artikolu 6;

(ċ) l-iżviluppi teknoloġiċi;

(d) l-pariri xjentifiċi, b'mod partikolari valutazzjonijiet tar-riskju ġodda;

(e) l-iffissar ta' miri tas-sigurtà tal-għalf;

u

(f) l-iżvilupp ta' ħtiġijiet marbutin ma' operazzjonijiet speċifiċi.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 31(3).";

([1]) ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

4) l-Artikolu 28 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 28*

**Derogi mill-Annessi I, II u III**

Jistgħu jingħataw derogi mill-Annessi I, II u III mill-Kummissjoni għal raġunijiet partikolari, bil-kondizzjoni li dawn id-derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-għanijiet stabbiliti ta’ dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament blli jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 31(3).”;

5) l-Artikolu 31(3) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.”.

7. ENERĠIJA U TRASPORT

7.1. **Ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 1985 dwar l-apparat ta’ reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tagħmel l-emendi meħtieġa biex tadatta l-Annessi għall-progress tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 huwa b’dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 5, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Is-sigurtà tas-sistema għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness I B. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-Anness imsemmi jistipula li l-apparat ta’ reġistrazzjoni jista’ ma jingħatax l-approvazzjoni tal-komponent tat-tip KE sakemm is-sistema kollha (l-apparat ta’ reġistrazzjoni nnifsu, il-karta tas-sewwieq u l-konnessjonijiet elettriċi tal-gearbox) ma tagħtix prova tal-kapaċità tagħha li tirreżisti tentattivi biex isiru tbagħbis jew alterazzjonijiet fid-data dwar il-ħinijiet tas-sewqan. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2). It-testijiet meħtieġa biex jiġi stabbilit dan għandhom isiru minn esperti li jkunu midħla ma’ modi ta’ teknika aġġornati ta’ tbagħbis.”;

2) l-Artikolu 17(1) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-emendi meħtieġa biex jiġu adattati l-annessi għall-progress tekniku, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(2).”;

3) l-Artikolu 18 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 18*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.”.

7.2. **Id-Direttiva 97/70/KE tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta’ sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta’ tul ta’ 24 metru jew aktar** [2]

Fir-rigward tad-Direttiva 97/70/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta dispożizzjonijiet għall-interpretazzjoni armonizzata ta’ dispożizzjonijiet tal-Anness tal-Protokoll ta’ Torremolinos u, għall-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa biex temenda ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tal-Annessi tagħha sabiex jiġu applikati, għall-finijiet tad-Direttiva, l-emendi sussegwenti tal-Protokoll ta’ Torremolinos li dahlu fis-seħħ wara l-adozzjoni tad-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 97/70/KE, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

[1] ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.

[2] ĠU L 34, 9.2.1998, p. 1.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 97/70/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 4(4)(b), il-kliem "skont il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 9" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2).";

2) fl-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-adattamenti li ġejjin, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(3):

(a) dispożizzjonijiet jistgħu jiġu adottati u mdaħħla għal:

— interpretazzjoni armonizzata ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Anness għall-Protokoll ta' Torremolinos li tħallew fid-diskrezzjoni tal-amministrazzjonijiet tal-partijiet kontraenti individwali, sa fejn hu meħtieġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom fil-Komunità,

— l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr ma jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(b) l-Artikoli 2, 3, 4, 6 u 7 ta' din id-Direttiva jistgħu ikunu adattati u l-Annessi tagħha jistgħu jiġu emendati biex jiġu applikati, għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-emendi għall-Protokoll ta' Torremolinos li jkunu daħlu fis-seħħ wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.";

3) l-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Proċedura ta' kumitati**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (**), filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahrejn.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.".

7.3. **Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta'veloċità kbira għall-passiġġieri** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 1999/35/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-Annessi, id-definizzjonijiet, u r-referenzi għall-istrumenti tal-Komunità u l-istrumenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jinġiebu konformi mal-miżuri tal-Komunità jew tal-IMO li daħlu fis-seħħ sussegwentement. Għandha tingħata setgħa, ugwalment, lill-Kummissjoni biex temenda l-annessi sabiex ittejjeb is-sistema stabbilita mid-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 1999/35/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 1999/35/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 4(1), l-aħħar sentenza, l-Artikolu 11(6) u (8), u l-Artikolu 13(3), it-tieni u l-aħħar sentenzi, il-kliem "il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16" għandu jinbidel bil-kliem "il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 16(2).";

([1]) ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1.

2) l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 16*

**Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta’ Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahrejn.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.”;

3) l-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 17*

*Proċedura ta’ emenda*

L-Annessi ta’ din id-Direttiva, id-definizzjonijet, ir-referenzi għal strumenti tal-Komunità u r-referenzi għal strumenti tal-IMO jistgħu jiġu adattati sa fejn dan ikun meħtieġ sabiex jinġiebu konformi ma’ miżuri tal-Komunità jew tal-IMO li jkunu daħlu fis-seħħ, iżda mingħajr ma jitwessa’ l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

L-Annessi ta’ din id-Direttiva jistgħu jiġu adattati wkoll meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġu mtejba l-arranġamenti stabbiliti minn din id-Direttiva, iżda mingħajr ma jitwessa’ l-kamp tal-applikazzjoni tagħha.

Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 16(3).

L-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.”.

7.4. **Ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Frar 2002 dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta’ ħtiġiet ta’ buq doppju jew ta’ disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b’buq wieħed** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 417/2002, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda ċerti referenzi għar-Regolamenti rilevanti fil-MARPOL 73/78 u għar-Riżoluzzjonijiet MEPC 111(50) u 94(46), sabiex ir-referenzi jiġu allinjati mal-emendi għal dawn ir-Regolamenti u r-Riżoluzzjonijiet adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), sakemm dawn l-emendi ma jwessgħux il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dak ir-Regolament. Billi dawn il-miżuri huma ta’ kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 417/2002, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 huwa b’dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 10*

**Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta’ Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.”;

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 1.

2) fl-Artikolu 11, l-ewwel paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' temenda r-referenzi f'dan ir-Regolament għar-Regolamenti tal-Anness I għall-MARPOL 73/78, kif ukoll għar-Riżoluzzjonijiet MEPC 111(50) u 94(46) kif emendata bir-Riżoluzzjonijiet MEPC 99(48) u 112(50), sabiex ir-referenzi jiġu allinjati mal-emendi għal dawk ir-Regolamenti u r-Riżoluzzjonijiet adottati mill-IMO, sa fejn dawn l-emendi ma jwessgħux il-kamp tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(2).".

7.5. **Ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti** [1]

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 782/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tistabbilixxi reġim armonizzat ta' perizja u ċertifikazzjoni għal ċerti bastimenti, biex tieħu ċerti miżuri dwar il-bastimenti li jtajru bandiera ta' Pajjiż terz, biex tistabbilixxi proċeduri għall-kontrolli mill-Istat tal-port, u biex temenda ċerti referenzi u annessi biex jiġi kkunsidrat l-iżviluppi fuq livell internazzjonali, partikolarment fi ħdan l-IMO, jew sabiex issaħħaħ l-effikaċja ta' dak ir-Regolament meta titqies l-esperjenza miksuba. Billi dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 782/2003, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1(b), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi reġim armonizzat ta' perizja u ċertifikazzjoni għal dawn il-bastimenti. Billi din il-miżura hija mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, hija għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9 (2).";

(b) il-paragrafu 3 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"3. Jekk il-Konvenzjoni AFS ma tkunx daħlet fis-seħħ sa [l-1 ta' Jannar 2007], il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri adatti sabiex tippermetti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat terz li juru l-konformità tagħhom mal-Artikolu 5. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9 (2).";

2) fl-Artikolu 7, it-tieni paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk il-Konvenzjoni AFS ma tkunx daħlet fis-seħħ fl-[1 ta' Jannar 2007], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri adatti għal dawn il-kontrolli. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9 (2).";

3) l-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u b'mod partikolari fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), jew biex titjieb l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza, il-Kummissjoni tista' temenda r-referenzi għall-Konvenzjoni AFS, għaċ-Ċertifikat AFS, għad-Dikjarazzjoni AFS u għad-Dikjarazzjoni dwar il-Konformità AFS u l-Annessi ma' dan ir-Regolament, inklużi l-linji gwida rilevanti tal-IMO b'rabta mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni AFS. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).";

4) l-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(1) ĠU L 115, 9.5.2003, p. 1.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.";

7.6. **Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2004/8/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tirrevedi l-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għall-produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana, biex tadatta l-limiti ta' valuri stabbiliti fl-Artikolu 13 għall-progress tekniku, u biex tistabbilixxi u tadatta għall-progress tekniku l-linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Anness II ta' dik id-Direttiva, inkluża d-determinazzjoni tal-proporzjon ta' enerġija elettrika għall-enerġija termali. Billi dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2004/8/KE, inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/8/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 4(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għal produzzjoni separata ta' elettriċità u sħana msemmija fil-paragrafu 1, għall-ewwel darba fil-21 ta' Frar 2011, u kull erba' snin minn dakinhar, biex tieħu qies tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-kambjamenti fid-distribuzzjoni tal-għejjun tal-enerġija. Kull miżura li tirriżulta minn dan l-eżami, mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).";

2) l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

**Adattament għall-progress tekniku**

1. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-limiti tal-valuri użati għall-kalkolazzjoni ta' elettriċità mill-koġenerazzjoni imsemmija fl-Anness II(a) għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-limiti ta' valuri għall-kalkolazzjoni ta' effiċjenza tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni u tfaddil ta' enerġija primarja msemmija fl-Anness III(a) għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-linji gwida biex jiġu stabbiliti l-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali msemmija fl-Anness II(d) għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).";

3) l-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.";

4) fl-Anness II, il-punt (e) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Anness II, inkluża d-determinazzjoni tal-proporzjon ta' enerġija elettrika għal enerġija termali. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).".

([1]) ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

7.7. **Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2004/52/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex taddatta l-anness u biex tieħu d-deċiżjonijiet relatati mad-definizzjoni tas-servizz Ewropew tas-sistemi elettroniċi tat-taxxa tat-toroq. Il-Kummissjoni għandha tingħata wkoll is-setgħa biex tieħu d-deċiżjonijiet tekniċi relatati mat-twettiq tas-servizz Ewropew tas-sistemi elettroniċi tat-taxxa tat-toroq. Billi dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2004/52/KE, inter alia billi jissuplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/52/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta xieraq, l-Anness jista' jiġi adattat għal raġunijiet tekniċi. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(2).";

(b) il-paragrafi 4, 5 u 6 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Id-deċiżjonijiet dwar id-definizzjoni tas-servizz Ewropew ta' sistemi elettroniċi tat-taxxa tat-toroq għandhom jittieħdu mill-Kummmissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(2). Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu biss jekk il-kondizzjonijiet kollha, valutati fuq il-bażi ta' studji xierqa, ikunu disponibbli biex l-interoperabilità tkun tista' taħdem mill-aspetti kollha, inklużi l-kondizzjonijiet tekniċi, ġuridiċi u kummerċjali.

5. Id-deċiżjonijiet tekniċi dwar it-twettiq tas-servizz Ewropew ta' sistemi elettroniċi tat-taxxa tat-toroq għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(2).";

2) l-Artikolu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat dwar Ġbir Elettroniku tat-Taxxa tat-Toroq.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha."

7.8. **Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet** ([2])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tiddeċiedi jekk l-emendi għall-Annessi, li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti miżuri speċjali biex itejbu s-sigurtà marittima tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, u tal-Kodiċi Internazzjonali dwar is-sigurtà tal-vapuri u tal-portijiet, li japplikaw awtomatikament għat-traffiku internazzjonali għandhomx japplikaw ukoll għal vapuri li joperaw servizzi lokali u l-portijiet li jagħtuhom is-servizzi. Billi dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jistabbilixxi l-ħtiġijiet u l-miżuri ta' sigurtà u huwa bbażat fuq strumenti internazzjonali li jistgħu jiġu emendati. Meta, għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-limiti normali ta' żmien għall-proċedura regolatorja bi skrutinju ma jistgħux jiġu osservati, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124.
([2]) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 10(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-integrazzjoni ta' emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 rigward il-vapuri li joperaw servizzi lokali u l-portijiet li jagħtuhom is-servizzi, li għalihom japplika dan ir-Regolament, sakemm dawn jikkostitwixxu aġġornar tekniku tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11 (4); għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 11(5). Il-proċedura għall-iċċekkjar tal-konformità stabbilita fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika f'dawn il-każijiet.";

2) l-Artikolu 10(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet sabiex tiddefinixxi proċeduri armonizzati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Kodiċi ISPS, mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11 (4).

Għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 11(5).";

3) l-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 11*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodi stabbiliti fl-Artikolu 6(b) u (c) rispettivament tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahar.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

5. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

7.9. **Ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-trasferiment tal-bastimenti tat-tagħbija u tal-passiġġieri bejn ir-reġistri ġewwa l-Komunità** ([1])

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 789/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda ċerti definizzjonijiet biex tikkunsidra l-iżviluppi fuq livell internazzjonali, partikolarment fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), u biex tagħmel ir-Regolament aktar effikaċi meta jitqiesu l-esperjenza miksuba u l-progress tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta' kaamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 789/2004, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

([1]) ĠU L 138, 30.4.2004, p. 19.

Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) l-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

(*) ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.";

2) Fl-Artikolu 9(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fuq livell internazzjonali, partikolarment fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u biex tikber l-effikaċja ta' dan ir-Regolament bis-saħħa tal-esperjenza miksuba u l-progress tekniku, il-Kummissjoni tista' temenda d-definizzjonijiet li jidhru fl-Artikolu 2 safejn dawn l-emendi ma jwessgħux il-kamp tal-applikazzjoni tiegħu. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).".

7.10. **Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2005/44/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex taddatta l-annessi għall-progress tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2005/44/KE, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2005/44/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

**Proċedura ta' emenda**

L-Annessi I u II jistgħu jiġu emendati fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u adattati għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(4).";

2) l-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 11*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta perijodikament lir-rappreżentanti tas-settur.

---

(*) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.".

7.11. **Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet** ([1])

Fir-rigward tad-Direttiva 2005/65/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-Annessi tagħha. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2005/65/KE, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Id-Direttiva 2005/65/KE tistabbilixxi rekwiżiti u miżuri ta' sigurtà u hija bbażata fuq strumenti internazzjonali li jistgħu jkunu emendati. Meta għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-limiti normali ta' żmien għall-proċedura regolatorja bi skrutinju ma jistgħux jiġu osservati, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għall-adattament tal-Annessi tagħha.

Għal din ir-raġuni, l-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2005/65/KE għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

**Adattamenti**

Il-Kummissjoni tista' tadatta l-Annessi I sa IV mingħajr ma' twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2).

Għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 15(3).

*Artikolu 15*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) 725/2004.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

---

([1]) ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.

**Indiċi kronoloġiku**

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers

2. Id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' għalf kompost

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tikkonċerna ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni tal-annimali

4. Id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-proċeduri ta' sorveljanza u monitoraġġ ta' ambjenti milquta mill-iskart tal-industrija tad-dijossidu ta' titanju

5. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura

7. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali

8. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili

9. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

10. Id-Direttiva 96/16/KE tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib

11. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 ta' April 1996 dwar iċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' materjali tal-għalf tal-bhejjem

12. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja

13. Id-Direttiva 97/70/KE tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar

14. Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi

15. Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' stħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta'veloċità kbira għall-passiġġieri

16. Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra

17. Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi

18. Id-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott

19. Ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta' ħtiġiet ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed

20. Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali

21. Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-statistika tat-trasport bil-ferrovija

22. Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru

23. Ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti

24. Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets

25. Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti

26. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità

27. Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ ta' żoonosi u tal-aġenti żoonotiċi

28. Ir-Regolament (KE) Nru 48/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja annwali rigward l-industrija tal-azzar għas-snin ta' referenza 2003-2009

29. Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga

30. Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija

31. Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorju (GLP) (Verżjoni kodifikata)

32. Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (verżjoni kodifikata)

33. Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti

34. Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

35. Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet

36. Ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-trasferiment tal-bastimenti tat-tagħbija u tal-passiġġieri bejn ir-reġistri ġewwa l-Komunità

37. Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri

38. Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti

39. Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel

40. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali

41. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman

42. Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità

43. Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali

44. Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf

45. Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità

46. Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet

47. Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart

# REGOLAMENT (KE) Nru 220/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Marzu 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 ([3]) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill jipprevedi li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE ([5]), li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għal adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi jitneħħew uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument jiġi ssupplimentat b'elementi ġodda mhux essenzjali.

(3) B'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([6]) rigward id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun tapplika għall-atti li huma diġà fis-seħħ u li kienu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawn għandhom jiġu adattati skont il-proċeduri applikabbli.

(4) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, ir-Regolament (KE) Nru 1923/2006 ([7]) introduċa biss il-proċedura regolatorja bi skrutinju għal ċerti miżuri ta' implimentazzjoni li kienu kkonċernati mill-emendi. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandu jkun adottat għall-bqija tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

(5) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tapprova testi rapidi, biex testendi ċerti dispożizzjonijiet għal prodotti oħra li joriġinaw minn annimali, biex tadotta regoli tal-implimentazzjoni inkluż il-metodu biex tiġi kkonfermata l-Enċifalopatija Sponġiformi Bovina (BSE) fin-nagħaġ u l-mogħoż, biex temenda l-Annessi u biex tadotta miżuri tranżizzjonali. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(6) Huwa wkoll xieraq li, wara l-konferma tal-preżenza ta' enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSE), tiġi limitata l-possibbiltà għal Stati Membri li japplikaw miżuri oħra għal każi biss fejn l-approvazzjoni ta' dawk il-miżuri mill-Kummissjoni tkun ibbażata fuq evalwazzjoni favorevoli tar-riskju filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-miżuri ta' kontroll f'dak l-Istat Membru u li joffru livell ekwivalenti ta' protezzjoni.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandu jkun emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5(3), it-tielet subparagrafu għandu jinbidel kif ġej:

"It-testijiet rapidi għandhom jiġu approvati għal dan l-għan skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3) u mdaħħla f'kull lista stabbilita fl-Anness X, Kapitolu C, punt 4."

([1]) ĠU C 211, 19.8.2008, p. 47.
([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2009.
([3]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([5]) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.
([6]) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 1.

(2) L-Artikolu 9(3) għandu jinbidel kif ġej:

"3. Id-dispożizzjonijiet ta-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness V, għal ruminanti li ġew sottoposti għal kull test alternattiv li ġie rikonoxxut bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3), sakemm dan it-test ikun elenkat fl-Anness X, fejn ir-riżultati tat-test kienu negattivi.";

(3) Fl-Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, Stat Membru jista' japplika miżuri oħra li joffru livell ta' protezzjoni ekwivalenti bbażat fuq evalwazzjoni favorevoli tar-riskju skont l-Artikoli 24a u 25, b'kunsiderazzjoni b'mod partikulari tal-miżuri ta' kontroll f'dak l-Istat Membru, jekk dawk il-miżuri ġew approvati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 24(2)."

(4) L-Artikolu 16(7) għandu jinbidel kif ġej:

"7. B'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 6 jistgħu jiġu estiżi għal prodotti oħra derivati mill-annimali. Regoli għall-implimentazzjoni għandhom jiġu adottati sabiex jiġi implimentat dan l-Artikolu b'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 24(2)."

(5) L-Artikolu 20(2) għandu jinbidel kif ġej:

"2. Fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, regoli għall-implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 24(2). Il-metodu biex tiġi kkonfermata l-BSE f'annimali tal-familji tan-nagħaġ u tal-mogħoż, għandu jiġi adottat skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3)."

(6) Fl-Artikolu 23, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel kif ġej:

"Wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku adatt dwar kull kwistjoni li jista' jkollha impatt fuq is-saħħa pubblika, l-annessi għandhom jiġu emendati jew supplimentati u kull miżura tranżizzjonali xierqa għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24 (3).";

(7) L-Artikolu 23a għandu jinbidel kif ġej:

(a) Il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) approvazzjoni tat-testijiet rapidi msemmija fl-Artikolu 5(3) it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 6 (1), l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3),";

(b) Il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"(k) estensjoni għal prodotti oħra li joriġinaw minn annimali tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 16,

(l) adozzjoni tal-metodu biex tiġi kkonfermata l-BSE fin-nagħaġ u l-mogħoż imsemmi fl-Artikolu 20(2),

(m) emenda jew suppliment għall-annessi u adozzjoni ta' kull miżura xierqa tranżitorja msemmija fl-Artikolu 23."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, il-11 ta' Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

**REGOLAMENT (KE) Nru 221/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-11 ta' Marzu 2009**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 ([2]) jipprevedi li ċerti miżuri għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([3]).

(2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsil 2006/512/KE ([4]), li daħħlet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi jitneħħew uħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument ikun supplimentat b'elementi ġodda mhux essenzjali.

(3) Skond id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([5]) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, biex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għall-istrumenti diġà fis-seħħ adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawn l-istrumenti għandhom ikunu adottati skond il-proċeduri applikabbli.

(4) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tiddefinixxi l-kriterji xierqa ta' valutazzjoni tal-kwalità kif ukoll tal-kontenut tar-rapporti ta' kwalità, biex timplimenta r-riżultati tal-istudji pilota u biex tadatta l-kontenut tal-annessi. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 huwa emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 1(5) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' ekwivalenza bejn in-nomenklatura statistika tal-Anness III għal dan ir-Regolament u l-lista tal-iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/532/KE (*). Din il-miżura, imfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7 (3) ta' dan ir-Regolament.";

(*) ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

2) L-Artikolu 3(1) għandu jiġi stabbilit b'dan li ġej :

"1. L-Istati Membri għandhom, waqt li jirrispettaw il-kondizzjonijiet ta' kwalità u ta' preċiżjoni ddefiniti skond it-tieni subparagrafu, jiġbru d-data meħtieġa għall-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi elenkati fl-Annessi I u II permezz ta':

— stħarriġ,

— sorsi amministrattivi jew oħrajn, bħalma huma l-obbligi ta' rappurtaġġ fil-qafas tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-immaniġġjar tal-iskart,

— proċeduri tal-istima statistika fuq il-bażi ta' kampjuni jew ta' stimaturi relatati mal-iskart, jew

— tlaqqigħ ta' dawn il-mezzi flimkien.

([1]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009.

([2]) ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([4]) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

([5]) ĠU C 225, 21.10.2006, p. 1.

Il-kondizzjonijiet ta' kwalità u ta' preċiżjoni għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri. maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7 (3).

Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet tax-xogħol, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom, fil-limiti u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni fl-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tagħhom, ikollhom aċċess għas-sorsi tad-data amministrattiva.";

3) Fl-Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja sa 100 % tal-ispejjeż għat-tmexxija tal-istudji pilota. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-istudji pilota, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawk il-miżuri, mhasuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.";

4) L-Artikolu 5(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-istudji pilota, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-possibbiltajiet li jiġu miġbura statistiċi għall-attivitajiet u l-karatteristiċi koperti mill-istudji pilota dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-iskart. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

5) L-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 7(2).

B'mod partikolari, dawn għandhom jinkludu miżuri:

(a) għall-elaborazzjoni ta' riżultati skond l-Artikolu 3 (2), (3) u (4), filwaqt li jitqiesu l-istrutturi ekonomiċi u l-kondizzjonijiet tekniċi fi Stat Membru. Dawn il-miżuri jistgħu jippermettu li Stat Membru ma jikkomunikax ċerti elementi li jidhru fil-klassifikazzjoni, bil-kondizzjoni li jiġi ppruvat li l-impatt fuq il-kwalità tal-istatistika ikun limitat. Fil-każijiet kollha fejn jingħataw eżenzjonijiet, għandha tiġi kkumpilata l-ammont totali ta' skart għal kull element elenkat fit-Taqsimiet 2(1) u 8(1) tal-Anness I;

(b) għall-iffissar tal-modalitajiet xierqa għall-komunikazzjoni tar-riżultati mill-Istati Membri b'limitu taż-żmien ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Madankollu, il-miżuri mhasuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, relatati mal-iskopijiet li ġejjin, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3):

(a) għall-aġġustament tal-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi fil-ġbir u l-ipproċessar statistiku tad-data, kif ukoll għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni tar-riżultati;

(b) għall-aġġustament tal-ispeċifikazzjonijiet elenkati fl-Annessi I, II u III;

(c) għad-definizzjoni tal-kriterji xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità u tal-kontenut tar-rapporti tal-kwalità msemmija fit-Taqsima 7 tal-Annessi I u II;

(d) għall-implimentazzjoni tar-riżultati tal-istudji pilota, kif speċifikata fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5(1).";

6) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5(a)(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tiegħu.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (**) l-abbozzi tal-miżuri li tkun bihsiebha tissottometti lill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi.";

(*) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.
(**) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9

7) L-Artikolu 8(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni, għandha, fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-progress tal-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5 (1). Jekk meħtieġ, hi għandha tipproponi reviżjonijiet tal-istudji pilota, li għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

8) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 2(2) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2. Skond l-obbligu ta' rappurtaġġ previst fid-Direttiva 94/62/KE, il-Kummissjoni ser tħejji programm għal studji pilota li għandhom ikunu eżegwiti fuq bażi volontarja mill-Istati Membri sabiex tkun evalwata r-rilevanza li jkunu inklużi entrati tal-imballaġġ tal-iskart (EWC-Stat Verżjoni 3) fil-lista dettaljata mniżżla fil-punt 1. Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja sa 100 % tal-infiq għat-twettiq ta' dawn l-istudji pilota. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' dawn l-istudji pilota, il-Kummissjoni ser tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

(b) It-Taqsima 7(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal kull entrata elenkata fit-Taqsima 8 (attivitajiet u djar), l-Istati Membri ser jindikaw il-proporzjon bejn l-istatistiċi stabbiliti u t-totalità tal-iskart tal-istess entrata. Ir-rekwiżit minimu għall-kopertura ser ikun definit mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).";

9) L-Anness II għandu jkun emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 7(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 3, u għal kull entrata fost it-tipi differenti ta' ħidmiet elenkati fit-Taqsima 8(2), l-Istati Membri ser jindikaw il-proporzjon bejn l-istatistiċi stabbiliti u t-totalità tal-iskart tal-istess entrata. Ir-rekwiżit minimu għall-kopertura ser ikun definit mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3)."

(b) It-Taqsima 8(3) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tħejji programm għal studji pilota, li għandhom ikunu eżegwiti fuq bażi volontarja mill-Istati Membri. L-istudji pilota ser jimmiraw li jevalwaw ir-relevanza u l-fattibilità li tittieħed data dwar l-ammont ta' skart ikkundizzjonat minn operazzjonijiet preparatorji, kif definit fl-Annessi II.A u II.B tad-Direttiva 2006/12/KE. Il-Kummissjoni ser tiffinanzja sa 100 % tal-infiq għal dawn l-istudji pilota. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-istudji pilota, il-Kummissjoni ser tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jikkompletawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(3).".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, il-11 ta' Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

**REGOLAMENT (KE) Nru 222/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-11 ta' Marzu 2009**

**li temenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet bażiċi għall-istatistika Komunitarja rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri.

(2) Fil-qafas tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2006 dwar it-tnaqqis tal-piż tar-rispons, is-simplifikazzjoni u l-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal- istatistika Komunitarja, l-Intrastat, is-sistema għall-ġbir ta' statistika Komunitarja rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri, ġie identifikat bħala qasam fejn is-simplifikazzjoni hija possibbli u mixtieqa.

(3) Tista' tittieħed azzjoni immedjata biex tnaqqas il-piż tal-istatistika billi titbaxxa r-rata ta' kopertura tad-data miġbura permezz tal-Intrastat. Dan jista' jsir billi jiġu awmentati l-limiti li taħthom il-partijiet huma eżentati milli jipprovdu informazzjoni dwar l-Intrastat. Konsegwentement, is-sehem tal-istatistika bbażata fuq estimi magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali għandu jiżdied.

(4) Għal effiċjenza fuq tul ta' żmien twil, għandhom jitqiesu passi oħra biex ikompli jitnaqqas il-piż tal-istatistika, filwaqt li tinżamm l-istatistika li tissodisfa l-indikaturi tal-kwalità u l-istandards fis-seħħ. Tali passi jistgħu jinkludu t-tnaqqis ulterjuri tar-rati ta' kopertura minimi obbligatorji tal-ammonti totali li jkunu telqu u li jkunu waslu, kif ukoll l-introduzzjoni futura possibbli ta' sistema ta' fluss waħdieni. Għal dan il-għan, il-valur, il-vijabilità u l-impatt fuq il-kwalità ta' passi bħal dawn għandhom jiġu investigati ulterjorment mill-Kummissjoni.

(5) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'data annwali miġbura dwar il-kummerċ imqassma mill-karatteristiċi tal-kummerċ. L-utenti għalhekk se jkunu provduti b'informazzjoni ta' natura statistika ġdida dwar kwistjonijiet ekonomiċi rilevanti, u tip ta' analiżi ġdida se ssir possibbli, per eżempju l-analiżi ta' kif il-kumpaniji Ewropej joperaw fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, mingħajr ma jimponu dawn ir-rekwiżiti l-ġodda tal-istatistika fuq il-kumpaniji li jirrappurtaw. Ir-rabta bejn l-istatistika tan-negozju u tal-kummerċ għandha tiġi stabbilita permezz tal-għaqda tal-informazzjoni mir-reġistru tal-operaturi intra-Komunitarji ma' l-informazzjoni mitluba mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 177/2008 tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għal reġistri tan-negozji għall-għanijiet tal-istatistika ([3]).

(6) Is-setgħat implimentattivi biex titnaqqas il-kopertura minima tal-kummerċ għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat implimentattivi għandhom jiżguraw flessibilità għal bidliet possibbli futuri msejsa fuq evalwazzjoni regolari tal-limiti f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jinstab kompromess mill-aħjar bejn il-piż tal-istatistika u l-preċizjoni tad-data.

(7) It-tnaqqis tal-kopertura minima tal-kummerċ jitlob miżuri biex jagħmlu tajjeb għall-ġbir mhux daqshekk komplut ta' data li jispjega l-impatt negattiv fuq il-kwalità, speċjalment fuq il-preċiżjoni tad-data. Għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex tirrestrinġi l-arranġamenti ta' kwalità tal-Istati Membri u b' mod partikolari biex tiddefinixxi l-kriterja għall-istima tal-kummerċ mhux miġbura permezz tal-Intrastat.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 jipprevedi li ċerti miżuri għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

(9) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE hija emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE ([5]), li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi jitħassru uħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw l-istrument b' elementi ġodda mhux essenzjali.

(10) Skont id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([6]) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, biex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għall-istrumenti adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat li diġà huma fis-seħħ, dawk l-istrumenti għandhom jiġu aġġustati konformement mal-proċeduri applikabbli.

([1]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-19 ta' Frar 2009.

([2]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.

([3]) ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([5]) ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

([6]) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

(11) B' mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta regoli differenti jew speċifiċi li japplikaw għal merkanzija jew movimenti speċifiċi; li tadatta l-perjodu ta' referenza sabiex jittieħed kont tar-rabta mal-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud u tad-dwana; li tiddetermina l-arranġamenti għall-ġbir tal-informazzjoni li għandha tinġabar mill-awtoritajiet nazzjonali, partikolarment il-kodiċijiet li għandhom jitużaw; li tadotta l-kopertura minima tal-Intrastat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi; li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jistgħu jissimplifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata għal tranżazzjonijiet individwali żgħar; li tiddefinixxi d-data aggregata mibġura li għandha tiġi trażmessa u l-kriterji li magħhom iridu jkunu konformi r-riżultati tal-istimi; li tadotta dispożizzjonijiet implimentattivi għall-ġbir tal-istatistika billi torbot id-data dwar il-karatteristiċi tan-negozju rreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 mal-istatistika dwar id-dispaċċ u l-wasla tal-merkanzija; u li tieħu kwalunkwe passi neċessarji biex tiġi żgurata l-kwalità tad-data. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 638/2004, inter alia, billi jissupplimentawh b' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli differenti jew speċifiċi li japplikaw għal merkanzija speċifika jew għal movimenti speċifiċi. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).".

(2) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-perjodu ta' referenza jista' jiġi adattat mill-Kummissjoni sabiex jittieħed kont tar-rabta ma' l-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tad-dwana. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).".

(3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-partijiet responsabbli li jipprovdu l-informazzjoni għas-sistema Intrastat għandhom ikunu:

(a) il-persuna taxxabbli kif definita fit-Titolu III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (*) fl-Istat Membru tad-dispaċċ, li:

(i) tkun ikkonkludiet kuntratt, bl-eċċezzjoni tal-kuntratti tat-trasport, li jagħti lok għal dispaċċ ta' merkanzija jew, fin-nuqqas ta' dan li,

(ii) tibgħat jew tipprovdi għall-dispaċċ tal-merkanzija jew, fin-nuqqas ta' dan li,

(iii) ikollha l-pussess tal-merkanzija li tkun is-suġġett għad-dispaċċ;

jew ir-rappreżentant tagħha tat-taxxa skont l-Artikolu 204 tad-Direttiva 2006/112/KE; u

(b) il-persuna taxxabbli kif definita fit-Titolu III tad-Direttiva 2006/112/KE, fl-Istat Membru tal-wasla, li:

(i) tkun ikkonkludiet il-kuntratt, bl-eċċezzjoni ta' kuntratti tat-trasport, li jagħti lok għal konsenja ta' merkanzija jew, fin-nuqqas ta' dan li,

(ii) tirċievi l-konsenja jew tipprovdi għal-konsenja tal-merkanzija jew, fin-nuqqas ta' dan li,

(iii) ikollha l-pussess tal-merkanzija li tkun is-suġġett tal-konsenja;

jew ir-rappreżentant tagħha tat-taxxa skont l-Artikolu 204 tad-Direttiva 2006/112/KE.".

---

(*) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

(4) Fl-Artikolu 8(2), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) mill-inqas darba fix-xahar, bil-listi tal-persuni taxxabbli li jkunu ddikjaraw li, matul il-perjodu msemmi, huma jkunu fornew prodotti lil Stati Membri oħra jew akkwistaw prodotti minn Stati Membri oħra. Il-listi għandhom juru l-valuri totali tal-prodotti ddikjarati minn kull wieħed mill-persuni taxxabbli għal raġunijiet fiskali;";

(5) L-Artikolu 9(1) huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) in-numru ta' identifikazzjoni individwali allokat lill-parti responsabbli biex tiġi provduta l-informazzjoni skont l-Artikolu 214 tad-Direttiva 2006/112/KE;";

(b) it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-definizzjonijiet tad-data statistika msemmija fil-punti minn (e) sa (h) huma provduti fl-Anness. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-arranġamenti għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni, b'mod partikolari l-kodiċijiet li għandhom jintużaw. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3)."

(6) L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-limiti li taħthom il-partijiet huma eżentati milli jipprovdu kwalunkwe informazzjoni dwar l-Intrastat għandhom jiġu ffisati f' livell li jiżgura li jkun kopert il-valur ta' mill-inqas 97 % tat-total tad-dispaċċi u mill-inqas 95 % tat-total tal-wasliet ta' persuni taxxabbli tal-Istati Membri relevanti.

Il-Kummissjoni għandha tadatta dawk ir-rati ta' kopertura tal-Intrastat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, kull meta tkun jkun possibli li tnaqqashom filwaqt li żżom statistika li tissodisfa l-indikaturi tal-kwalità u l-istandards fis-seħħ. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tispeċifka il-kundizzjonijiet li jiddefinixxu dawk il-limiti. Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).";

(ċ) il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet li jilħqu r-rekwiżiti ta' kwalità, jissimplifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata għal tranżazzjonijiet żgħar individwali. Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia,* billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 14(3).".

(7) L-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"l-Artikolu 11*

**Il-kunfidenzalità tal-istatistika**

Fil-każ uniku fejn il-parti jew il-partijiet li jkunu pprovdew l-informazzjoni hekk jitolbu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddeċiedu jekk ir-riżultati tal-istatistika, li permezz tagħhom huwa possibli li jista' jkun identifikati l-imsemmija fornituri, għandhomx jiġu disseminati jew emendati b'tali mod li d-disseminazzjoni tagħhom ma jippreġudikax il-konfidenzalità tal-istatistika.".

(8) L-Artikolu 12 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) 40 jum kalendarju wara t-tmiem tax-xahar ta' referenza għad-data miġbura biex tiġi definita mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia,* billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja biv skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).";

(b) fil-paragrafu 2, għandhom jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Ir-riżultati tal-estimi għandhom jikkonformaw mal-kriterji li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).";

(ċ) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika annwali dwar il-kummerċ mill-karatteristiċi tan-negozju, jiġifieri l-attività li tkun saret mill-impriża skont is-sezzjoni jew il-livell ta' 2 ċifri tal-klassifikazzjoni komuni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunita' Ewropea (NACE), kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u l-klassifikazzjoni skont id-daqs kkalkulat abbażi tan-numru ta' ħaddiema.

Din l-istatistika għandha tinġabar permezz tar-rabta bejn id-data dwar il-karatteristiċi tan-negozju rreġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozji għall-għanijiet ta' statistika (**) mal-istatistika msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Id-dispożizzjonijiet implimentattivi għall-ġbir tal-istatistika għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi

jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

(*) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
(**) ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6."

(9) L-Artikolu 13 *għandu jiġi* sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 13*

**Kwalità**

1. Għar-raġuni ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità li ġejjin għandhom japplikaw għall-istatistika li għandha tiġi trażmessa:

(a) 'rilevanza' li tirriferi għall-grad sa fejn l-istatistika tissodisfa ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti;

(b) 'preċiżjoni' li tirriferi għall-viċinanza tal-estimi għall-valuri reali mhux magħrufa;

(ċ) 'tempestività' li tirriferi għad-dewmien bejn id-disponibbiltà tal-informazzjoni u l-avveniment jew fenomenu li hija tiddeskrivi;

(d) 'puntwalità' li tirriferi għad-dewmien bejn id-data tar-rilaxx tad-data u d-data mmirata meta hija kellha tkun provduta;

(e) 'aċċessibbiltà' u 'ċarezza' li jirriferu għall-kundizzjonijiet u modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jakkwistaw, jużaw u jinterpretaw data;

(f) 'komparabbiltà' li tirriferi għad-daqs tal-impatt ta' differenzi f'kunċetti applikati ta' statistika u strumenti u proċeduri ta' kejl meta l-istatistika tiġi mqabbla bejn zoni ġeografiċi, oqsma settorali jew fuq medda ta' żmien;

(g) 'koerenza' li tirriferi għall-adegwatezza tad-data sabiex din tiġi affidabbilment kombinata b'modi differenti u għal użi varji.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport dwar il-kwalità tal-istatistika trażmessa kull sena.

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-istatistika koperta minn dan ir-Regolament, il-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità għandhom jiġu definiti konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 14(2).

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità tal-istatistika trażmessa.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura l-kwalità tal-istatistika trażmessa konformement mal-kriterji tal-kwalità. Dawk il-miżuri mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).".

(10) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 *għandu jiġi* sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.".

(11) Fl-Anness, it-Taqsima 3, il- punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-ammont taxxabbli, li huwa l-valur li jrid jiġi determinat għal raġunijiet ta' taxxa skont id-Direttiva 2006/112/KE;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, il-11 ta' Marzu 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | A. VONDRA |

# REGOLAMENT (KE) Nru 223/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta’ Marzu 2009

## dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta’ data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 285 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u kumparabbiltà tal-Istatistika Ewropea, prodotti skont il-prinċipji stabbiliti skont l-Artikolu 285(2) tat-Trattat, il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni għandhom jiġu rinfurzati bejn l-awtoritajiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea.

(2) Għal dan l-iskop, il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni ta’ dawk l-awtoritajiet għandha tkun żviluppata b’mod aktar sistematiku u organizzat b’rispett sħiħ għas-setgħat nazzjonali u tal-Komunità u arranġamenti istituzzjonali u b’kont meħud tal-bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali bażiku eżistenti sabiex jiġi adattat għar-realtà kurrenti, sabiex jirrispondi aħjar għal sfidi futuri, u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm armonizzazzjoni aħjar tal-Istatistika Ewropea.

(3) Huwa għalhekk neċessarju li jiġu konsolidati l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u li tittejjeb il-governanza tagħha, b’mod partikolari bil-għan li jiġu ċċarati r-rwoli rispettivi tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSIs) u tal-awtoritajiet nazzjonali oħra, u tal-Awtorità tal-istatistika Komunitarja.

(4) Minħabba l-ispeċifità tal-NSIs u awtoritajiet oħra responsabbli f’kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, għandhom ikunu jistgħu jirċievu għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti skont l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta’ Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4].

(5) Meta jitqies it-tqassim tal-piż finanzjarju bejn il-baġits tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm tal-istatistika, il-Komunità għandha wkoll, f’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej [5], tagħmel kontributi finanzjarji lill-NSIs u awtoritajiet nazzjonali ohra biex dawn ikopru ż-żieda fl-ispejjeż li aktarx iġarrbu fit-twettiq tal-azzjonijiet tal-istatistika diretti temporanji li tkun iddeċidiet il-Kummissjoni.

(6) L-awtoritajiet tal-istatistika tal-Istati Membri tal-Assocjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, li huma firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [6] u tal-Iżvizzera għandhom, kif previst rispettivament fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu u l-Protokoll 30 għal dak il-Ftehim, u fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-koperazzjoni fil-qasam tal-istatistika [7], b’mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, ikunu assoċjati mill-qrib mal-koperazzjoni u koordinament rinfurzati.

(7) Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi żgurata koperazzjoni mill-qrib u koordinament adatt bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali (ESCB), notevolment biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta’ data kunfidenzjali bejn iż-żewġ sistemi għal għanijiet ta’ statistika, fid-dawl tal-Artikolu 285 tat-Trattat u l-Artikolu 5 tal-Protokol (Nru 18) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentral Ewropew anness mat-Trattat.

(1) ĠU C 291, 5.12.2007, p. 1.
(2) ĠU C 308, 3.12.2008, p. 1.
(3) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-19 ta’ Novembru 2008 (għadha m’hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta’ Frar 2009.
(4) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
(5) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(6) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
(7) ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2.

(8) L-Istatistika Ewropea għandha għalhekk tkun żviluppata, prodotta u disseminata kemm mill-ESS kif ukoll mill-ESCB imma taħt oqfsa legali separati li jirriflettu l-istrutturi rispettivi tal-governanza tagħhom. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 rigward il-ġbir tal-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]).

(9) Konsegwentement, u għalkemm il-membri tal-ESCB ma jieħdux sehem fil-produzzjoni tal-istatistika Ewropea skont dan ir-Regolament, wara ftehim bejn bank ċentrali nazzjonali u l-awtorita' komunitarja fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti nazzjonali bejn il-bank ċentrali nazzjonali u l-NSI u awtoritajiet nazzjonali oħra, data prodotta mill-bank ċentrali nazzjonali, direttament jew indirettament, tista' tiġi użata mill-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra u mill-awtorita' Komunitarja għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea. B'mod simili, il-membri tal-ESCB jistgħu, fi ħdan l-isferi ta' kompetenzi rispettivi tagħhom jużaw, direttament jew indirettament, data prodotta mill-ESS, sakemm il-ħtieġa tkun ġustifikata.

(10) Fil-kuntest ġenerali tar-relazzjonijiet bejn l-ESS u l-ESCB, il-Kumitat dwar l-istatistika monetarja, tal-finanzi u l-bilanċ tal-ħlasijiet stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE ([2]) għandu rwol importanti, b'mod partikolari permezz ta' għajnuna provduta lill-Kummissjoni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi tax-xogħol li jikkonċernaw l-istatistika monetarja, tal-finanzi u l-bilanċ tal-ħlasijiet.

(11) Fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fid-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aħjar prattika.

(12) Huwa importanti li tiġi żgurata koperazzjoni mill-qrib u koordinazzjoni xierqa bejn l-ESS u atturi oħra fis-sistema internazzjonali tal-istatistika sabiex jitħeġġeġ l-użu ta' kunċetti, klassifikazzjonijiet u metodi internazzjonali, l-aktar bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm aktar koerenza u kumparabilità aħjar bejn l-istatistika fuq livell dinji.

(13) Sabiex jiġu allinjati kunċetti u metodoloġiji fl-istatistika, għandha tiġi żviluppata koperazzjoni interdixxiplinarja adegwata mal-istituzzjonijiet akkademiċi.

